



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 11 ta' Diċembru 2018
(OR. en)**

**2016/0375 (COD)
LEX 1855**

**PE-CONS 55/1/18
REV 1**

**ENER 264
CLIMA 127
CODEC 1222**

REGOLAMENT

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**DWAR IL-GOVERNANZA TAL-UNJONI TAL-ENERĠIJA U TAL-AZZJONI KLIMATIKA,
LI JEMENDA D-DIRETTIVA 94/22/KE, ID-DIRETTIVA 98/70/KE, ID-DIRETTIVA 2009/31/KE,
IR-REGOLAMENT (KE) NRU 663/2009, IR-REGOLAMENT (KE) NRU 715/2009,
ID-DIRETTIVA 2009/73/KE, ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2009/119/KE,
ID-DIRETTIVA 2010/31/UE, ID-DIRETTIVA 2012/27/UE, ID-DIRETTIVA 2013/30/UE
U D-DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2015/652
U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENT (UE) NRU 525/2013**

**REGOLAMENT (UE) 2018/ ...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-11 ta' Diċembru 2018

**dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika,
li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE,
ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009,
id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE,
id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE
u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652
u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 34.

² ĠU C 342, 12.10.2017, p. 111.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018.

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi leġislattiva meħtieġa għal governanza affidabbli, inklużiva, kosteffikaċi, trasparenti u prevedibbli tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (il-"mekkaniżmu ta' governanza"), li tiżgura li jintlaḥqu l-oġġettivi u l-miri tal-2030 u fit-tul tal-Unjoni tal-Enerġija b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima b'segwitu għall-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi"), permezz ta' sforzi kumplimentari, koerenti u ambizzjużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, filwaqt li jillimita l-komplessità amministrattiva.
- (2) Jenħtieġ li l-Unjoni tal-Enerġija tkopri ħames dimensjonijiet: is-sigurtà tal-enerġija; is-suq intern tal-enerġija; l-effiċjenza enerġetika; id-dekarbonizzazzjoni; u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

- (3) L-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika ambizzjuża dwar il-klima fil-qalba tagħha huwa li l-konsumaturi tal-Unjoni, inklużi l-unitajiet domestiċi u n-negozji, jingħataw enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezz għall-but ta' kulħadd, u jitravmu r-riċerka u l-innovazzjoni billi jiġi attirat l-investment, li jirrikjedi trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa. Tali trasformazzjoni hija wkoll marbuta mill-qrib mal-hteġa li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mtejbja u li jiġi promoss l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar enerġetiku kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli. Dak l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni kkoordinata, li tlaqqa' flimkien kemm l-atti leġislattivi kif ukoll dawk mhux leġislattivi fil-livell tal-Unjoni, reġjonali, nazzjonali u lokali.
- (4) B'Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti, l-Unjoni tista' tinbidel f'reġjun ewlieni fl-innovazzjoni, l-investment, it-tkabbir u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, filwaqt li tagħti eżempju tajjeb dwar kif is-segwitu ta' ambizzjonijiet kbar f'termini ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima huwa marbut ma' miżuri li jħeġġu l-innovazzjoni, l-investment u t-tkabbir.
- (5) B'mod parallel ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni żviluppat u adottat sensiela ta' inizjattivi fil-politika settorjali dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u d-disinn tas-suq. Dawk l-inizjattivi jiffurmaw pakkett fl-ambitu tat-tema ġenerali li "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", ir-rwol mexxej globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli, u arranġament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija, inkluż billi jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u tiġi promossa l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern.

- (6) Fil-konklużonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew approva Qafas għall-Enerġija u l-Klima għall-2030 għall-Unjoni bbażat fuq erba' miri ewlenin fil-livell tal-Unjoni: tnaqqis ta' minn tal-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("GHGs") fl-ekonomija kollha, mira indikattiva ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika ta' minn tal-inqas ta' 27 %, li trid tiġi rieżaminata sal-2020 bl-għan li jkun hemm żieda fil-livell ta' 30 %, sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni ta' minn tal-inqas 27 %, u ta' interkonnnessjoni tal-elettriku ta' minn tal-inqas 15 %. Huwa speċifika li l-mira għall-enerġija rinnovabbli hija vinkolanti fil-livell tal-Unjoni u li din se tintlaħaq permezz ta' kontributi mill-Istati Membri ggwidati mill-hteġa li l-mira tal-Unjoni tintlaħaq b'mod kollettiv. Riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ introduċiet mira ġdida vinkolanti dwar l-enerġija rinnovabbli għall-Unjoni sal-2030 ta' minn tal-inqas 32 %, li tinkludi dispożizzjoni ta' rieżami bil-ħsieb li tgħolli l-mira fil-livell tal-Unjoni sal-2023. Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² stabbilixxew il-mira fil-livell tal-Unjoni għal titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030 għal minn tal-inqas 32,5 %, inkluż dispożizzjoni għal rieżami bil-ħsieb li jogħlew il-miri fil-livell tal-Unjoni.

¹ Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

² Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta'Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

- (7) Il-mira vinkolanti ta' minn tal-inqas 40 % tnaqqis domestiku ta' emissjonijiet ta' GHGs fl-ekonomija kollha sal-2030 meta mqabbla mal-1990 ġiet approvata formalment bħala l-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent li seħħet fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi għie ratifikat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016¹ u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Dan jieħu post l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997, li kien għie approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE² u li mhux se jitkompla wara l-2020. Jenħtieġ li s-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tiġi aġġornata f'dan is-sens.
- (8) Il-Ftehim ta' Pariġi jgħolli l-livell ta' ambizzjoni globali dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jistabbilixxi għan fit-tul b'konformità mal-obiettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi sabiex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.05.2002, p. 1).

- (9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura, l-Unjoni jenħtieġ li tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi GHGs mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar kmieni kemm jista' jkun u, meta jkun xieraq, biex minn hemm 'il quddiem jintlaħqu emissjonijiet negattivi.
- (10) Għas-sistema tal-klima l-emissjonijiet antropoġeniċi totali kumulattivi matul iż-żmien huma rilevanti għall-konċentrazzjoni totali ta' GHGs fl-atmosfera. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza diversi xenarji dwar il-kontribut tal-Unjoni għall-oġettivi fit-tul, fost l-oħrajn ix-xenarju dwar il-kisba netta ta' żero emissjonijiet ta' GHGs fl-Unjoni sal-2050 u livell ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' dawk ix-xenarji fuq il-baġit globali tal-karbonju u tal-Unjoni li jifdal. Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjji analiżi għall-finijiet ta' strateġija fit-tul tal-Unjoni għall-kontribut tal-Unjoni għall-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tkun ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali u li jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali, inkluż diversi xenarji differenti, fosthom xenarju fejn sal-2050 jixxejnu l-emissjonijiet netti tal-GHGs fl-Unjoni u jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-baġit tal-karbonju globali u tal-Unjoni.
- (11) Għalkemm l-Unjoni wiegħdet li sal-2030 se twettaq tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet ta' GHGs, it-theddida tat-tibdil fil-klima hi kwistjoni globali. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li għalhekk jaħdmu mas-sħab internazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw livell għoli ta' ambizzjoni mill-Partijiet kollha b'konformità mal-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

- (12) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel ukoll li jenħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' governanza affidabbli u trasparenti mingħajr l-ebda piż amministrattiv bla bżonn u bi flessibilità suffiċjenti għall-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-enerġija, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Il-Kunsill enfasizza li jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu ta' governanza jibni fuq elementi kostitwenti eżistenti, bħal pereżempju programmi nazzjonali dwar il-klima, pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u miġbura flimkien l-obbligi separati ta' ppjanar u ta' rapportar. Huwa qabel ukoll li jissaħħu r-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-investituri, fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku tal-indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezz għall-but ta' kulħadd, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli, u li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija u dwar il-klima u titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.
- (13) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2015 dwar Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li tħares 'il quddiem, il-Kummissjoni tirreferi għall-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' governanza integrata sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha marbuta mal-enerġija fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, u b'hekk jitwessa' l-ambitu tal-governanza – lil hinn mill-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 – għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.

- (14) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Novembru 2015 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, li jindirizzaw il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, huma għodod meħtieġa għal ipplanar iktar strateġiku tal-politika tal-enerġija u l-klima. Bħala parti minn dik il-komunikazzjoni, il-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ipprovdiet il-bażi għall-Istati Membri sabiex jibdeu jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali għall-perijodu mill-2021 sal-2030 u stabbiliet il-pilastri prinċipali tal-mekkaniżmu ta' governanza. Il-komunikazzjoni speċifikat ukoll li jenħtieġ li tali governanza tkun integrata fil-liġi.
- (15) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar is-sistema ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kunsill irrikonoxxa li l-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tkun għodda essenzjali għall-kostruzzjoni effiċjenti u effettiva tal-Unjoni tal-Enerġija u biex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Il-Kunsill enfasizza li jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' governanza jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' integrazzjoni ta' ppjanar u ta' rapportar strateġiċi dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija u l-koordinazzjoni bejn l-atturi responsabbli għall-politika dwar l-enerġija u l-klima, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni. Hu enfasizza wkoll li jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' governanza jiżgura li l-miri tal-enerġija u tal-klima mifthiema għall-2030 jintlaħqu u jenħtieġ li jwettaq monitoraġġ tal-progress kollettiv tal-Unjoni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija

- (16) Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni tal-Enerġija Ewropea" appellat biex il-mekkaniżmu ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jkun ambizzjuż, affidabbli, trasparenti, demokratiku u jinkludi għalkollox lill-Parlament Ewropew u jiżgura li jintlaħqu l-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030.
- (17) Il-Kunsill Ewropew saħaq ripetutament fuq il-ħtieġa li jittieħdu miżuri urġenti sabiex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira minima ta' 10 % għall-interkonnessjonijiet tal-elettriku. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li l-Kummissjoni – appoġġjata mill-Istati Membri – ser tiegħu miżuri urġenti sabiex tiżgura li tintlaħaq il-mira minima ta' 10 % għall-interkonnessjonijiet tal-elettriku, b'urġenza u mhux aktar tard mill-2020 tal-inqas għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux livell minimu ta' integrazzjoni fis-suq intern tal-enerġija. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2017 dwar it-tisħiħ tan-netwerks tal-enerġija tal-Ewropa tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-mira ta' 10 % għall-interkonnessjoni u tissuġġerixxi modi kif titħaddem il-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni għall-2030.

- (18) Jenħtieġ li l-għan ewlieni tal-mekkaniżmu ta' governanza għalhekk ikun li tippermetti li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari l-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, fis-settur tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika. Dawk l-oġġettivi u l-miri jirriżultaw mill-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u mill-ħtieġa li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mtejba u li jiġi promoss l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, kif previst fit-Trattati tal-UE. L-ebda wieħed minn dawk l-oġġettivi, li huma marbuta b'mod inseparabbli, ma jista' jitqies bħala sekondarju għall-ieħor. Għaldaqstant dan ir-Regolament huwa marbut mal-liġi settorjali li timplimenta l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġu flessibbiltà biex jagħżlu l-politiki li jkunu l-iktar xierqa għat-taħlita u għall-preferenzi nazzjonali tagħhom tal-enerġija, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun kompatibbli ma' integrazzjoni ulterjuri tas-suq, iżjed kompetizzjoni, il-kisba tal-oġġettivi tal-klima u tal-enerġija u l-bidla gradwali lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

- (19) Tranżizzjoni soċjalment aċċettabbli u ġusta lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investment, fir-rigward kemm tal-investment pubbliku kif ukoll dak privat, u inċentivi fil-firxa kollha tal-politika, filwaqt li jkunu kkunsidrati ċ-ċittadini u r-reġjuni li jistgħu jintlaqtu ħażin mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Sabiex jintlaħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' GHGs jeħtieġ li tingħata spinta lill-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea u b'mod partikolari jenħtieġ li jinħolqu wkoll impjegi sostenibbli, inkluż fis-setturi b'teknoloġija avvanzata, u li dan iwassal ukoll għal titjib fil-kwalità tal-arja u tas-saħħa pubblika.
- (20) Fid-dawl tal-impenji internazzjonali meħuda fil-Ftehim ta' Pariġi, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw l-azzjonijiet li jieħdu biex gradwalment ineħħu s-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari għall-karburanti fossili. Fir-rapport tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jibbażaw ruħhom fuq id-definizzjonijiet eżistenti għas-sussidji għall-karburanti fossili użati b'mod internazzjonali.
- (21) Peress li l-biċċa l-kbira tal-GHGs u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu minn sorsi komuni, il-politika mfassla biex jitnaqqsu l-GHGs jista' jkollha kobenefiċċji għas-saħħa pubblika u għall-kwalità tal-arja, b'mod partikolari f'żoni urbani, li jistgħu jpaċu l-kostijiet fuq medda qasira tal-mitigazzjoni tal-GHGs. Peress li d-data rrapportata skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ tirrappreżenta kontribut importanti għall-kompilazzjoni tal-inventarju tal-GHGs u tal-pjanijiet nazzjonali, jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tal-kompilazzjoni u tar-rapportar ta' data konsistenti bejn id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-inventarju tal-GHGs.

¹ Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

- (22) L-esperjenza li nġemgħet fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ indikat li hemm ħtieġa ta' sinerġiji u koerenza mar-rapportar skont strumenti legali oħra, b'mod partikolari mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², mar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u mar-Regolament (KE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. L-użu ta' data konsistenti għar-rapportar tal-emissjonijiet ta' GHGs huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tar-rapportar tal-emissjonijiet.

¹ Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

² Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

³ Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

⁴ Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

⁵ Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

- (23) B'konformità mal-impenn sod tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, u konsistenti ma' politika li tippromwovi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-investment, jenħtiegħ li l-mekkaniżmu ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jwassal għal tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv u tal-komplessità għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, għall-Kummissjoni u għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni. Jenħtiegħ li tgħin ukoll biex jiġu żgurati l-koerenza u l-adegwatezza tal-politiki u tal-miżuri fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fir-rigward tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta'emissjonijiet tal-karbonju.
- (24) Jenħtiegħ li jiġi żgurat li l-oġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' inizzjattivi tal-Unjoni u ta' politiki nazzjonali koerenti stabbiliti fi pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-liġi settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ippjanar, li kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali. L-introduzzjoni tagħhom fi żminijiet differenti wasslet għal trikkib u għal kunsiderazzjoni insuffiċjenti tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika, għad-detriment tal-kosteffiċjenza. Għalhekk jenħtiegħ li l-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ attwalment separati fl-oqsma tal-klima u tal-enerġija jiġu ssimplifikati u integrati kemm jista' jkun.

- (25) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkopru perijodi ta' għaxar snin u jipprovdu stampa ġenerali tas-sistema tal-enerġija u tas-sitwazzjoni ta' politika attwali. Jenħtieġ li dawn jistabbilixxu objettivi nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-politiki u l-miżuri korrispondenti biex jintlaħqu dawk l-objettivi kif ukoll li dawn ikollhom bażi analitika. Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jkopru l-ewwel perijodu mill-2021 sal-2030 jagħtu attenzjoni partikolari lill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, tal-enerġija rinnovabbli, tal-effiċjenza enerġetika u tal-interkonnnessjoni tal-elettriku għall-2030.
- Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu konsistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u jikkontribwixxu biex dawn jintlaħqu. Fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkun jistgħu jibnu fuq l-istrateġiji jew il-pjanijiet nazzjonali eżistenti. Għall-ewwel abbozz u għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima finali, tiġi pprovduta skadenza differenti meta mqabbla ma' pjanijiet sussegwenti, sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-ewwel pjanijiet tagħhom wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu l-ewwel abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom kmieni kemm jista' jkun fl-2018, sabiex tkun tista' ssir tħejjija kif meħtieġ, b'mod partikolari fir-rigward tad-djalogu faċilitattiv li għandu jitlaqqa' fl-2018 skont id-deċiżjoni 1/CP.21 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC).

- (26) Fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti standards tal-għajxien bażiċi fil-kuntest nazzjonali rilevanti, il-politika soċjali eżistenti u politiki rilevanti oħra, kif ukoll il-gwida indikattiva tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi rilevanti, inkluża d-dispersjoni ġeografika, li jkunu bbażati fuq approċċ komuni għall-faqar enerġetiku. Stat Membru li jsib li jkollu għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, jenħtieġ li fil-pjan nazzjonali tiegħu ta' tnaqqis tal-faqar enerġetiku jinkludi objettiv indikattiv.
- (27) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell obbligatorju għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima biex jiġi żgurat li l-pjanijiet nazzjonali kollha jkunu komprensivi biżżejjed u biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil u l-aggregazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu d-dettalji tal-pjanijiet nazzjonali li jirriflettu l-preferenzi u l-ispeċifikitajiet nazzjonali.

- (28) L-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima għandha impatt fuq l-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa u jiġi kkonsultat għat-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima b'konformità, meta jkun applikabbli, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNECE") dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-involvement tas-sħab soċjali fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u jimmiraw li jillimitaw il-kumplessità amministrattiva meta jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-konsultazzjoni pubblika.
- (29) Meta jwettqu l-konsultazzjonijiet pubbliċi, u b'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw sabiex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali, li l-pubbliku jkun infurmat permezz ta' avviżi pubbliċi jew mezzi xierqa oħra bħall-midja elettronika, li l-pubbliku jkun jista' jkollu aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha, u li arranġamenti prattiċi relatati mal-parteċipazzjoni tal-pubbliku jiġu stabbiliti.

¹ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

- (30) Kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi djalogu permanenti f'diversi livelli dwar l-enerġija filwaqt li jiġbor flimkien l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn biex jiddiskutu l-alternattivi differenti previsti għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija. Jenħtieġ li l-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tal-Istat Membru kif ukoll l-istrategġja fit-tul tiegħu jkunu jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dak id-djalogu. Id-djalogu jista' jseħħ permezz ta' kwalunkwe struttura nazzjonali, bħal sit web, pjattaforma ta' konsultazzjoni pubblika jew għodda ta' komunikazzjoni interattiva oħra.
- (31) Il-kooperazzjoni reġjonali hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu b'mod kostottimali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita din il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-opportunità jikkumentaw dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri l-oħra qabel ma jiġu ffinalizzati biex jiġu evitati inkonsistenzi u impatti negattivi potenzjali fuq Stati Membri oħra u jiġi żgurat li l-oġettivi komuni jintlaħqu b'mod kollettiv. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni reġjonali fl-elaborazzjoni u fil-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom tkun essenzjali għat-titjib tal-effettività u tal-effiċjenza tal-miżuri u għat-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq u tas-sigurtà tal-enerġija.

- (32) Meta jikkooperaw fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu fora reġjonali ta' kooperazzjoni eżistenti, bħalma huma l-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP), il-Konnettività fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), is-Suq tal-Enerġija Reġjonali taċ-Ċentru-Punent (CWREM), l-Inizjattiva tal-Grid Barra mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSCOGI), il-Forum Pentalaterali dwar l-Enerġija, l-Interkonnessjonijiet fl-Ewropa tal-Lbiċ u s-Sħubija Ewro-Mediterranja. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw kooperazzjoni mal-partijiet kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, mal-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea u, meta jkun xieraq, ma' pajjiżi terzi rilevanti oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista', bil-ħsieb li tippromwovi l-integrazzjoni tas-suq, il-politiki kosteffiċjenti, il-kooperazzjoni effettiva, sħubijiet u konsultazzjonijiet, tidentifika aktar opportunitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali li jkopru wieħed jew aktar mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija b'konformità ma' dan ir-Regolament, b'viżjoni fit-tul, abbażi tal-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq.
- (33) Il-Kummissjoni tista' tiddiskuti ma' pajjiżi terzi rilevanti sabiex tesplora l-possibbiltà li testendilhom l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati mal-kooperazzjoni reġjonali.

- (34) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu stabbli biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tal-investment. Madankollu jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali jkunu aġġornati darba matul il-perijodu kopert ta' għaxar snin biex l-Istati Membri jingħataw l-opportunità li jadattaw għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkostanzi. Jenħtieġ li għall-pjanijiet li jkopru l-perijodu 2021 sal-2030, l-Istati Membri jaġġornaw il-pjanijiet tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2024. Jenħtieġ li l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi jiġu mmodifikati biss biex jirriflettu żieda ġenerali fl-ambizzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Bħala parti mill-aġġornamenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex itaffu kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jirriżulta bħala parti mir-rapportar integrat.
- (35) Strateġiji stabbli fit-tul huma kruċjali biex jikkontribwixxu għal trasformazzjoni ekonomika, impjiegi, tkabbir u biex jintlaħqu għanijiet ta' żvilupp sostenibbli usa', kif ukoll biex iqarrbu b'mod ġust u kosteffikaċi lejn l-għan fit-tul stabbilit bil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, sal-2020, il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi mistiedna jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom tal-iżvilupp fit-tul u ta' nofs is-seklu dwar l-emissjonijiet baxxi ta' GHGs. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2018 tippreżenta, sal-ewwel kwart tal-2019, proposta għal strateġija fit-tul tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' GHGs b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.

- (36) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji fit-tul b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena biex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji tal-Istati Membri konsistenti skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest tal-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ferm taħt iż-2° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali kif ukoll il-kisba tat-tnaqqis fit-tul fl-emissjonijiet ta' GHGs u t-tisħiħ tal-assorbiment mill-bjar fis-setturi kollha b'konformità mal-oġettiv tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom fit-tul b'mod miftuħ u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw opportunitajiet effettivi għall-pubbliku biex jipparteċipa fit-tnejn tagħhom. Il-pjanijiet integrati nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul jenħtieġ li jkunu konsistenti ma' xulxin.
- (37) Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) huwa espost ħafna u vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima. Fl-istess ħin, dan is-settur għandu potenzjal enormi biex jipprovdi benefiċċji fit-tul għall-klima u biex jikkontribwixxi b'mod sinifikanti ħalli jintlaħqu l-miri Ewropej u daww internazzjonali dwar il-klima fuq terminu twil. Dan jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jnaqqas l-emissjonijiet, iżomm u jżid il-bjar u l-ħażniet tal-karbonju, u jipprovdi materjali bijoloġiċi li jistgħu jissostitwixxu l-materjali fossili u materjali intensivi fl-użu tal-karbonju. Huma essenzjali strateġiji fit-tul li jappoġġaw investiment sostenibbli bl-għan li jizzied l-assorbiment effettiv tal-karbonju kif ukoll ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u stabbiltà u adattabbiltà fit-tul tar-raggruppamenti tal-karbonju.

- (38) Fl-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet ulterjuri, huwa importanti li ssir valutazzjoni sħiħa tal-kostijiet u l-benefiċċji, inkluż tal-impatti tekniċi, soċjoekonomiċi u ambjentali sħaħ, kif meħtiegħ mir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u jitqiesu l-esternalitajiet pożittivi tal-interkonnessjonijiet, bħalma huma l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-sigurtà tal-provvista u ż-żieda fil-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (39) Bħalma huwa l-każ għall-ippjanar, il-liġi settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar, li ħafna minnhom kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali, komplementari għar-riformi tas-suq, iżda daww ir-rekwiżiti ġew introdotti fi żminijiet differenti li wassal għal trikkib u għal kostineffiċjenza kif ukoll għal nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika bħal pereżempju l-mitigazzjoni tal-GHGs, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tas-suq. Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat segwitu adatt għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u l-ħtieġa li titnaqqas il-komplessità amministrattiva, jenħtegħ li l-Istati Membri jistabbilixxu rapporti biennali ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u dwar żviluppi oħra fis-sistema tal-enerġija. Madankollu, xorta waħda jkun meħtiegħ xi rapportar fuq bażi annwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fil-qasam tal-klima li jirriżultaw mill-UNFCCC u mil-liġi tal-Unjoni.

¹ Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

- (40) Jenħtieġ li r-rapporti nazzjonali integrati ta' progress tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima jirriflettu l-elementi stabbiliti fil-mudell għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Jenħtieġ li mudell għar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima jkun dettaljat f'atti ta' implimentazzjoni sussegwenti minħabba n-natura teknika tagħhom u l-fatt li l-ewwel rapporti ta' progress huma dovuti fl-2023. Jenħtieġ li r-rapporti ta' progress jitwettqu sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-konfront tal-Unjoni, ta' Stati Membri oħra, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, ta' atturi oħra tas-suq, inklużi l-konsumaturi, u ta' kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Jenħtieġ li dawn ikunu komprensivi fost il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu, fl-istess waqt jitfgħu enfasi fuq l-oqsma koperti bil-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030.

- (41) Skont il-UNFCCC, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma mitluba jiżviluppaw, jaġġornaw regolarment, jippubblikaw u jirrapportaw lill-Konferenza tal-Partijiet l-inventarji nazzjonali ta' emissjonijiet antropogeni mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar tal-GHG kollha billi jintużaw metodoloġiji maqbula mill-Konferenza tal-Partijiet. L-inventarji tal-GHG huma essenzjali biex jinżamm amment tal-progress bl-implimentazzjoni tad-dimensjoni ta' dekarbonizzazzjoni u għall-valutazzjoni tal-konformità mal-atti leġislattivi fil-qasam tal-klima, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

¹ Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

² Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

- (42) Id-Deċiżjoni 1/CP.16 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC tirrikjedi t-twaqqif ta' arranġamenti nazzjonali biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar tal-GHGs kollha. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti l-istabbiliment ta' dawk l-arranġamenti nazzjonali.
- (43) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 uriet l-importanza tat-trasparenza, tar-reqqa, tal-konsistenza, tal-kompletezza u tal-paragunabbiltà tal-informazzjoni. Filwaqt li jibni fuq dik l-esperjenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-Istati Membri jużaw data u suppożizzjonijiet robusti u konsistenti fil-ħames dimensjonijiet u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni komprensiva dwar is-suppożizzjonijiet, il-parametri u l-metodoloġiji użati għax-xenarji u l-projezzjonijiet finali filwaqt li jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet statistiċi, id-data kummerċjalment sensittiva, u l-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, u jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri, u l-projezzjonijiet tagħhom bħala komponent ewlieni tar-rapporti ta' progress. Jenħtieġ li l-informazzjoni f'dawk ir-rapporti tkun essenzjali biex tintwera l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji skont ir-Regolament (UE) 2018/842. Jenħtieġ li t-tħaddim u t-titjib kontinwu tas-sistemi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, flimkien ma' gwida aħjar dwar ir-rapportar, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ kontinwu tal-informazzjoni meħtieġa biex jinżamm amment tal-progress fid-dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni.

- (44) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li jsir rapportar mill-Istati Membri dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-provvista ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u għall-bini tal-kapaċitajiet lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-appoġġ għal adattament nazzjonali hija importanti wkoll fil-kuntest tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, speċjalment fir-rigward tal-adattament għal dawk l-effetti avversi tat-tibdil fil-klima marbuta mas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bħal pereżempju d-disponibbiltà tal-ilma għat-tkessiġ għall-impjanti tal-enerġija u d-disponibbiltà tal-bijomassa għall-enerġija, kif ukoll l-informazzjoni dwar appoġġ rilevanti għad-dimensjoni esterna tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (45) Il-Ftehim ta' Pariġi jikkonferma li, meta l-Partijiet jieħdu azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, jenħtieġ li dawn jirrispettaw, jippromwovu u jqisu l-obbligi rispettivi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Jenħtieġ li l-Istati Membri għalhekk jintegraw adegwatament id-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tagħhom. Jenħtieġ li, permezz tar-rapporti ta' progress biennali tagħhom, jirrapportaw informazzjoni dwar kif l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima tikkontribwixxi għall-promozzjoni kemm tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

- (46) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li din tal-aħħar tistabbilixxi pjattaforma online (pjattaforma elettronika) biex tiffaċilita l-komunikazzjoni, tippromwovi l-kooperazzjoni u tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni. Dak il-pjattaforma jenħtieġ li tiffaċilita l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti kif ukoll trasparenza mtejbja fir-rapportar nazzjonali. Jenħtieġ li l-pjattaforma elettronika tikkumplementa u tibni fuq il-proċessi eżistenti ta' rapportar, il-bażijiet ta' data u l-ġhodod elettroniċi, bħal dawk tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Eurostat, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-esperjenza miksuba mill-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-Unjoni kif ukoll tibbenefika minnhom.
- (47) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-pjanijiet finali nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu disponibbli pubblikament online. Jenħtieġ li l-pjattaforma elettronika, ladarba tkun operattiva, tintuża mill-Kummissjoni biex tospita u tagħmel pubblikament disponibbli l-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima, l-aġġornamenti tagħhom, l-istrateġiji fit-tul u informazzjoni rilevanti oħra dwar ir-rapportar ipprovduta mill-Istati Membri. Qabel ma l-pjattaforma elettronika ssir operattiva, il-Kummissjoni tuża s-siti web tagħha stess biex tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku online għall-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima.

- (48) Fir-rigward tad-data li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni permezz ta' ppjanar u ta' rapportar nazzjonali, jenħtieġ li l-informazzjoni mill-Istati Membri ma tiddupplikax id-data u l-istatistika li diġà tkun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Eurostat fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ bl-istess mod kif isir skont l-obbligi ta' ppjanar u ta' rapportar imsemmija f'dan ir-Regolament filwaqt li jibqgħu jkunu disponibbli mill-Kummissjoni (il-Eurostat) bl-istess valuri. Meta jkunu disponibbli u xierqa f'termini ta' tempestività, jenħtieġ li d-data u l-projezzjonijiet irrapportati pprovduti fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jibnu fuq id-data tal-Eurostat u fuq il-metodoloġija li ntużat għar-rapportar tal-istatistika Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u jkunu konsistenti magħhom.
- (49) Sabiex l-oġġettivi tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari l-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti, jintlaħqu b'mod kollettiv, se jkun essenzjali li l-Kummissjoni tivvaluta l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u, abbażi tar-rapporti ta' progress, l-implimentazzjoni tagħhom. Għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, dan jikkonċerna b'mod partikolari l-kisba tal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi nazzjonali għal dawk il-miri. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni ssir fuq bażi biennali, u fuq bażi annwali meta jkun meħtieġ biss, u jenħtieġ li tiġi kkonsolidata fl-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija tal-Kummissjoni.

¹ Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (50) Bir-rispett dovut lejn id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-proċedura leġislattiva ordinarja, u l-bilanċ tas-setgħat tal-istituzzjonijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jindirizzaw, fuq bażi annwali, il-progress miksub mill-Unjoni tal-Enerġija fid-dimensjonijiet kollha tal-politiki dwar l-Enerġija u l-Klima.
- (51) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-impatt globali tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima fuq it-tħaddim tal-miżuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl taż-żieda fit-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs fl-Unjoni b'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (52) L-avjazzjoni għandha impatti fuq il-klima globali minħabba r-rilaxx ta' CO₂ kif ukoll ta' emissjonijiet oħra, inklużi l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, u mekkaniżmi, bħall-intensifikazzjoni mis-sħab taċ-ċirru. Fid-dawl tal-ġharfien xjentifiku li qed jiżviluppa b'mod rapidu dwar dawk l-impatti, fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 diġà hija prevista valutazzjoni aġġornata tal-impatti tal-avjazzjoni mhux mis-CO₂ fuq il-klima globali. Jenħtieġ li l-immudellar użat f'dan ir-rigward jiġi adattat għall-progress xjentifiku. Abbażi tal-valutazzjonijiet tagħha ta' dawn l-impatti, jenħtieġ li sal-1 ta' Jannar 2020 il-Kummissjoni tippreżenta analiżi aġġornata tal-effetti mhux mis-CO₂ mill-avjazzjoni, akkumpanjata, meta jkun xieraq, minn proposta leġislattiva dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati dawk l-effetti.

- (53) B'konformità mal-linji gwida attwali tal-UNFCCC dwar ir-rapportar għall-GHGs, il-kalkolu u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-metan huma bbażati fuq il-potenzjal ta' tisħin globali (GWP) fir-rigward ta' orizzont ta' 100 sena żmien. Minħabba l-GWP għoli u l-ħajja atmosferika relattivament qasira tal-metan, li jwassal għal impatt sinifikanti fuq il-klima fi żmien qasir u medju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-implikazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri bil-ħsieb li tnaqqas l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet ta' GHGs fl-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrateġija fit-tul tal-Unjoni.

- (54) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki u l-oġettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-Unjoni tal-Enerġija, jenħtieġ li jkun hemm dialogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u, meta jkun xieraq, bejn l-Istati Membri. Kif ikun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri, inkluż dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, dwar l-implimentazzjoni sussegwenti tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima nnotifikati, u dwar pjanijiet u miżuri nazzjonali oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija. Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet ma għandhom l-ebda setgħa vinkolanti, kif stabbilit fl-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ madankollu li l-Istati Membri jqisu kif dovut dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fir-rapporti sussegwenti ta' progress jispjegaw kif wettqu dan. Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi. Jekk il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni fir-rigward tal-abbozz ta' pjan nazzjonali ta' Stat Membru, jenħtieġ li hija tagħmel dan malajr kemm jista' jkun, wara li tkun ikkunsidrat, minn naħa, il-ħtieġa li l-Kummissjoni żżid ċerti kontributi kwantifikati ppjanati mill-Istati Membri kollha sabiex tivvaluta l-ambizzjoni fil-livell tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jingħata żmien biżżejjed lill-Istat Membru kkonċernat biex iqis kif dovut ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma jiffinalizza l-pjan nazzjonali tiegħu, u l-ħtieġa li jiġi evitat ir-riskju ta' dewmien fil-pjan nazzjonali tal-Istat Membru.

- (55) L-użu kosteffikaċi tal-enerġija rinnovabbli huwa wieħed mill-kriterji oġġettivi biex jiġu vvalutati l-kontributi tal-Istati Membri. L-istruttura tal-ispejjeż biex tintuża l-enerġija rinnovabbli hija kumplessa u tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Ma tinkludix biss l-ispejjeż tal-iskemi ta' appoġġ, iżda, fost l-oħrajn, l-ispejjeż ta' konnessjoni ta' installazzjonijiet, il-backup tas-sistema, il-provvista tas-sigurtà tas-sistema u l-ispejjeż li jridu jitħallsu meta jkun hemm konformità mar-restrizzjonijiet ambjentali. Għaldaqstant, meta l-Istati Membri jitqabblu abbażi ta' dak il-kriterju, jenħtieġ li jitqiesu l-ispejjeż kollha relatati mal-użu, irrispettivament jekk dawn jitħallsux mill-Istat Membru, mill-konsumaturi finali jew mill-iżviluppaturi tal-proġett. Jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ambizzjonijiet tal-Istati Membri għall-enerġija rinnovabbli jkunu bbażati fuq formula stabbilita f'dan ir-Regolament li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-ambizzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli tindika l-isforz relattiv li jkun sar mill-Istati Membri, filwaqt li tqis ukoll iċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tinkludi data li toriġina minn sorsi indipendenti ta' data kwantitattiva jew kwalitattiva.

- (56) Jekk l-ambizzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jew tal-aġġornamenti tagħhom ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawk l-oġġettivi u l-miri jintlaħqu (u b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fl-ambizzjoni"). Jekk il-progress li jkun sar mill-Unjoni fir-rigward ta' dawk l-oġġettivi u l-miri ma jkunx biżżejjed biex dawn jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni, apparti li toħroġ rakkomandazzjonijiet, tipproponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni jew titlob miżuri addizzjonali mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu dawn l-oġġettivi u dawn il-miri (b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fit-twettiq"). Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu wkoll l-isforzi bikrija magħmula mill-Istati Membri lejn il-mira għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli biex sal-2020 jew qabel ikunu laħqu sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli akbar mill-mira vinkolanti nazzjonali tagħhom, jew billi jkunu għamlu progress bikri lejn il-mira vinkolanti nazzjonali tagħhom tal-2020 jew fl-implimentazzjoni tal-kontribut tagħhom lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2030. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll kontributi finanzjarji volontarji mill-Istati Membri għal mekkaniżmu tal-Unjoni ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli ġestit mill-Kummissjoni, li jintuża bħala kontribut għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli l-aktar kosteffiċjenti madwar l-Unjoni, b'hekk l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni bl-inqas spiża possibbli. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 iservu bħala ishma ta' referenza għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 'il quddiem u jinżammu tul il-perijodu kollu. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, miżuri addizzjonali jistgħu, b'mod partikolari, jimmiraw li jtejb u l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tat-trasport.

- (57) Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 kif stipulati fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ iservu bħala punt tat-tluq għat-trajettorja indikattiva nazzjonali tagħhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030, sakemm Stat Membru ma jiddeċidix volontarjament li jiffissa punt tat-tluq oġġla. Barra minn hekk, jenħtieġ li huma jikkostitwixxu sehem ta' referenza mandatorju għal dan il-perijodu li jiffirma wkoll parti mid-Direttiva (UE) 2018/....⁺⁺. Konsegwentement, f'dak il-perijodu s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija f'kull Stat Membru ma għandux ikun aktar baxx mis-sehem ta' referenza tiegħu.
- (58) Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem ta' referenza tiegħu kif imkejjel fuq perijodu ta' sena, jenħtieġ li, fi żmien sena, jieħu miżuri addizzjonali biex ikopri din id-diskrepanza max-xenarju ta' referenza tiegħu. Jenħtieġ li fejn Stat Membru jkun effettivament ħa t-tali miżuri meħtieġa u ssodisfa l-obbligu tiegħu biex ikopri d-diskrepanza, huwa jitqies bħala konformi mar-rekwiżiti obbligatorji tax-xenarju ta' referenza tiegħu mill-mument meta tkun seħħet id-diskrepanza inkwistjoni, kemm skont dan ir-Regolament kif ukoll skont id-Direttiva (UE) 2018/....⁺⁺.

¹ Direttiva (UE) 2018... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titlu, in-numru u r-referenza ĠU tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (59) Sabiex ikun possibbli li jkun hemm monitoraġġ adegwat u azzjoni korrettiva bikrija mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, u sabiex jiġi evitat l-effett ta' "opportuniżmu", it-trajettorji indikattivi tal-Istati Membri kollha u, għaldaqstant, anke t-trajettorja indikattiva tal-Unjoni jenħtieġ li jilħqu, fl-2022, l-2025 u l-2027 tal-anqas ċerti perċentwali minimi taż-żieda enerġetika rinnovabbli totali prevista għall-2030, kif stipulat f'dan ir-Regolament. L-ilhug ta' dawn il-"punti ta' referenza" fl-2022, l-2025 u l-2027 ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni abbażi, fost l-oħrajn, tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima li l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw. L-Istati Membri li jkunu 'l isfel mill-punti ta' referenza tagħhom jenħtieġ li jispjegaw fir-rapport ta' progress li jmiss kif ikunu se jkopru d-diskrepanza. Jekk il-punti ta' referenza indikattivi tal-Unjoni ma jiġux issodisfati, l-Istati Membri 'l isfel mill-punti ta' referenza tagħhom jenħtieġ li jagħmlu tajjeb għad-diskrepanza billi jimplimentaw miżuri addizzjonali.
- (60) Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jipprovdu l-iżjed informazzjoni aġġornata dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-GHG tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti li tali stimi jitħejjew fl-iqsar żmien possibbli billi tintuża informazzjoni statistika u informazzjoni oħra, bħal, meta jkun xieraq, data spazjali pprovduta mill-Programm Copernicus stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u minn sistemi satellitari oħra.

¹ Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

- (61) Skont ir-Regolament (UE) 2018/842, jenħtieġ li jissokta l-approċċ taċ-ċiklu annwali ta' impenji meħud fid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Dak l-approċċ jirrikjedi rieżami komprensiv tal-inventarji tal-GHGs tal-Istati Membri biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-konformità u l-applikazzjoni tal-azzjoni korrettiva, meta dan ikun meħtieġ. Huwa meħtieġ proċess ta' rieżami fil-livell tal-Unjoni dwar l-inventarji tal-GHGs ippreżentati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-konformità mar-Regolament (EU) 2018/842 tkun ivvalutata b'mod kredibbli, konsistenti, trasparenti u tempestiv.
- (62) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, bl-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Kif ikun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet assoċjati inkluż billi timmobilizza r-riżorsi interni mill-kapaċità ta' mudellar intern u, meta jkun xieraq, ta' għarfien espert estern.
- (63) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima jqisu l-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiż li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

¹ Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

- (64) L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, li jfisser li jikkunsidraw, qabel ma jagħmlu l-pjanijiet tal-enerġija, id-deċiżjonijiet ta' politika u ta' investiment, jekk miżuri alternattivi tal-effiċjenza enerġetika kosteffiċjenti u sodi mil-lat tekniku, ekonomiku u ambjentali jistgħux jissostitwixxu kompletament jew parzjalment il-miżuri ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment previsti, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi tad-deċiżjonijiet rispettivi. Dan jinkludi b'mod partikolari t-trattament tal-effiċjenza enerġetika bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ewlenija fid-deċiżjonijiet futuri ta' investiment dwar l-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni. Dawn l-alternattivi kosteffiċjenti jinkludu miżuri biex id-domanda u l-provvista tal-enerġija jsiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar enerġetiku kosteffikaċi fil-konsum finali, ta' inizjattivi ta' rispons tad-domanda u ta' konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu wkoll it-tixrid ta' dak il-prinċipju fl-amministrazzjoni reġjonali u lokali, kif ukoll fis-settur privat.
- (65) Kif ikun xieraq u skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tassisti lill-Kummissjoni bil-ħidma ta' valutazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

- (66) Jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-qafas ġenerali tal-mudell tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima bil-ħsieb li tadatta l-mudell għall-emendi tal-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mal-kontributi tal-Unjoni skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-GWPs u l-linji gwida dwar l-inventarji maqbula internazzjonalment, u tistabbilixxi rekwiżiti sostantivi għas-sistema tal-inventarju tal-Unjoni u tistabbilixxi r-reġistri. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Meta jkun neċessarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni, tqis id-deċiżjonijiet adottati skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (67) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta': rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima; rapportar integrat dwar l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u d-dħul mill-irkantar; rapportar annwali dwar l-inventarji approssimati tal-GHG, inventarji dwar il-GHG u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHG; il-mekkaniżmu dwar il-finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni, is-sistemi tal-inventarju nazzjonali; ir-reviżjoni tal-inventarju; is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet; u r-rappurtar dwar il-politiki dwar il-GHG u l-miżuri u l-projezzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011¹.
- (68) Sabiex teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni stipulati f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita fil-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament minn Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima li jirriabilita l-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima eżistenti, stabbilit bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KEE, l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE u l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u minn Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politiki u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn is-setturi, jenħtieġ li l-esperti dwar il-klima u l-enerġija jiġu mistiedna għal-laqgħat taż-żewġ kumitati meta jimplimentaw dan ir-Regolament.

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (69) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-2024 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem u tagħmel proposti emendatorji kif ikun xieraq sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kif suppost tiegħu u li jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu. Jenħtieġ li daww ir-rieżamijiet iqisu żviluppi u jenħtieġ li jkollhom l-informazzjoni mir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (70) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jintegra, jemenda, jissostitwixxi u jħassar ċerti obbligi ta' ppjanar, ta' rapportar u ta' monitoraġġ li attwalment jinstabu fl-atti leġislattivi settorjali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima sabiex jiġi żgurat approċċ simplifikat u integrat għall-obbligi prinċipali ta' ppjanar, rapportar u monitoraġġ. Għalhekk, jenħtieġ li l-atti leġislattivi li ġejjin jiġu emendati f'dan is-sens:
- id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
 - id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;

¹ Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

² Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

- id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
- ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
- ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³;
- id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴;
- id-Direttiva 2009/119/KE tal-Kunsill⁵;

-
- ¹ Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).
- ² Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 31).
- ³ Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).
- ⁴ Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).
- ⁵ Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

- id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹;
- id-Direttiva 2012/27/UE;
- id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
- id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652³.

(71) Għal raġunijiet ta' koerenza u ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-ebda element f'dan ir-Regolament ma jimpedixxi l-applikazzjoni tad-derogi skont il-liġi settorjali rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku u tat-tnejjija għar-riskji tal-elettriku.

¹ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-
rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

² Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-
operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178,
28.6.2013, p. 66).

³ Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu
u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26).

- (72) Jenħtieġ ukoll li dan ir-Regolament jintegra għalkollox id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jitħassar mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tissokta skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u li ċerti aspetti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto jibqgħu stabbiliti fil-liġi, jeħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet jibqgħu applikabbli wara dik id-data.
- (73) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' governanza sabiex:
 - (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi, u għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030;
 - (b) tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż, meta jkun xieraq, fil-livell reġjonali, maħsuba biex jinkisbu l-oġġettivi u l-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija;
 - (c) jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi;
 - (d) jingħata kontribut għal ċertezza regolatorja akbar kif ukoll għal ċertezza akbar lill-investituri u għajjnuna sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku, l-istimolu tal-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

Il-mekkaniżmu ta' governanza hu bbażat fuq l-istrateġiji fit-tul, il-pjanijiet nazzjonali integrati fit-tul dwar l-enerġija u l-klima li jkopru perijodi ta' għaxar snin li jibdew mill-2021 sal-2030, ir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima korrispondenti tal-Istati Membri u l-arranġamenti integrati ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni. Il-mekkaniżmu ta' governanza jiżgura opportunitajiet effettivi sabiex il-pubbliku jipparteċipa fit-tħejjija ta' dawk il-pjanijiet nazzjonali u ta' dawk l-istrateġiji fit-tul. Dan jinkludi proċess strutturat, trasparenti u iterattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu ffinalizzati l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali u l-azzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, li huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku:

- (a) is-sigurtà tal-enerġija;
- (b) is-suq intern tal-enerġija;
- (c) l-effiċjenza enerġetika;
- (d) id-dekarbonizzazzjoni; u
- (e) ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "politiki u miżuri" tfisser l-istrumenti kollha li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u/jew biex jiġu implimentati l-impenji skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(2) tal-UNFCCC, li jistgħu jinkludu dawk li ma għandhomx il-limitazzjoni u t-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tibdil fis-sistema tal-enerġija bħala oġettiv primarju;
- (2) "politiki u miżuri eżistenti" tfisser il-politiki u l-miżuri implimentati u l-politiki u l-miżuri adottati;
- (3) "politiki u miżuri implimentati" tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom japplika wieħed jew iktar minn dan li ġej fid-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima: il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli direttament ikunu fis-seħħ, ikun ġie stabbilit ftehim volontarju wieħed jew iktar, ikunu ġew allokat i r-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi umani jkunu ġew mobilizzati;
- (4) "politiki u miżuri adottati" tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom tkun ittieħdet deċiżjoni uffiċjali tal-gvern sad-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u jkun hemm impenn ċar li ssir l-implimentazzjoni;

- (5) "politiki u miżuri ppjanati" tfisser għażliet li jkunu għadhom qed jiġu diskussi u li jkollhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima;
- (6) "sistema għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet" tfisser sistema ta' arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti għar-rapportar ta' politiki, ta' miżuri u ta' projezzjonijiet marbuta ma' emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar ta' gassijiet serra u mas-sistema tal-enerġija, fost l-oħrajn kif meħtieġ mill-Artikolu 39;
- (7) "projezzjonijiet" tfisser il-previżjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija, inklużi minn tal-inqas l-istimi kwantitattivi għal sekwenza ta' erba' snin futuri li tintemm b'0 jew b'5 immedjatament wara s-sena ta' rapportar;
- (8) "projezzjonijiet mingħajr miżuri" tfisser il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar li jeskludu l-effetti tal-politiki u tal-miżuri kollha li jkunu ppjanati, adottati jew implimentati wara s-sena magħżula bħala l-punt tat-tluq għall-projezzjoni rilevanti;
- (9) "projezzjonijiet b'miżuri" tfisser il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar li jinkludu l-effetti, f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija, tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ġew adottati u implimentati;

- (10) "projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali" tfisser projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija li jinkludu l-effetti, f'termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ġew adottati u implimentati għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-enerġija, kif ukoll tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ppjanati għal dak l-iskop;
- (11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti fl-Unjoni ta' tnaqqis domestiku ta' minn tal-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-1990 li jrid jintlaħaq sal-2030, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32,5 % għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti f'dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-2030.
- (12) "sistema tal-inventarju nazzjonali" tfisser sistema ta' arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti fi Stat Membru biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar ta' gassijiet serra, u biex tiġi rrapportata u arkivjata l-informazzjoni tal-inventarju;

- (13) "indikatur" tfisser fattur jew varjabbli kwantitattiv jew kwalitattiv li jikkontribwixxi biex jinftehem aħjar il-progress fl-implimentazzjoni;
- (14) "indikaturi ewlenin" tfisser l-indikaturi għall-progress li jkun sar fir-rigward tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija kif proposti mill-Kummissjoni;
- (15) "korrezzjonijiet tekniċi" tfisser aġġustamenti fl-istimi tal-inventarju nazzjonali tal-gassijiet serra li jkunu saru fil-kuntest tar-rieżami mwettaq skont l-Artikolu 38 meta d-data tal-inventarju li tkun intbagħtet ma tkunx kompluta jew tkun tħejjiet b'mod li ma jkunx konsistenti mar-regoli jew mal-linji gwida rilevanti internazzjonali jew tal-Unjoni u li jkunu maħsuba biex jissostitwixxu l-istimi li jkunu ntbagħtu oriġinarjament;
- (16) "garanzija tal-kwalità" tfisser sistema ppjanata ta' proċeduri ta' rieżami biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi tal-kwalità tad-data u li jiġu rrapportati l-aqwa stimi u informazzjoni possibbli bl-għan li tiġi appoġġata l-effettività tal-programm ta' kontroll tal-kwalità u tingħata assistenza lill-Istati Membri;
- (17) "kontroll tal-kwalità" tfisser sistema ta' attivitajiet tekniċi li jsiru regolarment sabiex titkejjel u tiġi kkontrollata l-kwalità tal-informazzjoni u tal-istimi miġbura bl-għan li tiġi żgurata l-integrità, il-korrettezza u l-kompletezza tad-data, jiġu identifikati u indirizzati l-iżbalji u l-omissjonijiet, jiġu ddokumentati u arkivjati d-data u kull materjal ieħor li jintuża, u jiġu rreġistrati l-attivitajiet kollha ta' garanzija;

- (18) "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tfisser li fid-deċiżjonijiet kollha dwar l-ippjanar, il-politika u l-investimenti marbutin mal-enerġija, jitqiesu sew il-miżuri alternattivi ta' kosteffiċjenza tal-effiċjenza enerġetika u ta' provvista tal-enerġija aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar enerġetiku kosteffikaċi fil-konsum finali, inizjattivi ta' ġestjoni tad-domanda u konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija filwaqt li fl-istess ħin jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk id-deċiżjonijiet;
- (19) "Pjan SET" tfisser il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2015 intitolata "Lejn Pjan Strateġiku Integrat għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET): Aċċelerazzjoni tat-Trasformazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija Ewropea";
- (20) "sforzi bikrija" tfisser:
- (a) fil-kuntest tal-valutazzjonijiet ta' diskrepanza potenzjali bejn il-mira tal-Unjoni għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri, il-kisba ta' Stat Membru ta' sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli 'l fuq mill-mira vinkolanti nazzjonali tiegħu għall-2020 kif stipulat fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ jew il-progress bikri ta' Stat Membru lejn il-mira nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (b) fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq il-valutazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 29(1) fir-rigward tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-implimentazzjoni bikrija tal-kontribut ta' Stat Membru lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imkejla mal-punti ta' referenza nazzjonali tiegħu għall-enerġija rinnovabbli;
- (21) "kooperazzjoni reġjonali" tfisser kooperazzjoni bejn żewġ Stati Membri jew aktar involuti fi sħubija li tkopri waħda jew iktar mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;
- (22) "enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli jew enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (23) "konsum finali gross tal-enerġija" tfisser konsum finali gross tal-enerġija kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (24) "skema ta' appoġġ" tfisser skema ta' appoġġ kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (25) "tiġdid" (repowering) tfisser tiġdid kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (26) "komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (27) "tişhin distrettwali" jew "tkessiĥ distrettwali" tfisser tişhin distrettwali jew tkessiĥ distrettwali kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (28) "skart" tfisser skart kif definit fil-punt (23) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (29) "bijomassa" tfisser bijomassa kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (30) "bijomassa agrikola" tfisser bijomassa agrikola kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (31) "bijomassa forestali" tfisser bijomassa forestali kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (32) "karburanti tal-bijomassa" tfisser karburanti tal-bijomassa kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (33) "bijogass" tfisser bijogass kif definit fil-punt (28) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (34) "bijolikwidi" tfisser bijolikwidi kif definit fil-punt (32) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (35) "bijokarburanti" tfisser bijokarburanti kif definit fil-punt (33) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (36) "bijokarburanti avanzzati" tfisser bijokarburanti avanzzati kif definit fil-punt (34) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (37) "karburanti tal-karbonju riċiklat" tfisser karburanti tal-karbonju riċiklat kif definit fil-punt (35) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (38) "għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu" tfisser għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu kif definit fil-punt (39) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (39) "għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf" tfisser għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf kif definit fil-punt (40) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (40) "materjal linjoċellulożiku" tfisser materjal linjoċellulożiku kif definit fil-punt (41) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (41) "residwi" tfisser residwu kif definit fil-punt (43) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (42) "konsum primarju tal-enerġija" tfisser konsum primarju tal-enerġija kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (43) "konsum finali tal-enerġija" tfisser konsum finali tal-enerġija kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (44) "effiċjenza fl-enerġija" tfisser effiċjenza fl-enerġija kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (45) "iffrankar tal-enerġija" tfisser iffrankar tal-enerġija kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (46) "titjib fl-effiċjenza fl-enerġija" tfisser titjib fl-effiċjenza fl-enerġija kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (47) "servizz tal-enerġija" tfisser servizz tal-enerġija kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (48) "spazju totali ta' art li tista' tintuża" tfisser spazju totali ta' art li tista' tintuża kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (49) "sistema ta' ġestjoni tal-enerġija" tfisser sistema ta' ġestjoni tal-enerġija kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (50) "parti obbligata" tfisser parti obbligata kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (51) "awtorità pubblika ta' implimentazzjoni" tfisser awtorità pubblika ta' implimentazzjoni kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;

- (52) "azzjoni individwali" tfisser azzjoni individwali kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (53) "distributur tal-enerġija" tfisser distributur tal-enerġija kif definit fil-punt (20) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (54) "operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni" tfisser operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE u fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/UE;
- (55) "kumpannija tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum" tfisser kumpannija tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum kif definit fil-punt (22) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (56) "fornitur ta' servizz tal-enerġija" tfisser fornitur ta' servizz tal-enerġija kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (57) "kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija" tfisser kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (58) "koġenerazzjoni" tfisser koġenerazzjoni kif definit fil-punt (30) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (59) "bini" tfisser bini kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (60) "bini b'użu ta' kważi żero enerġija" tfisser bini b'użu ta' kważi żero enerġija kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;

- (61) "pompa tas-sħana" tfisser pompa tas-sħana kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (62) "karburant fossili" tfisser sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli bbażati fuq il-karbonju bħal karburanti solidi, gass naturali u żejt.

KAPITOLU 2

PJANIJET NAZZJONALI INTEGRATI DWAR L-ENERĠIJA U L-KLIMA

Artikolu 3

Pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Sal-31 ta' Diċembru 2019, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u kull għaxar snin minn hemm 'il quddiem, kull Stat Membru għandu jinnotifika pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet għandhom jinkludu l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Anness I. L-ewwel pjan għandu jkopri l-perijodu mill-2021 sal-2030, filwaqt li titqies il-perspettiva aktar fit-tul. Il-pjanijiet sussegwenti għandhom ikopru l-perijodu ta' għaxar snin li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-perijodu kopert mill-pjan preċedenti.

2. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandu jkun fihom it-taqsimiet prinċipali li ġejjin:
- (a) stampa ġenerali tal-proċess segwit għall-istabbiliment tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, li jkun fiha sommarju eżekuttiv, deskrizzjoni tal-konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tar-riżultati tagħhom, u tal-kooperazzjoni reġjonali ma' Stati Membri oħra fit-tnejja tal-pjan, kif stabbilit fl-Artikoli 10, 11 u 12 u fil-punt 1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I;
 - (b) deskrizzjoni tal-oġġettivi, tal-miri u tal-kontributi nazzjonali relatati mad-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif stipulat fl-Artikolu 4 u l-Anness I;
 - (c) deskrizzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati fir-rigward tal-oġġettivi, il-miri u l-kontributi korrispondenti stabbiliti skont il-punt (b) kif ukoll stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi korrispondenti;
 - (d) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija inkluż fir-rigward tas-sistema tal-enerġija, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra kif ukoll il-projezzjonijiet fir-rigward tal-oġġettivi msemmija fil-punt (b) fil-konfront ta' politiki u ta' miżuri li diġà jeżistu;

- (e) meta jkun applikabbli, deskrittazzjoni tal-ostakli u x-xkiel regolatorji u mhux regolatorji biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri jew il-kontributirelatati mal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika;
- (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punt (b), inkluża l-konsistenza tagħhom mal-oġġettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;
- (g) valutazzjoni ġenerali tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati fuq il-kompetittività marbuta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;
- (h) anness, imfassal skont ir-rekwiżiti u l-istruttura stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi l-metodoloġiji u l-miżuri ta' politika tal-Istat Membru biex jinkiseb ir-rekwiżit tal-iffrankar enerġetiku skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V tagħha.

3. Fir-rigward tat-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom:

- (a) jillimitaw il-kumplessità amministrattiva u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
- (b) iqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari l-prinċipju li "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel";

- (c) jużaw data robusta u konsistenti u suppożizzjonijiet tul il-ħames dimensjonijiet, meta jkun rilevanti;
- (d) jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti l-istandards bażiċi tal-għajxien fil-kuntest nazzjonali rilevanti, il-politika soċjali eżistenti u politiki rilevanti oħra, kif ukoll il-gwida indikattiva tal-Kummissjoni dwar indikaturi rilevanti għall-faqar enerġetiku.

F'każ li Stat Membru jsib, skont il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, li għandu għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, abbażi tal-valutazzjoni tiegħu ta' data verifikabbli huwa għandu jinkludi fil-pjan tiegħu objettiv indikattiv nazzjonali biex inaqqas il-faqar enerġetiku. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddefinixxu fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri, li jindirizzaw il-faqar enerġetiku, jekk ikun hemm, inklużi miżuri ta' politika soċjali u programmi nazzjonali rilevanti oħra.

- 4. Kull Stat Membru għandu jqiegħed il-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima ppreżentat lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
- 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex temenda l-punti 2.1.1 u 3.1.1 tat-Taqsima A u l-punti 4.1 u 4.2.1 tat-Taqsima B tal-Parti 1 u l-punt 3 tal-Parti 2 tal-Anness I sabiex tadattahom għall-emendi fil-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mal-kontributi tal-Unjoni skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 4

Objettivi, miri u kontributi nazzjonali għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-objettivi, il-miri u l-kontributi ewlenin li għejjin fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, kif speċifikat fil-punt 2 tat-taqsim A tal-Anness I:

- (a) rigward id-dimensjoni "Id-Dekarbonizzazzjoni":
 - (1) fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra u bl-għan li jingħata kontribut biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni:
 - (i) il-mira nazzjonali vinkolanti tal-Istat Membru għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-limiti nazzjonali vinkolanti annwali skont ir-Regolament (UE) 2018/842;
 - (ii) l-impenji tal-Istat Membru skont ir-Regolament (UE) 2018/841;
 - (iii) meta jkun applikabbli biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, objettivi u miri oħra, li jinkludu miri settorjali u objettivi ta' adattament.

(2) fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli:

Bl-għan li tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32 % enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/... ⁺, kontribut għal dik il-mira f'termini tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-Istat Membru fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030, bi trajettorja indikattiva għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem. Sal-2022, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 18 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2025, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 43 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2027, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 65 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030.

⁺ ĠU: jekk jogħgħbok daħħal in-numru ta' COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

Sal-2030, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq mill-inqas il-kontribut ippjanat tal-Istat Membru. Jekk Stat Membru jistenna li jisboq il-mira nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020, it-trajettorja indikattiva tiegħu tista' tibda fil-livell li jkun ipproġettat li jilħaq. It-trajettorji indikattivi tal-Istati Membri, meħudin flimkien, għandhom jikkorrispondu għall-punti ta' referenza tal-Unjoni fl-2022, l-2025 u l-2027 u għall-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli fl-2030. Separatament mill-kontribut tiegħu għall-mira tal-Unjoni u t-trajettorja indikattiva tiegħu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, Stat Membru għandu jkun liberu li jindika ambizzjonijiet oġġla għal finijiet ta' politika nazzjonali;

(b) fir-rigward tad-dimensjoni "Effiċjenza Enerġetika":

- (1) il-kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE, abbażi tal-konsum primarju jew finali tal-enerġija, l-iffrankar primarju jew finali tal-enerġija, jew l-intensità enerġetika.

L-Istati Membri għandhom jesprimu l-kontributi tagħhom f'termini ta' livell assolut ta' konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija fl-2020, u f'termini ta' livell assolut ta' konsum ta' enerġija primarja u konsum ta' enerġija finali fl-2030, bi trajettorja indikattiva għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem. Huma għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti tagħhom u l-fatturi ta' konverżjoni li jkunu ntużaw;

- (2) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku fil-konsum finali li jrid jinkiseb matul il-perijodu mill-2021 sal-2030 skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(1) dwar l-obbligi dwar l-iffrankar enerġetiku skont id-Direttiva 2012/27/UE;

- (3) l-istadji importanti indikattvi tal-istrateġija għar-rinnovazzjoni fit-tul tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, il-pjan direzzjonali b'indikaturi kwantifikabbli tal-progress stabbiliti domestikament, stima abbażi tal-evidenza tal-iffrankar enerġetiku mistenni u benefiċċji usa', u l-kontributi għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni skont id-Direttiva 2012/27/UE b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (4) l-erja totali ta' art li trid tiġi rinnovata jew l-iffrankar enerġetiku annwali ekwivalenti li jrid jinkiseb mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi;
- (c) fir-rigward tad-dimensjoni "Sigurtà tal-Enerġija":
- (1) l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward ta':
- żieda fid-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi, li jista' jkollhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza tal-enerġija fuq l-importazzjoni,
 - żieda fil-flessibbiltà tas-sistema nazzjonali tal-enerġija, u
 - il-kapaċità li wieħed jindirizza provvista limitata jew interrotta ta' sors tal-enerġija, bl-iskop li tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi reġjonali u nazzjonali tal-enerġija, inkluż iż-żmien li fih għandhom jintlaħqu l-oġġettivi;

- (d) fir-rigward tad-dimensjoni "Suq Intern tal-Enerġija":
- (1) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' minn tal-inqas 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030, bi strateġija bil-livell definit mill-2021 'il quddiem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, b'kont meħud tal-mira tal-interkonnessjoni ta' 10 % tal-2020 u tal-indikaturi tal-urġenza tal-azzjoni abbażi tad-differenzjali tal-prezz fis-suq bl-ingrossa, tal-kapaċità nominali ta' trażmissjoni tal-interkonnetturi fir-rigward tal-ħinijiet l-aktar intensivi u tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata kif stipulat fil-punt 2.4.1 tat-Taqsima A fil-Parti 1 tal-Anness I. Kull interkonnettur ġdid għandu jkun soġġett għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali u jiġi implimentat biss jekk il-benefiċċji potenzjali jkunu iktar mill-ispejjeż;
 - (2) il-proġetti, u, meta jkun rilevanti, il-proġetti ta' modernizzazzjoni nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u l-modernizzazzjoni, meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;

(3) l-oġġettivi nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħal pereżempju: żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari permezz ta' politiki u miżuri relatati mal-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tas-suq b'konformità mal-liġi applikabbli; l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-suq, bl-għan li jiżdiedu l-kapaċità negozjabbli tal-interkonnnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis tas-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, inkluż perijodu ta' żmien li fih għandhom jintlaħqu l-oġġettivi, u oġġettivi relatati mas-suq intern tal-enerġija kif stipulat fil-punt 2.4.3 tat-Taqsima A fil-Parti 1 tal-Anness I;

(e) fir-rigward tad-dimensjoni "Riċerka, Innovazzjoni u Kompetittività":

- (1) oġġettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni pubblika u, meta jkun rilevanti, privata marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija li jinkludu, meta jkun xieraq, medda ta' żmien għal meta l-oġġettivi għandhom jintlaħqu; li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u, meta jkun xieraq, tal-Pjan SET. Meta jistabbilixxi l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu, l-Istat Membru jista' jibni fuq l-istrateġiji jew il-pjanijiet nazzjonali eżistenti li jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni;
- (2) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi nazzjonali għall-2050 relatati mal-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa.

Artikolu 5

Il-proċess tal-istabbiliment tal-kontributi tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

1. Fil-kontribuzzjoni tiegħu għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 u l-aħħar sena tal-perijodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti, skont il-punt (a)(2) tal-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jqis dawn kollha li ġejjin:
 - (a) il-miżuri previsti fid-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
 - (b) il-miżuri adottati biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika adottata skont id-Direttiva 2012/27/UE;
 - (c) kwalunkwe miżura oħra eżistenti biex tiġi promossa l-enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru u, meta jkun rilevanti, fil-livell tal-Unjoni;
 - (d) il-mira nazzjonali vinkolanti tal-2020 minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali ta' enerġija stipulata fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/...⁺.
 - (e) kwalunkwe ċirkostanza rilevanti li taffettwa l-użu tal-enerġija rinnovabbli, bħal fost l-oħrajn:
 - (i) id-distribuzzjoni ġusta tal-użu madwar l-Unjoni;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (ii) il-potenzjal u l-kundizzjonijiet ekonomiċi, inkluż il-PDG per capita;
- (iii) il-potenzjal għal użu kosteffikaċi ta' enerġija rinnovabbli;
- (iv) il-limiti ġeografiċi, ambjentali u naturali, inklużi dawk ta' żoni u ta' reġjuni mhux interkonnessi;
- (v) il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku bejn l-Istati Membri;
- (vi) ċirkostanzi rilevanti oħra, b'mod partikolari sforzi bikrija.

Fir-rigward tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu, kull Stat Membru għandu jindika fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima liema huma c-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu ta' enerġija rinnovabbli li jkun ikkunsidra.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod kollettiv li s-somma tal-kontributi tagħhom tammonta għal minn tal-inqas 32 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross ta' enerġija fil-livell tal-Unjoni sal-2030.

Artikolu 6

Il-proċess tal-istabbiliment tal-kontributi tal-Istati Membri fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

1. Fil-kontribuzzjoni nazzjonali indikattiv tiegħu għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 u għall-aħħar sena tal-perijodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti skont il-punt (b)(1) tal-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jqis li, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/27/UE l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2020 għandu jkun mhux aktar minn 1 483 Mtoe tal-enerġija primarja jew mhux aktar minn 1 086 Mtoe tal-enerġija finali u l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 għandu jkun mhux aktar minn 1 273 Mtoe tal-enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 956 Mtoe tal-enerġija finali.

Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jqis:
 - (a) il-miżuri previsti fid-Direttiva 2012/27/UE;
 - (b) miżuri oħrajn biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika fl-Istat Membru u fil-livell tal-Unjoni.
2. Fil-kontribuzzjoni tiegħu skont il-paragrafu 1, kull Stat Membru jista' jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja u finali, bħal pereżempju:
 - (a) il-potenzjal li jkun fadal biex tiġi ffrankata l-enerġija b'mod kosteffikaċi;

- (b) l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-prodott domestiku gross;
- (c) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija;
- (d) bidliet fit-taħlita tal-enerġija u l-iżvilupp tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju; u
- (e) l-azzjonijiet bikrin.

Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, kull Stat Membru għandu jindika fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima liema, jekk kien hemm, ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja u finali huwa ħa inkunsiderazzjoni.

Artikolu 7

Politiki u miżuri nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija

B'konformità mal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti u ppjanati biex b'mod partikolari jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-pjan nazzjonali, filwaqt li, meta jkun applikabbli, jiġu inklużi miżuri li jipprovdu għall-kooperazzjoni reġjonali u l-finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluża l-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali, kif ukoll valutazzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investment.

Artikolu 8

Bażi analitika tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. B'konformità mal-istruttura u l-format speċifikati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu s-sitwazzjoni attwali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inklużi tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra fiż-żmien li fih intbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli. L-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu u jiddeskrivu l-projezzjonijiet għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, għal tal-inqas it-tul ta' dak il-pjan, li mistennija jirriżultaw minn politiki u miżuri eżistenti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddeskrivu prospettivi addizzjonali aktar fit-tul għall-ħames dimensjonijiet lil hinn miż-żmien kopert mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, meta jkun rilevanti u possibbli.
2. Fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-valutazzjoni tagħhom, fil-livell nazzjonali u meta jkun applikabbli f'dak reġjonali, dwar:
 - (a) l-impatti fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra għat-tul ta' żmien kopert mill-pjan u għal perijodu ta' għaxar snin wara l-aħħar sena koperta mill-pjan, skont il-politiki u l-miżuri jew il-grupp ta' miżuri ppjanati, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet abbażi tal-politiki u tal-miżuri jew il-grupp ta' miżuri eżistenti kif imsemmi fil-paragrafu 1;

- (b) l-impatt makroekonomiku, u sa fejn fattibbli, l-impatt soċjali u fuq is-saħħa, l-ambjent u l-ħiliet tal-politiki u tal-miżuri jew tal-gruppi ta' miżuri ppjanati msemija fl-Artikolu 7 u speċifikati iktar fl-Anness I, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet ibbażati fuq il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-metodoloġija użata biex jiġu vvalutati dawk l-impatti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
 - (c) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri ppjanati f'dimensjoni ta' politika u bejn il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri ppjanati ta' dimensjonijiet differenti għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030. Il-projezzjonijiet dwar is-sigurtà tal-provvista, l-infrastruttura u l-integrazzjoni tas-swieq għandhom ikunu marbuta ma' xenarji robusti tal-effiċjenza enerġetika;
 - (d) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-miżuri u l-politiki ppjanati jkunu se jattiraw l-investiment meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom.
3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni komprensiva dwar is-suppożizzjonijiet, il-parametri u l-metodoloġiji li jkunu ntużaw għax-xenarji u għall-projezzjonijiet finali, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet statistiċi, id-data kummerċjalment sensittiva, u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Artikolu 9

Abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2028 u kull għaxar snin minn hemm 'il quddiem, kull Stat Membru għandu jħejji u jibagħat lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 3(1) u l-Anness I.
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 34 sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. B'mod partikolari, dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jindirizzaw:
 - (a) il-livell ta' ambizzjoni tal-oġettivi, tal-miri u tal-kontributi bl-għan li b'mod kollettiv jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li Stat Membru jkollu fil-mira għall-2030 kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 4, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu ta' enerġija rinnovabbli u l-konsum tal-enerġija, kif indikat mill-Istat Membru kkonċernat f'abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u l-indikaturi ta' urġenza ta' azzjoni għall-interkonnettività stabbiliti fil-punt 2.4.1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I;

- (b) il-politiki u l-miżuri marbuta mal-għanijiet fil-livell ta' Stat Membru u tal-Unjoni kif ukoll politiki u miżuri oħra ta' rilevanza transfruntiera potenzjali;
 - (c) kwalunkwe politika u miżura addizzjonali li jistgħu jkunu mitluba fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima;
 - (d) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'dimensjoni waħda u bejn id-dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija.
3. Kull Stat Membru għandu jqis kif dovut kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Jekk Stat Membru kkonċernat ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi u jagħmel pubbliku r-raġunijiet tiegħu.
4. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika msemmija fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandhu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati tiegħu dwar l-enerġija u l-klima.

Artikolu 10
Konsultazzjoni pubblika

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-liġi tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-tnejn tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima – fir-rigward tal-pjanijiet għall-perijodu mill-2021 sal-2030, fit-tnejn tal-pjan finali ferm qabel l-adozzjoni tiegħu – kif ukoll tal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15. Kull Stat Membru għandu jehmeż ma' tali dokumenti lill-Kummissjoni sommarju tal-fehmiet tal-pubbliku jew fehmiet provviżorji. Sa fejn tkun applikabbli d-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjonijiet li jkunu saru dwar l-abbozz skont dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi ta' konsultazzjoni tal-pubbliku skont dan ir-Regolament.

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-pubbliku jiġi infurmat. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi skadenzi raġonevoli li jippermettu biżżejjed żmien sabiex il-pubbliku jkun infurmat u sabiex jipparteċipa u jesprimi l-fehmiet tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jillimita l-komplessità amministrattiva fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolve ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perijodu ta' żmien fit-tul, u għandu jeżamina mill-ġdid il-progress, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu.

Artikolu 12

Kooperazzjoni reġjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, filwaqt li jqisu l-forom eżistenti u potenzjali kollha ta' kooperazzjoni reġjonali, biex b'mod effettiv jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

2. Kull Stat Membru għandu, ferm qabel jibgħat l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1) – rigward il-pjanijiet għall-perijodu mill-2021 sal-2030, fit-tnejn tal-pjan finali ferm qabel l-adozzjoni tiegħu – jidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali u jikkonsulta lill-Istati Membri ġirien, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk l-Istat Membru li jawtorizza l-pjan iqis li huwa xieraq, dak l-Istat Membru jista' jikkonsulta ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi li jkunu wrew interess. Stati Membri insulari mingħajr interkonnessjonijiet tal-enerġija ma' Stati Membri oħra għandhom iwettqu tali konsultazzjonijiet mal-Istati Membri ġirien bi frontieri marittimi. L-Istati Membri kkonsultati għandhom jingħataw żmien raġonevoli biex jirreaġixxu. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi fl-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima – fir-rigward tal-pjanijiet għall-perijodu 2021-2030, fil-pjan nazzjonali finali tiegħu dwar l-enerġija u l-klima – tal-inqas ir-riżultati provviżorji ta' tali konsultazzjonijiet reġjonali, inkluż, meta jkun applikabbli, kif ikunu ġew ikkunsidrati l-kummenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi kkonsultati.
3. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu ruħhom f'abbozzar konġunt volontarju ta' partijiet mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti tal-progress, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk jagħmlu dan, ir-riżultat għandu jissostitwixxi l-partijiet ekwivalenti tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti ta' progress. Fuq talba minn żewġ Stati Membri jew aktar, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita dak l-eżerċizzju.

4. Sabiex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni tas-suq u politiki u miżuri kosteffiċjenti, l-Istati Membri għandhom, fil-perijodu bejn l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom u l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet finali tagħhom, jippreżentaw il-partijiet rilevanti tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti bl-għan li jiġu ffinalizzati. Meta jkun neċessarju, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita tali kooperazzjoni u konsultazzjoni bejn l-Istati Membri, u jekk tidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali ulterjuri, tista' tipprovdi lill-Istati Membri gwida indikattiva sabiex tiffaċilita proċess ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni effikaċi.
5. Fil-pjan nazzjonali integrat finali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kummenti li jkunu rċevew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafi 2 u 3, u jispjegaw f'dawk il-pjanijiet kif tali kummenti jkunu ġew ikkunsidrati.
6. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw fil-livell reġjonali, u, skont kif ikun xieraq, f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali, meta jimplimentaw il-politiki u l-miżuri rilevanti tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom.
7. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll kooperazzjoni mal-firmatarji tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea.

8. Sa fejn huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjoni transkonfinali dwar l-abbozz skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva għandha titqies li tissodisfa l-obbligi rigward il-kooperazzjoni reġjonali skont dan ir-Regolament, dment li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfati.

Artikolu 13

Valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

Abbażi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom innotifikati skont l-Artikoli 3 u 14, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tivvaluta jekk:

- (a) il-miri, l-oġġettivi u l-kontributi humiex suffiċjenti biex b'mod kollettiv jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin b'mod partikolari, il-miri tal-Qafas tal-Unjoni għall-Klima u l-Enerġija għall-2030;
- (b) il-pjanijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 sa 12 u jekk l-Istati Membri qisux b'mod debitu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 34.

Artikolu 14

Aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima

1. Sat-30 ta' Ġunju 2023 u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2033 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat dwar l-enerġija u l-klima jew għandu jipprovdi lill-Kummissjoni r-raġunijiet li jiġġustifikaw għalfejn il-pjan ma jirrikjedix aġġornamenti.
2. Sat-30 ta' Ġunju 2024 u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2034 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, dment li ma jkunx ipprovda r-raġunijiet għalfejn il-pjan ma jirrikjedix aġġornamenti skont il-paragrafu 1.
3. Fl-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2, kull Stat Membru għandu jimmodifika l-oġġettiv, il-mira jew il-kontribut nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe oġġettiv, mira jew kontribut kwantifikati tal-Unjoni, stipulati fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4 biex jirrifletti żieda fl-ambizzjoni meta mqabbla ma' dik stabbilita fl-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Fl-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2, kull Stat Membru għandu jimmodifika l-oġġettiv, il-mira jew il-kontribut nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe oġġettiv, mira jew kontribut kwantifikati tal-Unjoni stipulati fil-punti (a)(2) u (b) tal-Artikolu 4 biss sabiex tiġi riflessa ambizzjoni ugwali jew akbar meta mqabbla ma' dik stipulata fl-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex fil-pjan aġġornat nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima jkun hemm mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jfeġġ bħala parti mir-rapportar integrat skont l-Artikoli 17 sa 25.
5. Fl-aġġornamenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew kif ukoll l-obbligi li jitnisslu mill-Ftehim ta' Pariġi.
6. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 9(2) u fl-Artikoli 10 u 12 għandhom japplikaw għat-tħejjija u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima.
7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jagħmlu bidliet u adattamenti, fi kwalunkwe ħin, fil-politiki nazzjonali stipulati jew imsemmija fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, dment li tali bidliet u adattamenti jkunu inklużi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima.

KAPITOLU 3

STRATEĠIJI FIT-TUL

Artikolu 15

Strateġiji fit-tul

1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni l-istrateġa fit-tul tiegħu b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin.
2. Bl-għan li tikseb l-oġġettivi klimatiċi ġenerali msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' April 2019, tadotta proposta għal strateġija fit-tul tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima. L-istrateġija fit-tul imsemmija f'dan il-paragrafu għandha tinkludi analiżi li mill-inqas tkopri:
 - (a) diversi xenarji għall-kontribut tal-Unjoni lejn l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 3 inter alia xenarju dwar il-kisba ta' emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ugwali għal zero fl-Unjoni sal-2050 u emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem;

- (b) l-implikazzjonijiet tax-xenarji msemija fil-punt (a) fuq il-baġit tal-karbonju globali u tal-Unjoni li jifdal sabiex isir kontribut għal dibattitu dwar il-kosteffiċjenza, l-effikaċja u s-sens ta' ġustizzja b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

3. L-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu:

- (a) biex jitwettqu l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar u biex jiġi promoss iżjed sekwestru tal-karbonju;
- (b) biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali;
- (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha skont l-oġġettiv tal-Unjoni, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) biex b'mod kosteffikaċi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u jiżdied l-assorbiment minn bjar ħalli jintlaħqu l-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra fi ħdan l-Unjoni kemm jista' jkun malajr wara dan u, kif xieraq, jinkisbu emissjonijiet netti negattivi;

- (d) biex tinkiseb sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli għolja li tkun effiċjenti ħafna fi ħdan l-Unjoni.

4. L-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri għandu jkun fihom l-elementi stipulati fl-Anness IV. Barra minn hekk, l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandhom ikopru:

- (a) it-tnaqqis totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib totali tal-assorbimenti minn bjar;
- (b) it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-tisħiħ tal-assorbimenti f'setturi individwali, inklużi l-elettriku, l-industrija, it-trasport, is-settur tat-tisħin u t-tkessi u tal-bini (residenzjali u terzjarju), l-agrikoltura, l-iskart u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF);
- (c) il-progress mistenni fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluża l-intensità tal-gassijiet serra, l-intensità tas-CO₂ tal-prodott domestiku gross, l-istimi relatati tal-investiment fit-tul, u l-istrateġiji għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni relatati;
- (d) sal-punt fattibbli, l-effett soċjoekonomiku mistenni tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni, inklużi, fost l-oħrajn, aspetti relatati mal-iżvilupp makroekonomiku u soċjali, il-benefiċċji u r-riskji għas-saħħa u l-protezzjoni ambjentali;
- (e) rabtiet ma' objettivi, ippjanar u politiki u miżuri oħrajn u investimenti nazzjonali oħrajn fit-tul.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex temenda l-Anness IV bl-għan li tadattah għall-iżviluppi fl-istrateġija fit-tul tal-Unjoni jew fil-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati skont il-UNFCCC u, b'mod partikolari, skont il-Ftehim ta' Pariġi.
6. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġiji fit-tul imsemmija f'dan l-Artikolu.
7. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw u jagħmlu disponibbli minnufih għall-pubbliku l-istrateġiji fit-tul rispettivi tagħhom u kwalunkwe aġġornament tagħhom, inkluż permezz tal-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu d-data rilevanti tar-riżultati finali disponibbli għall-pubbliku, b'kont meħud tad-data kummerċjalment sensittiva u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.
8. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-istrateġiji fit-tul tagħhom, billi tipprovdi informazzjoni dwar l-istat tal-għarfien xjentifiku sottostanti u opportunitajiet biex jiġu kondiviżi l-għarfien u l-aħjar prattiki, inkluża, fejn rilevanti, gwida għall-Istati Membri matul il-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom.

9. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-istrategġija nazzjonali fit-tul humiex adegwati biex b'mod kollettiv jinkisbu l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija stabbiliti fl-Artikolu 1 u għandha tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe diskrepanza kollettiva pendenti.

Artikolu 16

Pjan strateġiku għall-metan

Minħabba l-potenzjal ta' tisħin globali għoli u t-tul ta' ħajja atmosferika relattivament qasira tal-metan, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri intenzjonati biex inaqqsu l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Filwaqt li tqis kif xieraq l-oġġettivi tal-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u għandha tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrategġija fit-tul tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15.

KAPITOLU 4

RAPPORTAR

TAQSIMA 1

RAPPORTI BIENNALI TA' PROGRESS U S-SEGWITU TAGĦHOM

Artikolu 17

Rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26, sal-15 ta' Marzu 2023 u sussegwentement kull sentejn, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima permezz ta' rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li jkopri l-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima għandu jkopri l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-informazzjoni dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, u biex jiġu ffinanzjati u implimentati l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex dawn jintlaħqu, inkluż rieżami tal-investiment reali vis à vis s-suppożizzjonijiet ta' investiment inizjali;

- (b) meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar il-progress fl-istabbiliment tad-djalogu msemmi fl-Artikolu 11;
- (c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 20 sa 25 u, meta jkun xieraq, l-aġġornamenti dwar il-politiki u l-miżuri, b'konformità ma' dawk l-Artikoli;
- (d) informazzjoni dwar l-adattament skont il-punt (a)(1) tal-Artikolu 4;
- (e) sa fejn ikun possibbli kwantifikazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-miżuri fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapporti biennali skont id-Deċiżjoni 2/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, kif ukoll il-komunikazzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC lis-Segretarjat tal-UNFCCC.

3. Ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima għandu jkopri l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 26(3) u l-informazzjoni dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u l-assorbiment minn bjar li tinsab fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18.

4. Il-Kummissjoni, assistita mill-Komitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

5. Il-frekwenza u l-iskala tal-informazzjoni u tal-aġġornamenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 għandhom jiġu bbilanċjati bil-ħtieġa li tiġi żgurata ċertezza suffiċjenti għall-investituri.
6. Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 32(1) jew (2), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati jew li huma maħsuba biex jiġu adottati u implimentati, biex jindirizza dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Meta jkun applikabbli, tali informazzjoni għandha tinkludi skeda dettaljata ta' żmien għall-implementazzjoni.

Meta l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Rapportar integrat dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet dwar il-gassijiet serra

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) il-politiki u l-miżuri jew grupp ta' miżuri nazzjonali tagħhom kif stabbilit fl-Anness VI; u
 - (b) il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar, li jridu jkunu organizzati skont il-gassijiet jew il-gruppi ta' gassijiet (Idrofluworokarburi u Perfluworokarburi) elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V. Il-projezzjonijiet nazzjonali għandhom iqisu kwalunkwe politika u miżura adottata fil-livell tal-Unjoni u għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VII.
2. L-Istati Membri għandhom jirrapurtaw l-aktar projezzjonijiet aġġornati disponibbli. Meta Stat Membru ma jibgħatx stimi kompluti tal-projezzjonijiet sal-15 ta' Marzu ta' kull tieni sena, u l-Kummissjoni tkun stabbiliet li dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel tajjeb għad-diskrepanzi fl-istimi ladarba jiġu identifikati permezz tal-proċeduri tal-Kummissjoni ta' garanzija tal-kwalità jew ta' kontroll tal-kwalità, il-Kummissjoni tista' tħejji stimi kif ikun meħtieġ biex jinġabru l-projezzjonijiet tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.

3. Matul l-ewwel sena tal-perijodu ta' rapportar, Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla sostanzjali fl-informazzjoni rrapportata skont il-paragrafu 1, sal-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara r-rapport preċedenti.
4. L-Istati Membri għandhom jaġġmlu disponibbli għall-pubbliku, f'forma elettronika, il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom skont il-paragrafu 1 u kwalunkwe valutazzjoni rilevanti tal-kostijiet u tal-effetti tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni li jkunu rilevanti biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra flimkien ma' kwalunkwe rapport tekniku sottostanti rilevanti. Dawk il-projezzjonijiet u l-valutazzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjonijiet tal-mudelli u tal-approċċi metodoloġiċi użati, id-definizzjonijiet kif ukoll is-suppożizzjonijiet sottostanti.

Artikolu 19

Rapportar integrat dwar l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u d-dħul mill-irkantar

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-ippjanar u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima lill-Kummissjoni, filwaqt li jiddeskrivu l-azzjonijiet implimentati u ppjanati tagħhom biex jiġi ffaċilitat l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 1 tal-Anness VIII u b'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar miftiehma fl-ambitu tal-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

2. Sal-31 ta' Lulju 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness VIII.
3. Sat-30 ta' Settembru 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 2 tal-Anness VIII u b'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar rilevanti miftiehma fl-ambitu tal-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.
4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti li ntbagħtu lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-punt (b) tal-Parti 2 tal-Anness VIII.
5. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format u l-proċessi ta' pprezentazzjoni tar-rapportar tal-Istati Membri tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmiya fl-Artikolu 44(6).

Artikolu 20

Rapportar integrat dwar l-enerġija rinnovabbli

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni:

- (a) dwar l-implimentazzjoni tat-trajettorji u tal-oġġettivi li ġejjin:
 - (1) it-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem ġenerali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija mill-2021 sal-2030;
 - (2) it-trajettorji stmati għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tiżnin u tat-tkessiġ, u tat-trasport;
 - (3) it-trajettorji stmati għal kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli biex jinkisbu t-trajettorji ġenerali u settorjali għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030, inklużi t-total mistenni tal-konsum finali gross tal-enerġija għal kull teknoloġija u settur f'Mtoe u l-kapaċità installata totali ppjanata għal kull teknoloġija u settur f'MW;

- (4) it-trajettorji dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregata skont it-tiżhin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa, skont il-materja prima u l-oriġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u l-impatt tagħha fuq il-bir LULUCF;
- (5) meta jkun applikabbli, trajettorji u objettivi nazzjonali oħra, inklużi dawk li huma fit-tul u settorjali (bħal pereżempju sehem tal-elettriku prodott mill-bijomassa mingħajr l-użu tas-sħana, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tiżhin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija rinnovabbli prodotta mill-bliet, mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u mill-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli), u l-enerġija rkuprata mill-ħama miksuba mit-trattament tal-ilma mormi);
- (b) dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri li ġejjin:
- (1) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jinkiseb il-kontribut nazzjonali għall-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli kif indikat fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri speċifiċi għas-setturi u għat-teknoloġija, b'rieżami speċifiku tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 23 sa 28 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;

⁺ ĠU jekk jogħgħbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (2) meta jkunu disponibbli, il-miżuri speċifiċi għall-kooperazzjoni reġjonali;
- (3) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, fit-tisħin u fit-tkessiġ, u fit-trasport;
- (4) meta jkun applikabbli, il-valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli li l-Istati Membri għandhom iwettqu skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (5) il-miżuri speċifiċi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 15 sa 18 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (6) meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi biex jivvalutaw, jagħmlu trasparenti u jnaqqsu l-ħtieġa ta' kapaċità "must-run" li tista' twassal għal tnaqqis tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli;
- (7) sommarju tal-politiki u l-miżuri skont il-qafas ta' abilitazzjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skont l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ biex jiġi promoss u ffaċilitat l-iżvilupp ta' awtokonsum rinnovabbli u ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (8) il-miżuri għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija tal-bijomassa, b'mod speċjali għal mobilizzazzjoni ta' bijomassa ġdida li tqis id-disponibbiltà tal-bijomassa, inkluża l-bijomassa sostenibbli, kif ukoll il-miżuri għas-sostenibbiltà tal-bijomassa prodotta u dik użata;
 - (9) il-miżuri fis-seħħ biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessi u fis-settur tat-trasport;
 - (10) il-politiki u l-miżuri li jiffaċilitaw l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' akkwist ta' enerġija;
- (c) kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness IX.

Artikolu 21

Rapportar integrat dwar l-effiċjenza enerġetika

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni:

- (a) dwar l-implimentazzjoni tat-trajettorji, l-oġettivi u l-miri nazzjonali li ġejjin:
 - (1) it-trajettorja indikattiva għall-konsum tal-enerġija primarja u finali annwali mill-2021 sal-2030 bħala l-kontribut nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija biex tinkiseb il-mira fil-livell tal-Unjoni għall-2030, inkluża l-metodoloġija sottostanti;

- (2) l-istadji importanti indikattivi tal-istrateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, u l-kontributi għall-miri ta' effiċjenza tal-enerġija tal-Unjoni skont id-Direttiva 2012/27/UE b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (3) meta jkun applikabbli, aġġornament dwar objettivi nazzjonali oħra stabbiliti fil-pjan nazzjonali;
- (b) dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri li ġejjin:
- (1) il-politiki, il-miżuri u l-programmi implimentati, adottati u ppjanati biex jinkiseb il-kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll l-objettivi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6, inklużi l-miżuri u l-istrumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) biex jiġu promossi r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-miżuri biex jintużaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku u miżuri oħra biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;
 - (2) meta jkun applikabbli, strumenti bbażati fuq is-suq li jinċentivaw it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, inklużi t-taxxi, l-imposti u l-kwoti fuq l-enerġija iżda mhux biss;
 - (3) l-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri alternattivi skont l-Artikolu 7a u b tad-Direttiva 2012/27/UE u b'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

- (4) L-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (5) il-politiki u l-miżuri biex jiġu promossi s-servizzi tal-enerġija fis-settur pubbliku u l-miżuri biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jxekklu t-twettiq tal-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija u mudelli oħra ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika;
 - (6) il-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, meta jkun applikabbli;
 - (7) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli;
- (c) kif stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IX.

Artikolu 22

Rapportar integrat dwar is-sigurtà tal-enerġija

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta':

- (a) l-oġġettivi nazzjonali għad-diversifikazzjoni tal-provvista u s-sorsi tal-enerġija;
- (b) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi;
- (c) l-oġġettivi nazzjonali għall-iżvilupp tal-kapaċità li wieħed ikampa bi provvista limitata jew interrotta ta' sors tal-enerġija, inklużi l-gass u l-elettriku;
- (d) l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari billi jsir użu minn sorsi domestiċi tal-enerġija, rispons għad-domanda u ħżin tal-enerġija;
- (e) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (a) sa (d);
- (f) il-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (a) sa (d);
- (g) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli.

Artikolu 23

Rapportar integrat dwar is-suq intern tal-enerġija

1. Fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-miżuri li ġejjin:
 - (a) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 ta' mill-inqas 15 % u l-indikaturi stabbiliti fil-punt 2.4.1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I, kif ukoll il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-kisba ta' dan il-livell, inklużi dawk relatati mal-għoti ta' awtorizzazzjonijiet;
 - (b) il-proġetti, ewlenin tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija;
 - (c) meta jkun applikabbli, il-proġetti prinċipali previsti ta' infrastruttura għajr il-Proġetti ta' Interess Komuni, inklużi proġetti ta' infrastruttura li jinvolve pazzizi terzi, u, sa fejn ikun fattibbli, valutazzjoni ġenerali tal-kompatibilità tagħhom mal-għanijiet u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija, u tal-kontribut tagħhom għal tali għanijiet u miri;

- (d) l-oġġettivi nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħal pereżempju żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, bl-għan li jiżdiedu l-kapaċità negozjabbli tal-interkonnnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali;
- (e) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-miżuri nazzjonali relatati mal-partekċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq tal-enerġija kollha;
- (f) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-miżuri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;
- (g) il-miżuri biex tiġi żgurata l-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku;
- (h) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (a) sa (g);
- (i) il-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (a) sa (h);

- (j) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, fil-qasam tas-suq intern tal-enerġija, inkluż għall-mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku, meta jkun applikabbli;
- (k) il-miżuri biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq tal-istess ġurnata u tas-swieq tal-ibbilanċjar transfruntiera.

2. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 għandha tkun konsistenti mar-rapport tar-regolaturi nazzjonali msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/72/KE u l-punt (e) tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2009/73/KE.

Artikolu 24

Rapportar Integrat dwar il-Faqar Enerġetiku

Meta jkun japplika t-tieni subparagrafu tal-punt (d) tal-Artikolu 3(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport nazzjonali integrat ta' progress tiegħu dwar l-enerġija u l-klima:

- (a) informazzjoni dwar il-progress lejn l-oġettiv indikattiv nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi li jinsqbu f'faqar enerġetiku; u

- (b) informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, u, meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku.

Il-Kummissjoni għandha tikkondividi d-data kkomunikata mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu mal-Osservatorju Ewropew tal-Faqar Enerġetiku.

Artikolu 25

Rapportar integrat dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività

Fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-miżuri li ġejjin:

- (a) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-politiki nazzjonali li japplikaw l-oġġettivi u l-politiki tal-Pjan SET għall-kuntest nazzjonali;
- (b) l-oġġettivi nazzjonali għall-infiq totali pubbliku u, meta jkun disponibbli, privat, fir-riċerka u fl-innovazzjoni marbuta mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni;
- (c) meta jkun xieraq, l-oġġettivi nazzjonali, inklużi l-miri fit-tul għall-2050 għall-użu tat-teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali li huma intensivi fl-użu tal-enerġija u tal-karbonju u, meta jkun applikabbli, għall-infrastruttura tal-ħżin, għall-użu u għat-trasport tal-karbonju relatati;

- (d) l-oġġettivi nazzjonali biex is-sussidji tal-enerġija jitneħħew b'mod gradwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-karburanti fossili;
- (e) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (b) u (c);
- (f) il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (b) sa (d), inkluża l-koordinazzjoni tal-politiki u tal-miżuri fil-kuntest tal-Pjan SET, bħall-allinjament ta' programmi ta' riċerka u ta' programmi komuni;
- (g) il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli.

TAQSIMA 2

RAPPORTAR ANNWALI

Artikolu 26

Rapportar Annwali

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni:
 - (a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2009/119/KE;

(b) l-informazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE, b'konformità mal-Artikolu 25 ta' dik id-Direttiva.

2. Sal-31 ta' Lulju 2021, u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tagħhom għas-sena X-1;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tal-Istati Membri jew, jekk Stat Membru ma jkunx ikkomunika l-inventarji approssimati tiegħu sa dik id-data, abbażi tal-istimi tagħha stess, tikkompila kull sena inventarju approssimati tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku sat-30 ta' Settembru kull sena.

3. Mill-2023, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra sal-15 ta' Marzu kull sena (is-sena X) u d-data preliminari sal-15 ta' Jannar kull sena u jirrapportawhom lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni dwar l-inventarji ta' gassijiet serra elenkata fl-Anness V. Ir-rapport dwar id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra għandu jinkludi wkoll rapport komplut u aġġornat dwar l-inventarju nazzjonali. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi r-rapporti, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punt (n) tal-Parti 1 tal-Anness V disponibbli għall-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1).

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tal-UNFCCC, l-inventarji nazzjonali bl-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni dwar id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra, b'konformità mal-paragrafu 3 sal-15 ta' April kull sena. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tikkompila kull sena inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tħejji rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni, u għandha tippreżentahom lis-Segretarjat tal-UNFCCC sal-15 ta' April kull sena.
5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data tal-inventarju nazzjonali preliminari u ta' dak finali, sal-15 ta' Jannar u sal-15 ta' Marzu rispettivament fis-snin 2027 u 2032, imħejjija għall-kontabbiltà tal-LULUCF tagħhom għar-rapporti ta' konformità skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/841.
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex:
 - (a) temenda l-Parti 2 tal-Anness V billi żżid jew tħassar is-sustanzi fil-lista ta' gassijiet serra, b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi;
 - (b) tissupplementa dan ir-Regolament billi tadotta valuri għall-potenzjali ta' tisħin globali u tispeċifika l-linji gwida applikabbli għall-inventarji, b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti li ġew adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.

7. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, il-format u l-proċessi biex l-Istati Membri jibagħtu l-inventarji approssimati tal-gassijiet serra skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-inventarji tal-gassijiet serra skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra skont l-Artikoli 5 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/841.

Meta tipproponi dawn l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-iskedi ta' żmien tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-Unjoni mal-obbligi ta' rapportar tagħha bħala Parti għall-UNFCCC u għall-Ftehim ta' Pariġi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll l-iskedi taż-żmien għall-kooperazzjoni u l-koordinament bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-tħejjija tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

Artikolu 27

Rapportar dwar il-miri għall-2020

Sat-30 ta' April 2022, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-kisba tal-mira nazzjonali tiegħu dwar l-effiċjenza enerġetika għall-2020 stabbilita skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/27/UE billi jipprovdi l-informazzjoni stipulata fil-Parti 2 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament, u tal-miri globali nazzjonali għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020 kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva 2009/28/KE fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020 billi jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-ishma settorjali (elettriku, tisħin u tkessiġ, u trasport) u globali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020;
- (b) il-miżuri meħuda biex jinkisbu l-miri nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli għall-2020, inklużi miżuri relatati ma' skemi ta' appoġġ, garanzija ta' oriġini u simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi;
- (c) is-sehem tal-enerġija minn bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel taċ-ċereali u oħrajn b'kontenut għoli ta' lamtu, zokkor u għelejjel taż-żejt fil-konsum tal-enerġija fit-trasport;
- (d) is-sehem tal-enerġija minn bijokarburanti u bijogass għat-trasport prodotti minn materja prima u ta' karburanti oħra elenkati fil-Parti A tal-Anness IX tad-Direttiva 2009/28/KE fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020 fil-konsum tal-enerġija fit-trasport.

TAQSIMA 3

PJATTAFORMA TAR-RAPPORTAR

Artikolu 28

Pjattaforma elettronika

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma online (pjattaforma elettronika) biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma elettronika sabiex jibagħtu r-rapporti msemmija f'dan il-Kapitolu lill-Kummissjoni ladarba hija ssir operattiva.
3. Il-pjattaforma elettronika għandha ssir operattiva sal-1 ta' Jannar 2020. Il-Kummissjoni għandha tuża l-pjattaforma elettronika biex tiffaċilita l-aċċess pubbliku online għar-rapporti msemmija f'dan il-Kapitolu, għall-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima, l-aġġornamenti tagħhom, u l-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15, b'kont meħud tad-data kummerċjalment sensittiva u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

KAPITOLU 5

VALUTAZZJONI AGGREGATA TAL-PROGRESS

U TAR-RISPONS TA' POLITIKA

BIEX JIĠI ŻGURAT LI JINKISBU L-MIRI

TAL-UNJONI — MONITORAĠĠ TAL-KUMMISSJONI

Artikolu 29

Valutazzjoni tal-progress

1. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari abbażi tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, ta' informazzjoni oħra rrapportata skont dan ir-Regolament, tal-indikaturi u tal-istatistika u d-data Ewropea meta jkunu disponibbli:
 - (a) il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza fil-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030;
 - (b) il-progress li jkun sar minn kull Stat Membru biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu u biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima;

- (c) l-impatt ġenerali tal-avjazzjoni fuq il-klima globali, inkluż permezz tal-emissjonijiet jew tal-effetti mhux tas-CO₂, abbażi tad-data dwar l-emissjonijiet ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26, u titjib ta' dik il-valutazzjoni b'referenza għall-avvanzi xjentifiċi u għad-data dwar it-traffiku tal-ajru, skont kif ikun xieraq.
- (d) l-impatt ġenerali tal-politiki u l-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima fuq it-tħaddim tal-miżuri ta' politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija;
- (e) l-impatt ġenerali tal-politiki u l-miżuri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima dwar it-tħaddim tal-iskema għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EU ETS) u dwar il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq Ewropew tal-karbonju.

2. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-Unjoni abbażi ta' trajettorja indikattiva tal-Unjoni li tibda minn 20 % fl-2020, tilħaq punti ta' referenza ta' mill-inqas 18 % fl-2022, 43 % fl-2025 u 65 % fl-2027 taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2020 u l-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030, u tilħaq il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 ta' mill-inqas 32 % fl-2030.

3. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar biex b'mod kollettiv jintlaħaq livell massimu tal-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ta' 1 273 Mtoe ta' enerġija primarja u ta' 956 Mtoe ta' enerġija finali fl-2030 skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE.

Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi li ġejjin:

- (a) tikkunsidra nkisbitx il-mira tal-Unjoni ta' mhux iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja jew ta' mhux iżjed minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020;
- (b) tivvaluta jekk il-progress tal-Istati Membri jindikax li l-Unjoni kollha qiegħda fit-triq it-tajba lejn il-livell ta' konsum tal-enerġija fl-2030 kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti nazzjonali integrati tagħhom ta' progress dwar l-enerġija u l-klima;
- (c) tuża r-risultati mill-eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali u tuża analiżi komplementari oħra;
- (d) tieħu kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarju u finali indikati mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 6(2).

4. Fil-qasam tas-suq intern tal-enerġija, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar lejn il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030.
5. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni rapportata skont dan ir-Regolament, jekk l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunux għamlu progress suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) l-impenji skont l-Artikolu 4 tal-UNFCCC u l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Pariġi kif stabbilit fid-deċiżjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, jew mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi;
 - (b) l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/842 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841;
 - (c) l-oġettivi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030.

6. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
7. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-valutazzjoni tagħha b'konformità ma' dan l-Artikolu bħala parti mir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35.

Artikolu 30

Inkonsistenzi mal-oġettivi ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija u mal-miri skont ir-Regolament (UE) 2018/842

1. Abbażi tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 29, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru skont l-Artikolu 34 jekk l-iżviluppi ta' politika f'dak l-Istat Membru juru inkonsistenzi mal-oġettivi ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Stat Membru li jkun biħsiebu juża l-flessibbiltà skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842 għandu, malli dik l-informazzjoni ssir disponibbli, jinkludi fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima l-livell ta' użu intenzjonat u l-politiki u l-miżuri ppjanati biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841 għall-perijodu mill-2021 sal-2030.

Artikolu 31

Rispons f'każ li l-ambizzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tkun insuffiċjenti

1. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 9 jew il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-aġġornamenti tal-pjanijiet finali skont l-Artikolu 14, u bħala parti mill-proċess iterattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tal-Istati Membri huma insuffiċjenti għall-kisba kollettiva tal-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, għall-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għall-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-effiċjenza enerġetika, hija għandha – fir-rigward tal-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli – u tista' – fir-rigward tal-oġettivi l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija – toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li l-kontributi tagħhom hija tqis li mhumiex suffiċjenti biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' ambizzjoni kollettiva.
2. Meta sseħħ diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-formola stabbilita fl-Anness II li hija bbażata fuq il-kriterji oġġettivi elenkati fil-punt (e)(i) sa (v) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1), filwaqt li jitqiesu debitament iċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif indikat mill-Istat Membru b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1).

Meta sseħħ diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u s-somma tal-kontributi nazzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tevalwa ċ-ċirkostanzi rilevanti elenkati fl-Artikolu 6(2), l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, ir-riżultati minn eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija u analiżi komplementari oħra kif xieraq.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artikolu, u bl-iskop uniku li jiġi vvalutat jekk hemmx diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fil-valutazzjoni tagħha, tipotizza kontribut nazzjonali tal-Istati Membri li ma ppreżentawx l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom b'konformità mal-Artikolu 9(1).

Fl-ipoteżi tagħha, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tqis il-mira vinkolanti nazzjonali tal-Istat Membru għall-2020 kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2018/... ⁺, ir-riżultati minn eżerċizzji ta' mudellar dwar l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u r-riżultati mill-formula stipulata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, hija għandha tqis l-eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija u analiżi komplementari oħra kif xieraq.

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

Fil-valutazzjoni tagħha tal-kontributi tal-enerġija rinnovabbli, abbażi tal-formula stipulata fl-Anness II, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq is-sigurtà tal-provvista u l-istabbiltà tal-grid fis-sistemi tal-enerġija żgħar jew iżolati jew f'sistemi tal-Istati Membri fejn jista' jkun hemm implikazzjonijiet sinifikanti minħabba l-bidla taż-żona sinkronika.

Fil-valutazzjoni tagħha tal-kontributi għall-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt potenzjali fuq it-tħaddim tas-sistema tal-elettriku u l-istabbiltà tal-grid fl-Istati Membri fejn jista' jkun hemm implikazzjonijiet sinifikanti minħabba l-bidla taż-żona sinkronika.

3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom skont l-Artikolu 14, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jew l-aġġornamenti tagħhom ikunu insuffiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, hija għandha tippromovi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-kisba kollettiva ta' dawk l-oġettivi u l-miri. Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta' ambizzjoni tal-kontributi biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2030 mill-Istati Membri stipulat fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti tagħhom.

Artikolu 32

Rispons f'każ li l-progress biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni ikun insuffiċjenti

1. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont il-punt (b) tal-Artikolu 29(1), il-Kummissjoni tikkonkludi li ma jkunx sar progress suffiċjenti minn Stat Membru biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu, il-punti ta' referenza nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli tiegħu, jew fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar il-klima u l-enerġija, hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 34.

Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti indikati mill-Istat Membri b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1). Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li fir-rigward tagħhom tkun ittiegħdet deċiżjoni ta' investiment finali, dment li dawk il-proġetti jsiru operattivi fil-perijodu 2021 sa 2030 u jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kontribut nazzjonali tal-Istat Membru.

Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-kriterji oġġettivi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1) u i-ċirkostanzi nazzjonali rilevanti indikati mill-Istat Membru b'konformità mal-Artikolu 6(2).

2. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni aggregata tagħha tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri skont il-punt (a) tal-Artikolu 29(1), u appoġġata minn sorsi oħra ta' informazzjoni, kif ikun xieraq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni qed tissogra li ma tilħaqx l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija tal-Unjoni għall-2030, hija tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 34 biex timmitiga tali riskju.

Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri nazzjonali pprovduti fil-paragrafu 3 humiex suffiċjenti biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli. Fil-każ ta' miżuri nazzjonali insuffiċjenti, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-kisba tal-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija rinnovabbli.

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-kisba tal-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar l-effiċjenza enerġetika.

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, tali miżuri addizzjonali jistgħu b'mod partikolari jtejjbu l-effiċjenza enerġetika:

- (a) tal-prodotti, skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²;
- (b) tal-bini, skont id-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE; u
- (c) tat-trasport.

3. Meta, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (2), li punt ta' referenza wieħed jew aktar tat-trajettorja indikattiva tal-Unjoni fl-2022, l-2025 u l-2027 imsemmija fl-Artikolu 29(2) ma ġewx issodisfati, l-Istati Membri li jkunu waqgħu taħt punt ta' referenza wieħed jew aktar tagħhom fl-2022, l-2025 u l-2027 kif imsemmi fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data meta tasal il-valutazzjoni tal-Kummissjoni sabiex ikopru d-diskrepanza relattiva għall-punt ta' referenza tagħhom, bħal:

- (a) miżuri nazzjonali biex jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli;
- (b) l-aġġustament tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiġ, kif stabbilit fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;

¹ Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

² Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

⁺ ĠU jekk jogħgħbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (c) l-aġġustament tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport, kif stabbilit fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (d) pagament finanzjarju volontarju għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit fil-livell tal-Unjoni, li jikkontribwixxi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u li jkun ġestit direttament jew indirettament mill-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 33;
- (e) użu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stipulati fid-Direttiva (UE) 2018/...⁺.

Tali miżuri għandhom iqisu l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni kif stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinkludu dawk il-miżuri bħala parti mir-rapport ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

4. Mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem, is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija ta' kull Stat Membru ma għandux ikun inqas minn sehem ta' referenza li jkun ugwali għall-mira ġenerali nazzjonali mandatorja tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020 kif stipulat fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺. Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem ta' referenza tiegħu mkejjeż fuq perijodu ta' sena, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu, fi żmien sena, miżuri addizzjonali bħal dawk stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu biex ikopri d-diskrepanza fi żmien sena.

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

L-Istati Membri li jissodisfaw l-obbligu li jkopru d-diskrepanza mas-sehem ta' referenza għandhom jitqiesu konformi mal-obbligi stipulati fl-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ matul il-perijodu kollu meta tkun seħħet id-diskrepanza.

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-kwoti annwali ta' emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE.

5. Meta s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' Stat Membru jaqa' taħt wieħed jew aktar mill-punti ta' referenza nazzjonali tiegħu fl-2022, l-2025 u l-2027 kif imsemmi fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4, dan għandu jinkludi fir-rapport integrat li jmiss ippreżentat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17, spjegazzjoni dwar kif se jkopri d-diskrepanza relattiva għall-punti ta' referenza nazzjonali tiegħu.

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

6. Meta, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra fil-livell tal-Unjoni skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) mwettqa skont is-snin 2022, 2025 u 2027, li l-progress biex jintlaħqu kollettivament il-miri għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni msemija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(3) jkun insuffiċjenti, hija għandha tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħa tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE u fid-Direttiva 2012/27/UE sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.
7. Kull Stat Membru kkonċernat imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jagħti dettalji dwar il-miżuri addizzjonali implimentati, adottati u ppjanati bħala parti mir-rapport ta' progress suċċessiv tiegħu msemmi fl-Artikolu 17.
8. Meta, fil-qasam tal-interkonnessjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (4), fis-sena 2025 li l-progress huwa insuffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-Istati Membri kkonċernati sas-sena 2026 bl-għan li jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi li nqalgħu.

Artikolu 33

Mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 32(3) biex jingħata appoġġ għal proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni bl-għan li tiġi koperta diskrepanza fit-trajettorja indikattiva tal-Unjoni. L-appoġġ jista' jingħata, fost l-oħrajn, fl-għamla ta' primjum addizzjonali għall-prezz tas-suq, u għandu jiġi allokat lill-proġetti bl-offerti bl-aktar kost jew primjum baxx.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-mekkaniżmu ta' finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-qafas ta' abilitazzjoni skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ bl-għan li jiġi appoġġat l-użu tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni irrispettivament mid-diskrepanza relattiva għat-trajettorja indikattiva tal-Unjoni. Għal dak l-għan:
 - (a) il-pagamenti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 32 jistgħu jiġu kkomplementati b'sorsi addizzjonali, bħal fondi tal-Unjoni, kontributi mis-settur privat jew pagamenti addizzjonali mill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-mira tal-Unjoni;

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

(b) il-mekkaniżmu ta' finanzjament jista', fost affarijiet oħra, jipprovdi appoġġ fil-forma ta' għotjiet, self b'imgħax baxx, jew taħlita tat-tnejn u jista' jappoġġa, fost l-oħrajn, proġetti konġunti bejn l-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ u l-parteeċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jiddeċiedu jekk, u jekk ikun il-każ, skont liema kondizzjonijiet, jippermettux li l-istallazzjonijiet li jinsabu fit-territorju tagħhom jirċievu appoġġ mill-mekkaniżmu ta' finanzjament.

4. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 44(1), tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistipula d-dispożizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' finanzjament, b'mod partikolari:

(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-livell massimu tal-primjum għal kull offerta;

(b) id-disinn tal-offerta li għandu jiġi applikat, inklużi l-kondizzjonijiet għat-twettiq u l-penali assoċjati;

(c) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-pagamenti tal-Istati Membri u l-benefiċċji statistiċi li jirriżultaw għall-Istati Membri kontributuri;

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (d) ir-rekwiżiti minimi għall-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati kemm il-kontinwità tal-mekkaniżmu permezz ta' tul ta' żmien suffiċjenti tal-pagament tal-Istat Membru, kif ukoll l-ammont massimu ta' flessibbiltà għall-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri;
- (e) dispożizzjonijiet li jiżguraw il-parteciċipazzjoni u/jew l-approvazzjoni ta' Stati Membri ospitanti, u meta jkun meħtieġ dispożizzjonijiet relatati ma' imposti addizzjonali tal-kostijiet tas-sistema.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

5. Kull sena, l-enerġija rinnovabbli ġġenerata mill-istallazzjonijiet iffinanzjati mill-mekkaniżmu ta' finanzjament għandha tiġi attribwita statistikament lill-Istati Membri parteċipanti, b'mod li jirrifletti l-pagamenti relattivi tagħhom. Il-proġetti appoġġati minn dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament li jkunu ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-pagamenti tal-Istati Membri ma għandhomx jgħoddu fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri iżda lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺.

⁺ ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

Artikolu 34

Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq, għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
2. Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis debitament ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-Unjoni u bejn l-Istati Membri;
 - (b) l-Istat Membru għandu jistabbilixxi, fir-rapport nazzjonali integrat tiegħu ta' progress dwar l-enerġija u l-klima li jkun sar sena wara li tkun inħarġet ir-rakkomandazzjoni, kif ikun ikkunsidra debitament ir-rakkomandazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu;
 - (c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu komplementari għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Artikolu 35

Ir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija

1. Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Ir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 29;
 - (b) meta jkun xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 34;
 - (c) ir-rapport dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva skont l-Artikolu 21(2) tagħha;
 - (d) kull sentejn, mill-2023, rapport dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija tal-Unjoni, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X;
 - (e) kull sentejn, rapport dwar l-iskemi volontarji li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/... ⁺, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament;

⁺ ĠU jekk jogħgħbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (f) rapport ġenerali ta' progress dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE;
- (g) rapport ġenerali ta' progress dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE skont l-Artikolu 52 ta' dik id-Direttiva;
- (h) rapport ġenerali ta' progress dwar l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi kif imsemmija fl-Artikoli 7a u 7b tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (i) kull sentejn, rapport ta' progress ġenerali dwar ir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, b'konformità mal-pjanijiet direzzjonali stabbiliti fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (j) kull erba' snin, rapport ta' progress ġenerali dwar iż-żieda fl-Istati Membri fl-għadd ta' binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero b'konformità mal-Artikolu 9(5) tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (k) rapport ġenerali ta' progress dwar il-progress tal-Istati Membri fil-ħolqien ta' suq tal-enerġija komplut u operattiv;

- (l) il-kwalità reali tal-karburanti fl-Istati Membri differenti u l-kopertura ġeografika tal-karburanti b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg bl-għan li tiġi pprovduta stampa ġenerali tad-data dwar il-kwalità tal-karburanti fl-Istati Membri differenti kif irrapportat skont id-Direttiva 98/70/KE;
- (m) rapport ta' progress dwar il-kompetittività;
- (n) il-progress tal-Istati Membri lejn it-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-karburanti fossili;
- (o) kwistjonijiet oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż l-appoġġ pubbliku u privat;
- (p) sal-31 ta' Ottubru 2019 u sussegwentement kull erba' snin, valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE.

Artikolu 36

Monitoraġġ tal-mekkaniżmu ta' governanza

Fil-kuntest tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 35, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, fuq bażi annwali, jindirizzaw il-progress miksub mill-Unjoni tal-Enerġija fuq id-dimensjonijiet kollha tal-politiki dwar l-Enerġija u l-Klima.

KAPITOLU 6

SISTEMI TAL-UNJONI U NAZZJONALI

GĦALL-EMISSIONIJET TAL-GASSIJET SERRA

U GĦALL-ASSORBIMENTI MINN BJAR

Artikolu 37

Sistemi ta' inventarji tal-Unjoni u nazzjonali

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jħaddmu u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi ta' inventarji nazzjonali biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropogeni minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V u jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji tagħhom tal-gassijiet serra.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-inventarji tagħhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament, jużaw is-sistemi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 biex itejbu l-istima tal-gassijiet fluworinati fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli annwali tal-konsistenza msemmija fil-punti (i) u (j) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

3. B'dan hija stabbilita sistema ta' inventarju tal-Unjoni sabiex tiżgura l-puntwalità, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji nazzjonali fir-rigward tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi, tiegħu ħsieb u tfittex li ttejjeb kontinwament dik is-sistema, li għandha tinkludi t-twaqqif ta' programm ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, it-twaqqif tal-oġettivi tal-kwalità, it-tfassil ta' pjan ta' inventarju tal-garanzija tal-kwalità u tal-kontroll tal-kwalità, il-proċeduri biex jitlestew l-istimi tal-emissjonijiet biex jitħejja l-inventarju tal-Unjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u r-rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 38.
4. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontroll inizjali tar-reqqa tad-data preliminari tal-inventarju tal-gassijiet serra li trid tintbagħat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(3). Hija għandha tibgħat ir-riżultati ta' dak il-kontroll lill-Istati Membri fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni. L-Istati Membri għandhom iwieġbu għal kull mistoqsija rilevanti mqajma mill-kontroll inizjali sal-15 ta' Marzu, flimkien mal-preżentazzjoni finali tal-inventarju għas-sena X-2.
5. Meta Stat Membru ma jippreżentax id-data għall-inventarju meħtieġa biex jinġabar l-inventarju tal-Unjoni sal-15 ta' Marzu, il-Kummissjoni tista' tħejji stimi biex tikkompleta d-data ppreżentata mill-Istat Membru, b'konsulatazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tuża l-linji gwida applikabbli għat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.

6. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-istruttura, il-format u l-proċess ta' pprezentazzjoni tal-informazzjoni marbuta mas-sistemi ta' inventarji u mar-rekwiżiti nazzjonali dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-funzjonament tas-sistemi ta' inventarju nazzjonali.

Meta tipproponi tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe deċiżjoni rilevanti adottata mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 43 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli rigward ir-rekwiżiti għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-funzjonament tas-sistema ta' inventarju tal-Unjoni. Meta tipproponi tali atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe deċiżjoni rilevanti adottata mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 38
Rieżami tal-inventarju

1. Bl-ġhan li twettaq monitoraġġ tat-tnaqqis jew tal-limitazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikoli 4, 9 u 10 tar-Regolament (UE) 2018/842 u tat-tnaqqis tagħhom tal-emissjonijiet u tat-tisħiħ tal-assorbimenti minn bjar skont l-Artikoli 4 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/841 u ta' kwalunkwe mira oħra ta' tnaqqis jew ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, fl-2027 u fl-2032, twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dak il-proċess.
2. Ir-rieżami komprensiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi:
 - (a) kontrolli li jivverifikaw it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata;
 - (b) kontrolli li jidentifikaw każijiet li fihom id-data tal-inventarju tkun tħejjiet b'mod li ma jkunx konsistenti mad-dokumentazzjoni ta' gwida tal-UNFCCC jew mar-regoli tal-Unjoni;

- (c) kontrolli li jidentifikaw każijiet meta l-kontabbiltà tal-LULUCF tkun tħejjiet b'mod li ma jkunx konsistenti mad-dokumentazzjoni ta' gwida tal-UNFCCC jew mar-regoli tal-Unjoni, u
- (d) meta jkun xieraq, kalkolu tal-korrezzjonijiet tekniċi meħtieġa li jirriżultaw, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddetermina t-tempestività u l-proċedura għat-twettiq tar-rieżami komprensiv, inklużi l-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tiżgura li ssir il-konsultazzjoni dovuta mal-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjonijiet tar-rieżamijiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina s-somma totali ta' emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-data kkorreġuta tal-inventarju għal kull Stat Membru, malli jitlesta r-rieżami maqsum bejn id-data tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-data tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u tiddetermina wkoll is-somma totali ta' emissjonijiet u ta' assorbimenti rilevanti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841.

5. Id-data għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/841 erba' xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841, inkluż it-tibdil f'din id-data li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/841.
6. Id-data għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/842 xahrejn wara d-data tal-kontroll tal-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-snin 2021 u 2026. Il-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 għal kull waħda mis-snin mill-2022 sal-2025 u mill-2027 sal-2030 għandu jitwettaq fid-data li tinzerta xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità għas-sena preċedenti. Dan il-kontroll għandu jinkludi t-tibdil f'din id-data li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2018/842.

Artikolu 39

Sistemi tal-Unjoni u nazzjonali għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iħaddmu u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni rispettivament għar-rapportar dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar. Dawk is-sistemi għandhom jinkludu l-arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali rilevanti stabbiliti fi Stat Membru u l-Unjoni għall-evalwazzjoni tal-politika u għat-twettiq ta' projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jiżguraw it-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni rrapportata dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar, kif imsemmi fl-Artikolu 18, inkluż l-użu u l-applikazzjoni tad-data, tal-metodi u tal-mudelli, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità u l-analiżi tas-sensittività.

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format u l-proċess ta' pprezentazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 18.

Meta tipproponi tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar maqbula internazzjonalment kif ukoll l-iskedi ta' żmien għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

Artikolu 40

Twaqqif u tħaddim tar-reġistri

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistri għall-kontabbiltà preċiża tal-kontributi determinati fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 4(13) tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-eżiti ta' mitigazzjoni trasferiti fil-livell internazzjonali skont l-Artikolu 6 ta' dak il-Ftehim.
2. L-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jżommu r-reġistri tagħhom f'sistema kkonsolidata, flimkien ma' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn.

3. Id-data fir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-amministratur ċentrali nnominat skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u sabiex twettaq, permezz tar-reġistri tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-implimentazzjoni teknika neċessarja tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi, b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU 7

KOOPERAZZJONI U APPOĠĠ

Artikolu 41

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw u jikkoordinaw għalkollox ma' xulxin u mal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:
 - (a) il-proċess għat-tħejjija, għall-adozzjoni, għan-notifika u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 9 sa 13;

- (b) il-proċess għat-tnejn, għall-adozzjoni, għan-notifika u għall-valutazzjoni tar-rapport nazzjonali integrat ta' progress dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 u tar-rapportar annwali skont l-Artikolu 26;
- (c) il-proċess marbut mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-indirizzar ta' daww ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 9(2) u (3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 32(1) u (2);
- (d) il-kompilazzjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u t-tnejn tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'konformità mal-Artikolu 26(4);
- (e) it-tnejn tal-komunikazzjoni nazzjonali tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC u tar-rapport ta' kull sentejn tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni 2/CP.17 jew deċiżjonijiet sussegwenti rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC;
- (f) il-proċeduri ta' rieżami u ta' konformità skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi b'konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni applikabbli skont il-UNFCCC kif ukoll il-proċedura ta' rieżami tal-Unjoni għall-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 38;
- (g) kwalunkwe aġġustament wara l-proċess ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 38 jew tibdil ieħor fl-inventarji u fir-rapporti dwar l-inventarji li jkunu ntbagħtu jew li jkunu jridu jintbagħtu lis-Segretarjat tal-UNFCCC;

(h) il-komplilazzjoni tal-inventarju approssimat dwar il-gassijiet serra tal-Unjoni, skont l-Artikolu 26(2).

2. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament fuq talba minn Stat Membru.

Artikolu 42

Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha fir-rigward tad-dimensjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika sabiex tikkonforma mal-Artikoli 15 sa 21, 26, 28, 29, 35, 37, 38, 39 u 41 skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha. Dik l-assistenza għandha tinkludi l-assistenza, skont kif ikun meħtieġ, fir-rigward ta':

- (a) il-komplilazzjoni tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet;
- (b) it-tweqqif ta' proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità fuq l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar projezzjonijiet u politiki u miżuri;
- (c) it-tħejjija tal-istimi jew l-ikkomplementar ta' dawk disponibbli għall-Kummissjoni fir-rigward tad-data dwar il-projezzjonijiet li ma jkunux irrapportati mill-Istati Membri;

- (d) il-komplilazzjoni tad-data, kull meta tkun disponibbli, li tkun meħuda mill-istatistika Ewropea u li tkun xierqa f'termini ta' tempestività, kif meħtieġ għar-rapport imħejji mill-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;
- (e) it-tixrid tal-informazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, inklużi ż-żamma u l-aġġornament ta' bażi tad-data dwar il-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-Istati Membri u l-Pjattaforma Ewropea dwar l-Adattament għall-Klima, fir-rigward tal-impatti, tal-vulnerabbiltajiet u tal-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (f) it-twettiq ta' proċeduri ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità fit-tnejn tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni;
- (g) il-kompilazzjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u t-tnejn tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni;
- (h) it-tnejn tal-istimi għad-data mhux irrapportata fl-inventarji nazzjonali dwar il-gassijiet serra;
- (i) it-twettiq tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 38;
- (j) il-kompilazzjoni tal-inventarju approssimat tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

KAPITOLU 8

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 43

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 44
Kumitati

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn:
 - (a) Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19(5), l-Artikolu 26(7), l-Artikolu 37(6), l-Artikolu 38(3) u l-Artikolu 39(3); u
 - (b) Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(4) u l-Artikolu 33(4).
2. Dawk il-kumitati għandhom ikunu kumitati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jieħu post il-kumitat stabbilit fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.
4. Meta xi wieħed mill-kumitati msemmi fil-paragrafu 1 jikkunsidra kwistjonijiet orizzontali u azzjonijiet komuni, għandu jinforma b'dan lill-kumitat l-ieħor imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politiki u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn is-setturi.

5. Kull Stat Membru għandu jaħtar ir-rappreżentant(i) tiegħu fuq il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Ir-rappreżentanti ta' kull kumitat għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-kumitat l-ieħor.
6. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 45

Rieżami

Fi żmien sitt xhur minn kull rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-kontribut tiegħu għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, il-progress biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030, l-oġettivi addizzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija u l-konformità tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ imsemmija f'dan ir-Regolament ma' liġijiet oħra tal-Unjoni jew ma' deċiżjonijiet futuri marbuta mal-UNFCCC u mal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rapporti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu akkompanjati minn proposti leġislattivi meta jkun xieraq.

Artikolu 46
Emendi għad-Direttiva 94/22/KE

Id-Direttiva 94/22/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa mħassar;
- (2) l-Artikolu 9 huwa mħassar.

Artikolu 47
Emendi għad-Direttiva 98/70/KE

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7a huwa emendat kif ġej:
 - (a) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-volum totali tal-provvista ta' kull tip ta' karburant jew ta' enerġija; u";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornituri jnaqqsu bl-iktar mod gradwali possibbli ċ-ċiklu ta' ħajja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija mill-provvista ta' karburant u ta' enerġija sa massimu ta' 10 % sal-31 ta' Diċembru 2020, meta mqabbel mal-istandard ta' referenza tal-karburant stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652. Dan it-tnaqqis għandu jikkonsisti fi:";

(2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 3 titqiegħed għad-dispożizzjoni fil-pront bil-mezzi xierqa."

Artikolu 48
Emendi għad-Direttiva 2009/31/KE

Id-Direttiva 2009/31/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull erba' snin l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż ir-reġistru msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 25. L-ewwel rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2011. Ir-rapport għandu jitfassal abbażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun adottat fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 30(2). Dak il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni ġenerali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri tal-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport.";

- (2) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 1 huwa mħassar.

Artikolu 49

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 663/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 27, il-paragrafi 1 u 3 huma mħassra;
- (2) l-Artikolu 28 huwa mħassar.

Artikolu 50

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2009

Fir-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-Artikolu 29 huwa mħassar.

Artikolu 51
Emendi għad-Direttiva 2009/73/KE

Id-Direttiva 2009/73/KE hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 5 huwa mħassar;
- (2) l-Artikolu 52 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 52

Rapportar

Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u rieżami tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport ġenerali ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala anness tar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁺.

* ĠU L...".

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titlu, in-numru u r-referenza ĠU tal-proċedura COD 2016/0375 (Governanza).

Artikolu 52

Emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE

Fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/119/KE, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Kull sena sal-15 ta' Marzu, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni kopja fil-qosor tar-reġistru tal-istokk imsemmi fil-paragrafu 1 li turi minn tal-inqas il-kwantitajiet u n-natura tal-istokk ta' emerġenza inklużi fir-reġistru fl-aħħar jum tas-sena kalendarja preċedenti."

Artikolu 53

Emendi għad-Direttiva 2010/31/UE

Id-Direttiva 2010/31/UE hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul b'appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u bini mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, fi stokk ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, biex hekk tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffikaċi tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Kull strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għandha tinkludi:";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-istrategġija ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' kull Stat Membru għandha tintbagħat lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima finali tagħha, imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺. B'deroga mill-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament, l-ewwel strategġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni sal-10 ta' Marzu 2020.

* ĠU L ...";

(2) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), is-sentenza "Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE" hija mħassra;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titlu, in-numru u r-referenza tal-ĠU tal- COD 2016/0375 (Governanza).

(3) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Bħala parti mir-rapport tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺, il-Kummissjoni kull erba' snin għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-Istati Membri fiż-żieda tal-għadd ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija. Abbażi ta' din l-informazzjoni rrapportata, il-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, tiżviluppa pjan ta' azzjoni u tipproponi rakkomandazzjonijiet u miżuri b'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺ biex jiżdied l-għadd ta' dak il-bini u tħeġġeġ li jintużaw l-aħjar Prattiki fir-rigward tat-trasformazzjoni kosteffikaċi ta' bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi zero enerġija.";

(4) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 huma mħassra;

(5) fl-Artikolu 14(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺;

⁺ ĠU: jekk jogħgħbok daħħal it-titlu u n-numru tal- COD 2016/0375 (Governanza).

- (6) Fl-Artikolu 15(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺".

Artikolu 54

Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE

Id-Direttiva 2012/27/UE hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 4 huwa mħassar;
- (2) fl-Artikolu 18(1), il-punt (e) huwa mħassar;
- (3) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafi 1, 3, 4 u 11 huma mħassra;
 - (b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;
- (4) l-Anness XIV huwa mħassar.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titlu u n-numru tal-COD 2016/0375 (Governanza).

Artikolu 55
Emenda għad-Direttiva 2013/30/UE

Fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/30/UE, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapportar annwali msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁺, l-informazzjoni speċifikata fil-punt 3 tal-Anness IX.

* ĠU L ...".

Artikolu 56
Emendi għad-Direttiva (UE) 2015/652

Id-Direttiva (UE) 2015/652 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "1. Kull sena sal-31 ta' Diċembru, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni data għas-sena kalendarja preċedenti relatata mal-konformità mal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE, kif definit fl-Anness III ta' din id-Direttiva.";
- (2) fl-Anness I, il-Parti 2, il-punti 1(h), 2, 3, 4 u 7 huma mħassra.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titlu, in-numru u r-referenza ĠU tal-COD 2016/0375 (Governanza).

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jridu jirrapportaw id-data elenkata fil-punt 3. Dik id-data trid tiġi rrapportata għal kull karburant u enerġija mqiegħda fis-suq f'kull Stat Membru. Meta l-bijokarburanti multipli jkunu mħallta mal-karburanti fossili, trid tiġi pprovduta d-data għal kull bijokarburant.";

(b) fil-punt 3, il-punti (e) u (f) huma mħassra;

(4) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) il-mudelli li ġejjin għar-rapportar tal-informazzjoni għall-konsistenza tad-data rrapportata huma mħassra:

- Orìġini – Fornituri Uniċi
- Orìġini – Fornituri Konġunti
- Post tax-Xiri

(b) fin-noti dwar il-format, il-punti 8 u 9 huma mħassra.

Artikolu 57

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li għandu jitħassar b'effett minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmubhala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIII.

Artikolu 58

Dispożizzjonijiet tranżitorji

B'deroga mill-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 7 u l-punti (a) u (d) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandhom ikomplu japplikaw għar-rapporti li jkun fihom id-data meħtieġa skont dawk l-artikoli għall-2018, għall-2019 u għall-2020.

L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika rigward it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għar-rieżamijiet tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għall-2018, għall-2019 u għall-2020.

L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għall-preżentazzjoni tar-rapport meħtieġ skont dak l-artikolu.

Għal raġunijiet ta' koerenza u ta' ċertezza legali, l-ebda element f'dan ir-Regolament ma jimpedixxi l-applikazzjoni ta' derogi skont il-liġi settorjali rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku u tat-tnejjija għar-riskji marbutin mal-elettriku.

Artikolu 59
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 40, l-Artikolu 53(2), (3) u (4), il-punt (a) tal-Artikolu 54(3), l-Artikolu 54(4), u l-Artikolu 55 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

QAFAS ĠENERALI GĦAL PJANIJIET NAZZJONALI INTEGRATI GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA

Parti 1

Qafas ġenerali

TAQSIMA A: PJAN NAZZJONALI	
1.	STAMPA ĠENERALI U PROĊESS BIEX JIĠI STABBILIT IL-PJAN
1.1.	Sommarju eżekuttiv i. Kuntest politiku, ekonomiku, ambjentali u soċjali tal-pjan ii. Strateġija b'rabta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija iii. Tabella fil-qosor bil-miżuri, il-politiku u l-oġettivi ewlenin tal-pjan
1.2.	Stampa ġenerali tas-sitwazzjoni tal-politika attwali i. Sistema tal-enerġija nazzjonali u tal-Unjoni u l-kuntest politiku tal-pjan nazzjonali ii. Politiki attwali dwar l-enerġija u l-klima u miżuri b'rabta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija iii. Kwistjonijiet ewlenin ta' rilevanza transkonfinali iv. Struttura amministrattiva fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali tal-enerġija u l-klima

1.3.	Konsultazzjonijiet u involviment ta' entitajiet nazzjonali u tal-Unjoni u r-riżultati tagħhom
i.	Involviment tal-parlament nazzjonali
ii.	Involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali
iii.	Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, li jinkludu s-sħab soċjali, u l-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-pubbliku ġenerali
iv.	Konsultazzjonijiet ma' Stati Membri oħra
v.	Proċess iterattiv mal-Kummissjoni
1.4.	Kooperazzjoni reġjonali fit-tnejja tal-pjan
i.	Elementi suġġetti għall-ippjannar konġunt jew koordinat ma' Stati Membri oħra.
ii.	Spjegazzjoni ta' kif tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni reġjonali fil-pjan
2.	OBJETTIVI U MIRI NAZZJONALI
2.1.	Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni"
2.1.1.	Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs ¹
i.	L-elementi stabbiliti fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4
ii.	Meta jkun applikabbli, objettivi u miri nazzjonali oħra li jkunu konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul eżistenti. Meta jkun applikabbli għall-kontribut għall-impenn globali tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, objettivi u miri oħra, li jinkludu miri settorjali u għanijiet ta' adattament, jekk ikunu disponibbli

¹ Konsistenza għandha tiġi żgurata mal-istrateġiji fit-tul skont l-Artikolu 15.

2.1.2. Enerġija rinnovabbli

- i. L-elementi stabbiliti fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4
- ii. It-trajettorji stmati għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija finali mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiĥ, u tat-trasport
- iii. It-trajettorji stmati b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jipprojetta li juża biex jikseb it-trajjetorji globali u settorjali għal enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030, li jinkludu l-konsum gross ta' enerġija finali mistenni skont it-teknoloġija u s-settur f'Mtoe u l-kapaċità installata ppjanata totali (diviża bil-kapaċità ġdida u tiġdid) għal kull teknoloġija u settur f'MW.
- iv. It-trajettorji stmati dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa, skont il-materja prima u l-oriġini (li jiddistingwu bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa tal-foresti, valutazzjoni tas-sors tagħha u l-impatt fuq il-bir LULUCF
- v. Meta jkun applikabbli, trajettorji u objettivi nazzjonali oħra, li jinkludu dawk li huma fit-tul jew settorjali (pereżempju s-sehem ta' bijokarburanti avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija rkuprata mill-ħama miksub mit-trattament tal-ilma mormi)

2.2. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika" i. L-elementi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4 ii. It-tragwardi indikattivi għall-2030, l-2040 u l-2050, l-indikaturi ta' progress kwantifikabbli stabbiliti domestikament, stima abbażi tal-evidenza tal-iffrankar enerġetiku mistenni u benefiċċji usa', u l-kontribut tagħhom għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kif inklużi fil-pjanijiet direzzjonali stabbiliti fl-istrategġiji ta' rinnovazzjoni fuq terminu twil għall-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE iii. Meta jkun applikabbli, objettivi nazzjonali oħra, li jinkludu miri jew strategġiji fit-tul u miri settorjali, u objettivi nazzjonali f'oqsma bħall-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport u fir-rigward tat-tiżnin u t-kessih	2.3. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija" i. L-elementi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 4 ii. Objettivi nazzjonali dwar: iż-żieda fid-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi bl-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali iii. Meta jkun applikabbli, l-objettivi nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi, biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali iv. Objettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari billi jsir użu minn sorsi domestiċi tal-enerġija, rispons tad-domanda u ħżin tal-enerġija
---	---

2.4. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija"

2.4.1. Interkonnettività tal-elettriku

- i. Il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' minn tal-inqas 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030, bi strateġija bil-livell mill-2021 'il quddiem definit f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, fid-dawl tal-mira ta' interkonnessjoni ta' 10 % għall-2020 u l-indikaturi tal-urġenza tal-azzjoni li ġejjin:
 - (1) Id-differenza fil-prezzijiet fis-suq bl-ingrossa li taqbeż il-limitu indikattiv ta' EUR 2/MWh bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni jew iż-żoni tal-offerti;
 - (2) Il-kapaċità ta' trażmissjoni nominali tal-interkonnetturi taħt it-30 % tat-tagħbija massima;
 - (3) Il-kapaċità ta' trażmissjoni nominali tal-interkonnetturi taħt it-30 % tal-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.

Kull interkonnettur ġdid għandu jkun soġġett għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali u jiġi implimentat biss jekk il-benefiċċji potenzjali jkunu akbar mill-ispejjeż

2.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

- i. Il-proġetti u, meta jkun rilevanti, il-proġetti ta' modernizzazzjoni ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija
- ii. Meta jkun applikabbli, proġetti ta' infrastruttura ewlenin previsti għajr il-Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs)¹

¹ B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

2.4.3. Integrazzjoni tas-suq

- i. Obiettivi nazzjonali marbuta ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħaż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari b'rabta mal-promozzjoni ta' prezzijiet tal-elettriku ddeterminati b'mod kompetittiv skont il-liġi settorjali rilevanti, l-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament, sabiex jiżdiedu l-kapaċità kummerċjabbli tal-interkonnnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, li jinkludi ż-żmien li fih iridu jintlaħqu l-obiettivi
- ii. Meta jkun applikabbli, obiettivi nazzjonali relatati mal-parteciġazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, inkluż permezz tal-aggregazzjoni fis-swieq kollha tal-enerġija, inkluż iż-żmien li fih ikunu jridu jintlaħqu l-obiettivi
- iii. Meta jkun applikabbli, obiettivi nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;
- iv. Obiettivi nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, kif ukoll għall-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż iż-żmien li fih ikunu jridu jintlaħqu l-obiettivi
- v. Meta jkun applikabbli, obiettivi nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija u titjeb il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut

2.4.4. Faqar enerġetiku

Meta jkun applikabbli, l-obiettivi nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku, li jinkludi ż-żmien meta jridu jintlaħqu l-obiettivi

2.5. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività" i. Obiettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni pubblika u, meta tkun disponibbli, privata marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija, li jinkludu, meta jkun xieraq, iż-żmien li fih iridu jintlaħqu l-obiettivi ii. Meta jkunu disponibbli, obiettivi nazzjonali għall-2050 b'rabta mal-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa u, meta jkun xieraq, obiettivi nazzjonali, li jinkludu miri fit-tul (2050) għall-iskjerament ta' teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju, li jinkludu s-setturi industrijali li jiddekarbonizzaw l-enerġija u dawk intensivi fl-użu tal-karbonju u, meta jkun applikabbli, għall-infrastruttura marbuta mat-trasport u mal-ħażna tal-karbonju iii. Meta jkun applikabbli, obiettivi nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività
3. POLITIKI U MIŻURI
3.1. Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni" 3.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs i. Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissewma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejjbu l-assorbimenti, bi prospettivi għall-viżjoni u għall-għan fit-tul sabiex isiru ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet u jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet u l-assorbimenti b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi ii. Meta jkun rilevanti, il-kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam iii. Meta jkun applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, miżuri ta' finanzjament, li jinkludu appoġġ mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali

3.1.2. Enerġija rinnovabbli

- i. Politiki u miżuri sabiex jintlaħaq il-kontribut nazzjonali għall-mira vinkolanti tal-2030 tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u t-trajettorji kif imsemmija fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 u, meta jkunu applikabbli jew disponibbli, l-elementi msemmija fil-punt 2.1.2 ta' dan l-Anness, li jinkludu miżuri settorjali u speċifiċi għat-teknoloġija¹
- ii. Meta jkun rilevanti, miżuri speċifiċi għal kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll – bħala għażla fakultattiva – l-istima ta' produzzjoni tal-enerġija eċċessiva minn sorsi rinnovabbli li tista' tkun trasferita lil Stati Membri oħra sabiex tinkiseb il-kontribuzzjoni nazzjonali u t-trajettorji msemmija fil-punt 2.1.2
- iii. Miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, meta jkun applikabbli, li jinkludi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, it-tisħin u t-tkessiġ, u t-trasport
- iv. Meta jkun applikabbli, il-valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli li l-Istati Membri għandhom iwettqu skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺
- v. Miżuri speċifiċi għall-introduzzjoni ta' punt ta' kuntatt wieħed jew aktar, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ftehimiet ta' xiri ta' enerġija

¹ Meta jkunu qed jippjanaw daww il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tmiem tal-ħajja ta' installazzjonijiet eżistenti u l-potenzjal għat-tiġdid.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

Sommarju tal-politiki u l-miżuri skont il-qafas ta' abilitazzjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skont l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' awtokonsum ta' enerġija u ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

- vi. Valutazzjoni tal-ħtieġa li jinbnew infrastrutturi ġodda għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali prodotti minn sorsi rinnovabbli.
- vii. Meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija mill-bijomassa, b'mod speċjali għall-mobilizzazzjoni tal-bijomassa ġdida billi jitqiesu:
 - id-disponibbiltà tal-bijomassa, inkluża l-bijomassa sostenibbli: kemm il-potenzjal domestiku kif ukoll l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi
 - użu ieħor tal-bijomassa minn setturi oħra (is-setturi agrikoli u forestali); kif ukoll miżuri għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-użu tal-bijomassa

3.1.3. Elementi oħra tad-dimensjoni

- i. Meta jkun applikabbli, politiki u miżuri nazzjonali li jaffettwaw is-settur tal-EU-ETS u valutazzjoni tal-komplementarjetà u l-impatti fuq l-EU-ETS
- ii. Politiki u miżuri biex jintlaħqu miri nazzjonali oħra, meta jkun applikabbli
- iii. Politiki u miżuri biex tinkiseb mobilità b'emissjonijiet baxxi (li tinkludi l-elettrifikazzjoni tat-trasport)
- iv. Meta jkun applikabbli, politiki, skadenzi u miżuri nazzjonali ppjanati għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari għall-karburanti fossili

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

3.2. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika"

Politiki, miżuri u programmi ppjanati sabiex tinkiseb il-mira indikattiva għall-kontributi għall-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll objettivi oħra msemmija fil-punt 2.2, li jinkludu miżuri u strumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) li jippromwovu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej:

- i. Skemi ta' obbligi ta' effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika pubblika alternattivi skont l-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE u li jridu jitħejjew skont l-Anness III għal dan ir-Regolament
- ii. Strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul biex tiġi sostnuta r-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat¹, li jinkludu politiki, miżuri u azzjonijiet li jstimulaw rinnovazzjonijiet profondi ta' nfiq effettiv u politiki u azzjonijiet li jimmiraw is-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-aġġar rendiment, b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE
- iii. Deskrizzjoni tal-politika u miżuri li jippromwovu s-servizzi tal-enerġija fis-settur pubbliku u miżuri li jneħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jimpedixxu t-teħid tal-ikkuntrattar tal-prestazzjoni tal-enerġija u mudelli ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika²

¹ B'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE.

² B'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/27/UE.

- iv. Politiki, miżuri u programmi oħra ppjanati biex jilhqg l-kontributi indikattivi tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll objettivi oħra msemmija fil-punt 2.2 (pereżempju miżuri biex jippromwovu r-rwol eżemplari tal-bini pubbliku u l-akkwist pubbliku effiċjenti fl-enerġija, miżuri li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija¹, informazzjoni għall-konsumatur u miżuri ta' taħriġ², u miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika³)
- v. Meta jkun applikabbli, deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri li jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri fil-punti i, ii, iii u iv
- vi. Deskrizzjoni ta' miżuri biex jiġu żviluppati miżuri għall-użu tal-potenzjalitajiet tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku⁴
- vii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam, meta tkun applikabbli
- viii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu sostenn mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, fil-qasam fil-livell nazzjonali

¹ B'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE.

² B'konformità mal-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE.

³ B'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁴ B'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2012/27/UE.

3.3. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija"¹ i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.3² ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni
3.4. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija"³ 3.4.1. Infrastruttura tal-elettriku i. Politiki u miżuri sabiex jinkiseb il-livell fil-mira tal-interkonnnettività kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 4 ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam⁴ iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni 3.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.4.2, li jinkludu, meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi li jippermettu t-twassil ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) u proġetti infrastrutturali ewlenin oħra

¹ Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

² Il-konsistenza għandha tiġi żgurata bl-azzjoni preventiva u l-pjanijiet tal-emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1), kif ukoll il-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji skont ir-Regolament (UE) 2018/... [kif propost permezz ta' COM(2016) 862 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar Direttiva 2005/89/KE].

³ Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

⁴ Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

- ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam¹
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

3.4.3. Integrazzjoni tas-suq

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.4.3
- ii. Miżuri biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, b'hall-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, inkluża l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq tal-istess ġurnata u tas-swieq tal-ibbilanċjar transfruntiera
- iii. Meta jkun applikabbli, miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq kollha tal-enerġija
- iv. Politiki u miżuri li jipproteġu lill-konsumaturi, speċjalment il-konsumaturi vulnerabbli u, meta jkun applikabbli, lil daww f'sitwazzjoni ta' faqqar enerġetiku, u li jtejjbu l-kompetittività u l-kontestabbiltà tas-suq bl-imnut tal-enerġija.
- v. Deskrizzjoni ta' miżuri li jippermettu u jiżviluppaw ir-rispons għad-domanda, li jinkludu daww li jindirizzaw tariffi li jsostnu prezzijiet dinamiċi²

3.4.4. Faqqar enerġetiku

- i. Meta jkun applikabbli, politiki u miżuri sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-punt 2.4.4

¹ Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

² B'konformità mal-Artikolu 15(8) tad-Direttiva 2012/27/UE.

3.5. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività"

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.5
- ii. Meta jkun applikabbli, kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra f'dan il-qasam, li tinkludi – meta jkun xieraq – informazzjoni dwar kif l-oġettivi u l-politiki tal-Pjan SET qed jiġu tradotti fil-kuntest nazzjonali.
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

TAQSIMA B: BAŻI ANALITIKA ¹	
4.	SITWAZZJONI ATTWALI U PROJEZZJONIJIET B'POLITIKI U MIŻURI EŻISTENTI ^{2, 3}
4.1.	Evoluzzjoni proġettata ta' fatturi eżoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-sistema tal-enerġija u l-iżviluppi fl-emissjonijiet ta' GHGs i. Previżjonijiet makroekonomiċi (PDG u tkabbir tal-popolazzjoni) ii. Bidliet settorjali li mistennija jħallu impatt fuq is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' GHGs iii. Xejriet tal-enerġija globali, prezzijiet internazzjonali tal-karburanti fossili, prezz tal-karbonju tal-EU-ETS iv. Żviluppi fl-ispejjeż tat-teknoloġija

¹ Ara l-Parti 2 għal lista dettaljata ta' parametri u fatturi varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjan.

² Is-sitwazzjoni attwali għandha tirrifletti d-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali (jew l-aħħar data disponibbli). Il-politiki u l-miżuri eżistenti jinkorporaw politiki u miżuri implimentati u adottati. Il-politiki u l-miżuri adottati huma dawk li dwarhom tkun ittiegħdet deċiżjoni uffiċjali mill-gvern sad-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali u li jkun hemm impenn ċar favur l-implimentazzjoni tagħhom. Politiki u miżuri implimentati huma dawk li għalihom japplikaw waħda jew iktar minn dawn li ġejjin fid-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew tar-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima: leġislazzjoni Ewropea direttament applikabbli jew leġislazzjoni nazzjonali tkun fis-seħħ, ikun ġie stabbilit ftehim volontarju wiegħed jew iktar, ikunu ġew allokati r-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi umani jkunu ġew mobilizzati.

³ L-għażla ta' fatturi eżoġeni tista' tkun ibbażata fuq il-preżunzjonijiet magħmula fix-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 jew xenarji strateġiċi sussegwenti oħra għall-istess fatturi varjabbli. Minbarra hekk, ir-riżultati speċifiċi tal-Istati Membri tax-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 kif ukoll ir-riżultati ta' xenarji strateġiċi sussegwenti jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni meta jiġu żviluppati l-projezzjonijiet nazzjonali bil-politiki u l-miżuri u l-valutazzjonijiet tal-impatt eżistenti.

4.2. Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni" 4.2.1. Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs i. Xejriet attwali fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs fl-EU ETS, il-kondiviżjoni tal-isforzi u s-setturi LULUCF u setturi differenti tal-enerġija ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi settorjali b'politiki u miżuri nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030) 4.2.2. Enerġija rinnovabbli i. Sehem attwali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' enerġija finali u f'oqsma differenti (tisħin u tkessiġ, elettriku u trasport) kif ukoll skont it-teknoloġija f'kull wieħed minn dawn is-setturi ii. Projezzjonijiet indikattivi ta' żvilupp bil-politiki eżistenti għas-sena 2030 (b'perspettiva għas-sena 2040)	4.3. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika" i. Konsum ta' enerġija primarja u finali attwali fl-ekonomija u skont is-settur (li jinkludi l-industrija, is-settur residenzjali, is-servizzi u t-transport) ii. Potenzjal attwali għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti¹ iii. Projezzjonijiet li jikkunsidraw il-politiki, il-miżuri u l-programmi ta' effiċjenza enerġetika eżistenti kif deskritt fil-punt 1.2.(ii) għall-konsum ta' enerġija primarja u finali għal kull settur tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)² iv. Livelli kostottimali tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija minima li jirriżultaw minn kalkoli fil-livell nazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/31/UE
--	--

¹ B'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.

² Dan in-negozju ta' referenza bħala projezzjoni tas-soltu għandu jkun il-bażi għall-mira tal-konsum tal-enerġija finali u primarja għall-2030 li huwa deskritt fi 2.3 u l-fatturi ta' konverżjoni.

4.4. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija" i. Taħlita tal-enerġija attwali, riżorsi tal-enerġija domestika, dipendenza fuq l-importazzjoni, inklużi r-riskji rilevanti ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)
4.5. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija" 4.5.1. Interkonnnettività tal-elettriku i. Livell ta' interkonnnessjoni u interkonnnetturi ewlenin attwali¹ ii. Projezzjonijiet tar-rekwiżiti ta' espansjoni tal-interkonnnettur (inkluż għas-sena 2030)² 4.5.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija i. Karatteristiċi ewlenin tal-infrastruttura ta' trażmissjoni eżistenti għall-elettriku u l-gass³ ii. Projezzjonijiet għal rekwiżiti ta' espansjoni ta' netwerk tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)⁴ 4.5.3. Swieq tal-elettriku u l-gass, prezzijiet tal-enerġija i. Sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-elettriku u l-gass, li tinkludi l-prezzijiet tal-enerġija ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

¹ B'referenza għall-istampa ġenerali tal-infrastruttura eżistenti ta' trażmissjoni minn Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs).

² B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' networks nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

³ B'referenza għall-istampa ġenerali tal-infrastruttura eżistenti għat-trażmissjoni mit-TSOs.

⁴ B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' networks nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

4.6. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività" i. Sitwazzjoni attwali fis-settur tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u, kemm jista' jkun, il-pożizzjoni tiegħu fis-suq globali (din l-analiżi għandha titwettaq fil-livell globali jew tal-Unjoni) ii. Livell attwali ta' riċerka pubblika u, meta tkun disponibbli, dik privata u nfiq fl-innovazzjoni fuq teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju, għadd attwali ta' privattivi, u għadd attwali ta' riċerkaturi iii. Rendikont tal-elementi attwali tal-prezzijiet li jiffurmaw it-tliet komponenti ewlenin tal-prezz (enerġija, netwerk, taxxi/dazji) iv. Deskrizzjoni tas-sussidji tal-enerġija, inkluż għall-karburanti fossili	
5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-POLITIKI U L-MIŻURI PPJANATI¹	
5.1. Impatti tal-politiki u l-miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 fuq is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs, inkluż tqabbil tal-projezzjonijiet mal-politiki u l-miżuri eżistenti (kif deskritti fit-taqsima 4). i. Projezzjonijiet tal-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u l-assorbiment ta' GHGs kif ukoll – meta jkun rilevanti – tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja b'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2284 skont il-politiki u l-miżuri ppjanati tal-anqas sa għaxar snin wara l-perijodu kopert mill-pjan (inkluż għall-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan), inklużi l-politiki u l-miżuri rilevanti tal-Unjoni.	

¹ Il-politiki u l-miżuri ppjanati huma għażliet li jridu jiġu diskussi u li għandhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali. Għalhekk il-projezzjonijiet li jirriżultaw skont taqsima 5.1.i għandhom jinkludu mhux biss il-politiki u l-miżuri implimentati u adottati (projezzjonijiet b'politiki u miżuri eżistenti), imma wkoll il-politiki u l-miżuri ppjanati.

ii. Valutazzjoni ta' interazzjonijiet tal-politika (bejn politiki u miżuri eżistenti u politiki u miżuri ppjanati fi ħdan dimensjoni politika u bejn politiki u miżuri eżistenti u politiki u miżuri ppjanati ta' dimensjonijiet differenti) tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, b'mod partikolari biex jiġi stabbilit fehim robust tal-impatt tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika / l-iffrankar enerġetiku fuq id-daqs tas-sistema tal-enerġija u biex jiġnaqqas ir-riskju li investment imur ħażin fil-provvista tal-enerġija iii. Valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati, u bejn dawh il-politiki u l-miżuri u l-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika klimatika u enerġetika	5.2. Impatti makroekonomiċi u – skont kemm ikun fattibbli – impatti soċjali, fuq is-saħħa, l-ambjent, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi aspetti tranżitorji ġusti (f'termini ta' spejjeż u benefiċċji kif ukoll tal-kosteffikaċja) tal-politiki u l-miżuri ppjanati u deskritti fit-taqsima 3 tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, li jinkludi tqabbil ta' projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti
---	--

5.3. Stampa ġenerali tal-ħtiġijiet ta' investiment i. flussi ta' investiment eżistenti u suppożizzjonijiet ta' investiment bil-quddiem fir-rigward tal-politiki u l-miżuri ppjanati ii. fatturi tar-riskji tas-settur jew tas-suq jew ostakli fil-kuntest nazzjonali jew reġjonali iii. analiżi tal-appoġġ finanzjarju pubbliku addizzjonali jew riżorsi sabiex jimtlew id-diskrepanzi identifikati fil-punt ii
5.4. Impatti tal-politiki u l-miżuri ppjanati deskritti fit-taqsimha 3 fuq Stati Membri oħra u kooperazzjoni reġjonali tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, inkluż tqabbil tal-projezzjonijiet mal-politiki u l-miżuri eżistenti i. Impatti fuq is-sistema tal-enerġija fil-viċinat u fi Stati Membri oħra fir-reġjun sa fejn ikun possibbli ii. Impatti fuq il-prezzijiet tal-enerġija, l-utilitajiet u l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija iii. Meta jkun rilevanti, impatti fuq il-kooperazzjoni reġjonali

Parti 2

Lista ta' parametri u varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjanijiet Nazzjonali¹²³⁴

Il-parametri, il-fatturi varjabbli, il-bilanċi u l-indikaturi tal-enerġija li ġejjin għandhom jiġu rapportati fit-Taqsima B "Bażi Analitika" tal-Pjanijiet Nazzjonali, jekk jintużaw:

1. Parametri u fatturi varjabbli ġenerali
 - (1) Popolazzjoni [f'miljuni]
 - (2) PDG [f'miljuni ta' euro]
 - (3) Valur gross settorjali miżjud [li jinkludi s-setturi industrijali, ta' kostruzzjoni, tas-servizzi u agrikoli ewlenin) [f'miljuni ta' euro]
 - (4) Għadd ta' unitajiet domestiċi [f'eluf]

-
- ¹ Għall-pjan li jkopri l-perijodu mill-2021 sal-2030: Għal kull parametru/fattur varjabbli fil-lista, għandhom jiġu rapportati x-xejriet matul is-snin 2005-2040 (2005-2050 meta jkun xieraq), inkluż għas-sena 2030, f'intervalli ta' ħames snin kemm fit-taqsima 4 kif ukoll fit-taqsima 5. Għandu jiġi indikat parametru bbażat fuq suppożizzjonijiet eżoġeni kontra output immudellat.
 - ² Kemm jista' jkun, id-data u l-projezzjonijiet rapportati għandhom jissawru fuq u jkunu konsistenti mad-data tal-EUROSTAT u l-metodoloġija użata għar-rapportar tal-istatistika Ewropea fil-liġi settorjali rilevanti, peress li l-istatistika Ewropea hija s-sors ewleni ta' data statistika użata għar-rapportar u l-monitoraġġ, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea.
 - ³ Nota: il-projezzjonijiet kollha għandhom isiru abbażi ta' prezzijiet kostanti (prezzijiet tal-2016 użati bħala sena bażi)
 - ⁴ Il-Kummissjoni se ttipprovdi rakkomandazzjonijiet għal parametri ewlenin, li tal-anqas ikopru l-prezzijiet taż-żejt, il-gass u l-importazzjoni tal-faħam kif ukoll il-prezzijiet tal-karbonju fl-EU-ETS.

- (5) Daqs tal-unitajiet domestiċi [residenti/unitajiet domestiċi]
- (6) Introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi [f'euro]
- (7) Għadd ta' kilometri tal-passiġġieri: il-modi kollha, jiġifieri maqsumin bejn triq (karożżi u xarabanks separati jekk possibbli), ferrovija, avjazzjoni u navigazzjoni domestika (meta jkun rilevanti) [f'miljun ta' pkm]
- (8) Tunnellati-kilometri ta' trasport tal-merkanzija: il-modi kollha bl-esklużjoni ta' tbaħħir internazzjonali, jiġifieri maqsumin bejn triq, ferrovija, avjazzjoni, navigazzjoni domestika (passaġġi fuq l-ilma interni u trasport marittimu nazzjonali) [f'miljuni ta' tkm]
- (9) Prezzijiet tal-importazzjoni taż-żejt, tal-gass u karburant tal-faħam [EUR/GJ jew euro/toe] ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni
- (10) Prezz tal-karbonju tal-EU-ETS [EUR/EUA] ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni
- (11) Suppożizzjonijiet fuq ir-rati tal-kambju għal EUR u USD (meta jkun applikabbli) [euro/munita u USD/munita]
- (12) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tisħin (HDD)
- (13) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tkessiħ (CDD)
- (14) Suppożizzjonijiet dwar spejjeż ta' teknoloġija użati fl-immudellar għal teknoloġiji rilevanti ewlenin

2. Bilanċi u indikaturi tal-enerġija

2.1. Provvista tal-enerġija

- (1) Produzzjoni indiġena skont it-tip ta' karburant (kull prodott tal-enerġija li jiġi prodott f' kwantitajiet sinifikanti) [ktoe]
- (2) Importazzjonijiet netti skont it-tip ta' karburant (inkluż l-elettriku u maqsumin f'importazzjonijiet netti intra-UE u extra-UE) [ktoe]
- (3) Dipendenza fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi [%]
- (4) Sorsi ewlenin tal-importazzjoni (pajjiżi) għal trasportaturi ewlenin tal-enerġija (inklużi l-gass u l-elettriku)
- (5) Konsum Domestiku Gross tal-Enerġija skont is-sors tat-tip ta' karburant (li jinkludi solidi, il-prodotti kollha tal-enerġija: faħam, prodotti taż-żejt mhux maħdum u tal-petroleum, gass naturali, enerġija nukleari, elettriku, tisħin derivat, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, skart) [ktoe]

2.2. Elettriku u tisħin

- (1) Ġenerazzjoni elettrika grossa [GWh]
- (2) Ġenerazzjoni elettrika grossa skont il-karburant (il-prodotti kollha tal-enerġija) [GWh]

- (3) Sehem ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana kkombinati fil-ġenerazzjoni totali tal-elettriku u tas-sħana [%]
- (4) Ġenerazzjoni tal-kapaċità tal-elettriku skont is-sors, li tinkludi l-irtirar u investiment ġdid [MW]
- (5) Ġenerazzjoni tas-sħana mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali
- (6) Ġenerazzjoni tas-sħana minn impjanti tat-tisħin u tal-enerġija kkombinati, inkluża s-sħana industrijali mormija
- (7) Kapaċitajiet ta' interkonnessjoni transkonfinali għall-gass u l-elettriku [Definizzjoni għall-elettriku skont l-eżitu tad-diskussjonijiet li għaddejjin abbażi tal-mira ta' interkonnessjoni ta' 15 %] u r-rati tal-użu projettat tagħhom

2.3. Settur tat-trasformazzjoni

- (1) Inputs tal-karburant għall-ġenerazzjoni tal-enerġija termali (li jinkludu solidi, żejt, gass) [ktoe]
- (2) Inputs ta' karburant għal proċessi ta' konverżjoni oħra [ktoe]

2.4. Konsum ta' enerġija

- (1) Konsum ta' enerġija primarja u finali [ktoe]
- (2) Konsum ta' enerġija finali skont is-settur (inklużi l-industrija, is-settur residenzjali, is-settur terzjarju, l-agrikoltura u t-trasport (inkluż it-trasport maqsum bejn il-passiġġieri u l-merkanzija, meta jkun disponibbli)) [ktoe]
- (3) Konsum ta' enerġija finali skont il-karburant (il-prodotti kollha tal-enerġija) [ktoe]
- (4) Konsum finali mhux tal-enerġija [ktoe]
- (5) Intensità ta' enerġija primarja tal-ekonomija globali (konsum ta' enerġija primarja/PDG [toe/euro])
- (6) Intensità ta' enerġija finali skont is-settur (inklużi l-industrija, is-settur residenzjali, is-settur terzjarju u t-trasport (inkluż it-trasport maqsum bejn il-passiġġieri u l-merkanzija, meta jkun disponibbli))

2.5. Prezzijiet

- (1) Prezzijiet tal-elettriku skont it-tip ta' użu tas-settur (residenzjali, industrijali, terzjarju)
- (2) Prezzijiet nazzjonali tal-karburant bl-imnut (li jinkludu t-taxxi, skont is-sors u s-settur) [euro/ktoe]

2.6. Investment

Spejjeż tal-investment fis-setturi tat-trasformazzjoni, il-provvista, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija

2.7. Sorsi ta' enerġija rinnovabbli

- (1) Konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' enerġija finali u skont is-settur (elettriku, tisħin u tkessiġ, trasport) u skont it-teknoloġija
- (2) Ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tisħin mill-enerġija rinnovabbli fil-bini; dan għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, data diżaggregata fuq l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltajċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati
- (3) Meta jkun applikabbli, trajettorji nazzjonali oħra, li jinkludu dawk li jkunu fit-tul jew settorjali s-sehem ta' bijokarburanti minn kultivazzjonijiet alimentari u dawk avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet u fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

3. Indikaturi relatati ta' emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs
- (1) Emissjonijiet ta' GHGs skont is-settur tal-politika (l-EU-ETS, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-LULUCF)
 - (2) Emissjonijiet ta' GHGs skont is-settur IPCC u skont il-gass (meta jkun rilevanti, maqsumin bejn l-EU-ETS u setturi għall-kondiviżjoni tal-isforzi) [tCO₂eq]
 - (3) Intensità tal-karbonju tal-ekonomija globali [tCO₂eq/PDG]
 - (4) Indikaturi relatati mas-CO₂
 - (a) Intensità f'termini ta' GHGs tal-ġenerazzjoni domestika ta' sħana u elettriku [tCO₂eq/MWh]
 - (b) Intensità f'termini ta' GHGs tal-konsum ta' enerġija finali skont is-settur [tCO₂eq/toe]

- (5) Parametri marbuta ma' emissjonijiet mhux ta' CO₂
- (a) Bhejjem: baqar tal-ħalib [1 000 waħda], baqar mhux tal-ħalib [1 000 waħda], nagħaġ [1 000 waħda], ħnieżer [1 000 wieħed], tjur [1 000 waħda]
 - (b) Input ta' nitroġenu mill-bexx ta' fertilizzanti sintetiċi [kt ta' nitroġenu]
 - (c) Input ta' nitroġenu mit-tpoġġija tad-demel [kt nitroġenu]
 - (d) Nitroġenu fiss fl-għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu [kt ta' nitroġenu]
 - (e) Nitroġenu f'residwi tal-għelejjel ritornati fil-ħamrija [kt ta' nitroġenu]
 - (f) Erja ta' ħamrija organika kkultivata [ettari]
 - (g) Ġenerazzjoni tal-iskart solidu municiipali (MSW)
 - (h) Skart solidu municiipali (MSW) li jintrema fil-miżbliet
 - (i) Sehem ta' rkupru ta' CH₄ fil-ġenerazzjoni totali ta' CH₄ mill-miżbliet [%]
-

ANNEX II

KONTRIBUTI NAZZJONALI GĦAS-SEHEM TA' ENERĠIJA MINN SORSI RINNOVABBLI FIL-KONSUM FINALI GROSS TA' ENERĠIJA FL-2030

1. Il-formula indikattiva li ġejja tirrappreżenta l-kriterji oġġettivi elenkati fil-punti (e)(i) sa (v) tal-Artikolu 5(1), kull wieħed espress f'punti perċentwali:
 - (a) il-mira vinkolanti nazzjonali tal-Istat Membru għall-2020 kif stabbilita fit-tielet kolonna tat-tabella Anness I tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
 - (b) kontribut b'rata fissa (C_{Flat});
 - (c) kontribut abbażi tal-PDG per capita (C_{GDP});
 - (d) kontribut abbażi tal-potenzjal ($C_{Potential}$);
 - (e) kontribut li jirrifletti l-livell ta' interkonnessjoni tal-Istat Membru ($C_{Interco}$).
2. Is- C_{Flat} għandu jkun l-istess għal kull Stat Membru. Is- C_{Flat} tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

3. Is- C_{GDP} għandu jiġi allokat bejn l-Istati Membri abbażi tal-indiċi tal-PDG per capita tal-Eurostat għall-medja tal-Unjoni tul il-perijodu 2013 sal-2017, espress fi standard tal-poter tal-akkwist, b'indiċi massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni għal kull Stat Membru individwali. Is- C_{GDP} tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
 4. Is- $C_{Potential}$ għandu jiġi allokat bejn l-Istati Membri abbażi tad-differenza bejn is-sehem tal-RES ta' Stat Membru fl-2030 kif muri fix-xenarju PRIMES u l-miri nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020. Is- $C_{Potential}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
 5. Is- $C_{Interco}$ għandu jkun allokat bejn l-Istati Membri abbażi ta' indiċi tas-sehem tal-interkonnessjoni elettrika meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni fl-2017, imkejjel bil-kapaċità ta' trasferiment nett fuq it-total ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni installata, b'indiċi tas-sehem tal-interkonnessjoni massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni għal kull Stat Membru individwali. Is- $C_{Interco}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi għal 10 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
-

ANNESS III

NOTIFIKA TAL-MIŻURI U L-METODOLOĠIJI TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 7 TAD-DIRETTIVA 2012/27/UE

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-metodoloġija dettaljata proposta minnhom lill-Kummissjoni b'konformità mal-punt 5 tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE għall-operat tal-iskemi ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika pubblika alternattivi msemmija fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6) ta' dik id-Direttiva.

1. Il-kalkolu tal-livell tar-rekwiżit ta' ffrankar enerġetiku għandu jinkiseb fuq il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030, sabiex jintwera kif l-elementi li ġejjin jittieħdu inkunsiderazzjoni:
 - (a) il-konsum annwali ta' enerġija finali, fuq il-medja tal-perijodu tat-tliet snin l-aktar reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019 [f'ktoe];
 - (b) l-ammont kumulattiv totali ta' ffrankar enerġetiku fil-konsum finali li għandu jinkiseb [f'ktoe] skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (c) id-data użata fil-kalkolu tal-konsum ta' enerġija finali u s-sorsi ta' din id-data, inkluża ġustifikazzjoni għall-użu ta' sorsi tal-istatistika alternattivi u kwalunkwe differenza fil-kwantitajiet li jirriżultaw (jekk jintużaw sorsi oħra li mhumiex ta' Eurostat);

2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw xi waħda mill-possibbiltajiet skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2012/27/UE għandhom jinnotifikaw ukoll il-kalkolu ta' tagħhom tal-livell tar-rekwiżit ta' ffrankar enerġetiku li għandu jinkiseb matul il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030, u li juru kif jitqiesu wkoll l-elementi li ġejjin:
- (a) ir-rata ta' ffrankar annwali ta' tagħhom;
 - (b) il-bażi tal-kalkolu ta' tagħhom u l-enerġija użata fit-trasport, kompletament jew parzjalment, eskluż mill-kalkolu [f'ktoe];
 - (c) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku kkalkulat matul il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 (qabel l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE) [f'ktoe];
 - (d) l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE:
 - (i) il-konsum ta' enerġija finali fl-attivitajiet industrijali [f'ktoe] elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE esklużi mill-kalkolu, b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;

- (ii) l-ammont ta' ffrankar enerġetiku [f'ktoe] miksub fis-setturi ta' trasformazzjoni, distribuzzjoni u trażmissjoni tal-enerġija, anke permezz ta' infrastruttura effiċjenti ta' tiżhin u tkessiħ distrettwali, b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (iii) l-ammont ta' enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 u li jibqa' jkollhom impatt fl-2020 u lil hinn, b'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (iv) l-ammont ta' enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn miżuri ta' politika pubblika, sakemm ikun jista' jintwera li daww il-miżuri ta' politika pubblika jirriżultaw f'azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta' Jannar 2018 u sal-31 ta' Diċembru 2020, u jwasslu għal iffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020, b'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (v) l-ammont ta' enerġija ġġenerata [f'ktoe] fuq jew fil-bini għal użu proprju b'riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjoni ġdida ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, skont il-punt (f) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(vi) l-ammont ta' ffrankar enerġetiku [f'ktoe] li jeċċedi l-enerġija ffrankata kumulattiva meħtieġa fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 u li l-Istati Membri jgħodduh għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2030 b'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;

(e) l-ammont kumulattiv totali ta' enerġija ffrankata (wara l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE.

3. Miżuri ta' politika pubblika b'kunsiderazzjoni tal-kisba tar-rekwiżit tal-iffrankar imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE:

3.1. Skemi ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2012/27/UE:

- (a) deskrizzjoni tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika;
- (b) l-iffrankar mistenni tal-ammont annwali u kumulattiv u d-durata tal-perijodu/i ta' obbligu;
- (c) il-partijiet obbligati u r-responsabbiltajiet tagħhom;
- (d) setturi fil-mira;
- (e) azzjonijiet eliġibbli pprovduti skont din il-miżura;

(f) informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva 2012/27/UE:

- (i) meta jkun applikabbli, azzjonijiet speċifiċi, sehem ta' ffrankar li jrid jinkiseb fl-unitajiet domestiċi affettwati minn faqar enerġetiku b'konformità mal-Artikolu 7(11);
- (ii) iffrankar miksub mill-fornituri tas-servizz tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħra b'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 7a(6);
- (iii) "operazzjonijiet bankarji u self" b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 7a(6);

(g) meta jkun rilevanti, informazzjoni dwar negozjar fl-iffrankar enerġetiku.

3.2 Miżuri alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr it-tassazzjoni):

- (a) tip ta' miżura politika;
- (b) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura politika, li tinkludi l-karatteristiċi tad-disinn għal kull miżura politika notifikata;
- (c) l-ammont kumulattiv u annwali totali mistenni ta' ffrankar għal kull miżura u/jew l-ammont tal-enerġija ffrankata fir-rigward ta' kwalunkwe perijodu intermedjarju;

- (d) l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni, il-partijiet tal-parteċipazzjoni jew fdati u r-responsabbiltajiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżura/i;
- (e) setturi fil-mira;
- (f) azzjonijiet eliġibbli pprovduti skont din il-miżura;
- (g) meta jkun applikabbli, miżuri ta' politika pubblika speċifiċi jew azzjonijiet individwali li jkollhom fil-mira l-faqar enerġetiku.

3.3. Informazzjoni dwar miżuri ta' tassazzjoni:

- (a) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura ta' tassazzjoni;
- (b) durata tal-miżura ta' tassazzjoni;
- (c) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni;
- (d) ammont kumulattiv u annwali mistenni ta' ffrankar għal kull miżura;
- (e) l-oqsma u s-settur tal-kontribwenti fil-mira;
- (f) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema elastiċitajiet tal-prezz huma użati u kif ikun ġew stabbiliti, b'konformità mal-punt (4) tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE.

4. Metodoloġija tal-kalkolu għal miżuri notifikati skont l-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr għall-miżuri ta' tassazzjoni):
- (a) metodi ta' kejl użati msemmija fil-punt 1 tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (b) metodu li jesprimi l-iffrankar enerġetiku (iffrankar ta' enerġija primarja jew finali);
 - (c) Ħajjet il-miżuri, ir-rata li biha l-iffrankar jonqos maż-żmien u l-approċċ użat sabiex titqies ħajjet l-iffrankar;
 - (d) deskrizzjoni fil-qosor tal-metodoloġija tal-kalkolu, li tinkludi kif jiġu żgurati l-addizzjonalità u l-materjalità tal-iffrankar u liema metodoloġiji u punti ta' riferiment qed jintużaw għall-iffrankar stmat u għall-iffrankar skalat;
 - (e) informazzjoni dwar kif il-possibbiltà ta' trikkib bejn il-miżuri u l-azzjonijiet individwali tiġi indirizzata biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-iffrankar enerġetiku;
 - (f) meta jkun rilevanti, varjazzjonijiet klimatiċi u l-approċċ użat.
5. Monitoraġġ u verifika
- (a) deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika u l-proċess tal-verifika;

- (b) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni u r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha għas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika fir-rigward tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika jew miżuri alternattivi;
- (c) l-indipendenza tal-monitoraġġ u l-verifika mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati;
- (d) proporzjon statistikament sinifikanti ta' miżuri ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-proporzjon u l-kriterji użati li jiddefenixxu u jagħżlu kampjun rappreżentattiv;
- (e) l-obbligi ta' rapportar għall-partijiet obbligati (iffrankar miksub minn kull parti obbligata, jew kull sottokategorija ta' parti obbligata, u t-total ta' kollox skont l-iskema).
- (f) pubblikazzjoni tal-iffrankar enerġetiku miksub (kull sena) skont l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika u miżuri alternattivi;
- (g) informazzjoni dwar il-liġi tal-Istat Membru rigward il-penali li jridu jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;
- (h) informazzjoni dwar il-miżuri ta' politika pprovduti fil-każ li l-progress ma jkunx sodisfaċenti.

ANNEX IV

QAFAS ĠENERALI GĦAL STRATEĠIJA FIT-TUL

1. STAMPA ĠENERALI U PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TAL-ISTRATEĠIJA
 - 1.1. Sommarju eżekuttiv
 - 1.2. Kuntest legali u politiku
 - 1.3. Konsultazzjoni pubblika
2. KONTENUT
 - 2.1. TNAQQIS TOTALI F'EMISSIONIJET TA' GHGs U TITJIB FL-ASSORBIMENTI MILL-BJAR
 - 2.1.1. Projezzjonijiet għal tnaqqis fl-emissjonijiet u titjib fl-assorbimenti sal-2050
 - 2.1.2. Mira nazzjonali għall-2030 u lil hinn, jekk tkun disponibbli, u tragwardi indikattivi għall-2040 u l-2050
 - 2.1.3. Politiki u miżuri ta' adattament
 - 2.2. ENERĠIJA RINNOVABBLI
 - 2.2.1 Skont kemm ikun fattibbli, is-sehem probabbli stmat ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija finali sal-2050

2.3. EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

2.3.1. Skont kemm ikun fattibbli, il-konsum probabbli stmat ta' enerġija sal-2050

2.4. KONTENUT RELATAT SPEĊIFIKU GĦAS-SETTUR

2.4.1. Sistema tal-enerġija

2.4.1.1. Trajettorja jew firxa tal-emissjonijiet futuri previsti jew probabbli

2.4.1.2. Deskrizzjoni ġenerali tal-motivaturi ewlenin tal-effiċjenza enerġetika, il-flessibbiltà tad-domanda u l-konsum tal-enerġija u l-evoluzzjoni tagħhom mill-2021 u lil hinn

2.4.2. Industrija

2.4.2.1. Tnaqqis mistenni fl-emissjonijiet skont is-settur u d-domanda tal-enerġija

2.4.2.2. Stampa ġenerali tal-politiki, il-pjanijiet u l-miżuri eżistenti għad-dekarbonizzazzjoni kif deskritti fil-punt 2.1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I

2.4.3. Trasport

2.4.3.1. Emissjonijiet mistennija u sorsi tal-enerġija skont it-tip ta' trasport (pereżempju karożżi u vannijiet, trasport b'vetturi tqal, trasport bil-baħar, avjazzjoni, ferrovija)

2.4.3.2. Għażliet għad-dekarbonizzazzjoni

2.4.4. Agrikoltura u użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u forestrija (LULUCF)

2.4.4.1. Skont kemm ikun fattibbli, l-emissjonijiet mistennija skont is-sorsi u l-GHG's individwali

2.4.4.2. L-għażliet previsti għat-tnaqqis fl-emissjonijiet

2.4.4.3. Rabtiet ma' politiki fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

3. FINANZJAMENT

3.1. Stim ta' investimenti meħtieġa

3.2. Politiki u miżuri għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati

4. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-ASPETTI SOĊJOEKONOMIĊI

5. ANNESSI (skont il-bżonn)

5.1. Dettalji dwar immudellar (inklużi preżunzjonijiet) u/jew analiżi, indikaturi eċċ.

ANNEX V

INFORMAZZJONI DWAR L-INVENTARJI TA' GHGs

Parti 1

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 26(3):

- (a) l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs elenkati fil-Parti 2 ta' dan l-Anness u l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-sena X-2;
- (b) data dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' monossidu tal-karbonju (CO), diossidu tal-kubrit (SO₂), ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u komposti organiċi volatili, konsistenti mad-data diġà rapportata b'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 għas-sena X-2;
- (c) l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs mis-sorsi u l-assorbimenti ta' CO₂ mill-bjar li jirriżultaw mil-LULUCF, għas-sena X-2, b'konformità mal-metodoloġiji speċifikati fil-Parti 3 ta' dan l-Anness. Din id-data għandha tkun rilevanti wkoll għar-rapport ta' konformità skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/841;
- (d) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għas-snin bejn is-sena jew perijodu bażi rilevanti u s-sena X-3, billi jiġu indikati r-raġunijiet għal dawk il-bidliet;
- (e) informazzjoni dwar l-indikaturi, kif stabbilit fil-Parti 4 ta' dan l-Anness, għas-sena X-2;

- (f) informazzjoni fil-qosor dwar trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 u l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2018/841 għas-sena X-1;
- (g) informazzjoni dwar il-passi meħuda sabiex jittejbu l-estimi tal-inventarju, b'mod partikolari f'oqsma tal-inventarju li kienu soġġetti għal aġġustamenti jew rakkomandazzjonijiet wara rieżamijiet esperti;
- (h) l-allokazzjoni reali jew stmata tal-emissjonijiet verifikati rapportati minn operatori tal-installazzjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-kategoriji tas-sors tal-inventarju nazzjonali għall-GHG u l-proporzjon ta' dawk l-emissjonijiet verifikati mal-emissjonijiet totali rapportati ta' GHGs f'dawk il-kategoriji tas-sors, għas-sena X-2;
- (i) meta jkun rilevanti, ir-riżultati tal-verifiki mwettqa dwar il-konsistenza tal-emissjonijiet rapportati fl-inventarji tal-GHG, għas-sena X-2, bl-emissjonijiet ivverifikati rapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE;
- (j) meta jkun rilevanti, ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq il-konsistenza tad-data użata biex jiġu stmata l-emissjonijiet bi tħejjija għall-inventarji tal-GHG, għas-sena X-2, ma':
 - (i) id-data użata biex jitħejjew l-inventarji tas-sustanzi li jniġġsu l-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284;

- (ii) id-data rapportata skont l-Artikolu 19(1) u l-Anness VII, tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- (iii) id-data dwar l-enerġija rapportata skont l-Artikolu 4, u l-Anness B, tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008;
- (k) deskrizzjoni tal-bidliet fis-sistema tal-inventarju nazzjonali tagħhom, jekk ikun hemm;
- (l) deskrizzjoni tal-bidliet fir-reġistru nazzjonali, jekk ikun hemm;
- (m) informazzjoni dwar l-assikurazzjoni tal-kwalità u l-pjanijiet tal-kontroll tal-kwalità tagħhom, valutazzjoni ġenerali tal-inċertezza, valutazzjoni ġenerali tal-kompletezza u, kwalunkwe element ieħor tar-rapport nazzjonali tal-inventarju ta' GHGs meħtieġ għat-tħejjija tar-rapport ta' inventarju tal-GHGs tal-Unjoni;
- (n) informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istat Membru li jagħmel użu mill-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 5(4) u (5) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 u dwar l-użu tad-dħul skont l-Artikolu 5(6) ta' dak ir-Regolament.

Stat Membru jista' jitlob li jingħata deroga mill-Kummissjoni mill-punt (c) tal-ewwel paragrafu biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fil-Parti 3 ta' dan l-Anness jekk fejn it-titjib tal-metodoloġija meħtieġ ma jistax jinkiseb fil-ħin biex jitqies it-titjib fl-inventarji tal-GHG's għall-perijodu 2021 sa 2030, jew fejn l-ispiża tat-titjib tal-metodoloġija jkun għoli b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji tal-applikazzjoni ta' tali metodoloġija biex tittejjeb il-kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minħabba l-importanza baxxa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mir-raggruppamenti ta' karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn din id-deroga għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, fejn jindikaw sa meta t-titjib tal-metodoloġija jista' jiġi implimentat, il-metodoloġija alternattiva proposta jew it-tnejn, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali fuq l-eżattezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f'perijodu ta' żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti deroga. Jekk il-Kummissjoni tiċħad it-talba, hija għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Parti 2

Il-GHG's li jridu jiġu koperti huma:

Diossidu tal-Karbonju (CO_2)

Metan (CH_4)

Ossidu Nitruż (N_2O)

Eżafworur tal-kubrit (SF_6)

Trifluworur tan-nitroġenu (NF_3)

Idrofluworokarburi (HFCs):

- HFC-23 CHF_3
- HFC-32 CH_2F_2
- HFC-41 CH_3F
- HFC-125 CHF_2CF_3
- HFC-134 CHF_2CHF_2
- HFC-134a CH_2FCF_3
- HFC-143 CH_2FCHF_2
- HFC-143a CH_3CF_3
- HFC-152 $\text{CH}_2\text{FCH}_2\text{F}$
- HFC-152a CH_3CHF_2
- HFC-161 $\text{CH}_3\text{CH}_2\text{F}$
- HFC-227ea $\text{CF}_3\text{CHFCF}_3$
- HFC-236cb $\text{CF}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{F}$
- HFC-236ea $\text{CF}_3\text{CHFCHF}_2$
- HFC-236fa $\text{CF}_3\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-245fa $\text{CHF}_2\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-245ca $\text{CH}_2\text{FCF}_2\text{CHF}_2$
- HFC-365mfc $\text{CH}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-43-10mee $\text{CF}_3\text{CHFCHFCF}_2\text{CF}_3$ jew ($\text{C}_5\text{H}_2\text{F}_{10}$)

Perfluworokarburi (PFCs):

- PFC-14, Perfluworometan, CF_4
- PFC-116, Perfluoroetan, C_2F_6
- PFC-218, Perfluworopropan, C_3F_8
- PFC-318, Perfluoročiklobutan, C_4F_8
- Perfluoročiklopropan, $\text{c-C}_3\text{F}_6$
- PFC-3-1-10, Perfluworobutan, C_4F_{10}
- PFC-4-1-12, Perfluworopentan, C_5F_{12}
- PFC-5-1-14, Perfluworoeżan, C_6F_{14}
- PFC-9-1-18, $\text{C}_{10}\text{F}_{18}$

Parti 3 – Metodoloġġi għall-monitoraġġ u r-rapportar fis-settur tal-LULUCF

Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Il-metodoloġġa tal-Grad 1 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jiffurma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li tkun prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu ikollha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' pajjiż ta' GHG f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġġa tal-Grad 2 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġġa tal-Grad 3, skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Parti 4 – Indikaturi tal-inventarju

Titlu tal-indikatur	Indikatur
TRASFORMAZZJONI B0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ ta' impjanti tal-enerġija pubbliċi u awtoprodutturi, t/TJ Emissjonijiet ta' CO₂ minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, kt diviżi bil-prodotti kollha – output minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, PJ
TRASFORMAZZJONI E0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ ta' impjanti awtoprodutturi, t/TJ Emissjonijiet ta' CO₂ minn awtoprodutturi, kt diviżi bl-output tal-prodotti kollha minn stazzjonijiet tal-enerġija termali awtoprodutturi, PJ
INDUSTRIJA A1.1	Intensità totali ta' CO₂ – industrija tal-ħadid u l-azzar, t/miljun euro Emissjonijiet totali ta' CO₂ minn ħadid u azzar, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija tal-ħadid u l-azzar
INDUSTRIJA A1.2	Intensità ta' CO₂ marbuta mal-enerġija – industrija kimika, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO₂ ta' industriji kimiċi marbuta mal-enerġija, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija kimika
INDUSTRIJA A1.3	Intensità ta' CO₂ marbuta mal-enerġija – ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO₂ marbuta mal-enerġija ħġieġ, fuħħar u materjal tal-bini, kt diviżi bil-valur gross miżjud – ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini

Titlu tal-indikatur	Indikatur
INDUSTRIJA A1.4	Intensità ta' CO₂ marbuta mal-enerġija – industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO₂ marbuta mal-enerġija mill-industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, miljun euro (EC95)
INDUSTRIJA A1.5	Intensità ta' CO₂ marbuta mal-enerġija – industrija tal-karta u tal-istampar, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO₂ marbuta mal-enerġija, kt – Valur gross miżjud – industrija tal-karta u tal-istampar, miljun euro (EC95)
UNITAJIET DOMESTIĊI A0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ tal-unitajiet domestiċi għat-tisħin tal-ispazju, t/m² Emissjonijiet ta' CO₂ tal-unitajiet domestiċi għat-tisħin tal-ispazju diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' djar okkupati b'mod permanenti, miljun m²
SERVIZZI B0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ tas-settur kummerċjali u istituzzjonali għal tisħin tal-ispazju, kg/m² Emissjonijiet ta' CO₂ minn tisħin tal-ispazji fil-qasam kummerċjali u istituzzjonali, kt diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' bini tas-servizzi, miljuni ta' m²
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tad-diżil relatati mas-CO ₂ ta' karożżi tal-passiġġieri, g/100 km
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tal-petrol relatati mas-CO ₂ ta' karożżi tal-passiġġieri, g/100 km

ANNEX VI

INFORMAZZJONI DWAR POLITIKI U MIŻURI FIL-QASAM TAL-EMISSIONIJET TA' GHGs

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18:

- (a) deskrizzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom għal rapportar dwar politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, u għal rapportar dwar projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropogeni ta' GHGs minn sorsi u assorbimenti minn bjar b'konformità mal-Artikolu 39(1) jew informazzjoni dwar kull bidla magħmula lil dik is-sistema fejn tkun diġà ġiet fornuta deskrizzjoni b'hal dik;
- (b) aġġornamenti rilevanti għall-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15 u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk l-istrateġiji;
- (c) informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali, jew gruppi ta' miżuri, u dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni, jew gruppi ta' miżuri li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHGs mis-sorsi jew li jsaħħu l-assorbiment mill-bjar, ippreżentata fuq bażi settorjali u organizzata skont il-gass jew grupp tal-gassijiet (HFCs u PFCs) elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V. Dik l-informazzjoni għandha tirreferi għal politiki nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u rilevanti u għandha tinkludi:
 - (i) l-oġettiv tal-politika jew tal-miżura u deskrizzjoni qasira tal-politika jew tal-miżura;

- (ii) it-tip ta' strument politiku;
- (iii) l-istatus tal-implimentazzjoni tal-politika jew miżura jew grupp ta' miżuri;
- (iv) indikaturi użati biex jagħmlu monitoraġġ u jevalwaw il-progress matul iż-żmien;
- (v) meta jkunu disponibbli, stimi kwantitattivi tal-effetti fuq l-emissjonijiet minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' GHGs li jitqassmu fi:
 - ir-riżultati tal-valutazzjonijiet ex ante tal-effetti ta' politiki u miżuri individwali, jew gruppi tagħhom, fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-istimi għandhom jiġu provduti għal sekwenza ta' erba' snin futuri li jispiċċaw b'0 jew 5 immedjatement wara s-sena ta' rapportar sussegwenti, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet ta' GHGs koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
 - ir-riżultati tal-valutazzjonijiet ex post dwar l-effetti ta' politiki u miżuri individwali jew gruppi tagħhom fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta jkunu disponibbli, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet ta' GHGs koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
- (vi) stimi disponibbli tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri proġettati kif ukoll stimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri realizzati;

- (vii) ir-referenzi kollha eżistenti għall-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-effetti tal-politiki u l-miżuri nazzjonali, għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHGs mis-sorsi jew itejbu l-assorbimenti mill-bjar u għar-rapporti tekniċi sottostanti;
 - (viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew miżura għall-kisba tal-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;
 - (d) informazzjoni dwar politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, nazzjonali addizzjonali ppjanati previsti bil-ħsieb li jillimitaw l-emissjonijiet ta' GHGs lil hinn mill-impenji tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
 - (e) informazzjoni rigward ir-rabtiet ta' bejn politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, differenti rapportati skont il-punt (c) u l-mod kif politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, bħal dawn jikkontribwixxu għal xenarji ta' projezzjoni differenti.
-

ANNEX VII

INFORMAZZJONI DWAR IL-PROJEZZJONIJIET FIL-QASAM TAL-EMISSIONIJIET TA' GHGs

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18:

- (a) projezzjonijiet mingħajr miżuri meta jkunu disponibbli, projezzjonijiet bil-miżuri, u, meta jkunu disponibbli, projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali;
- (b) projezzjonijiet tat-total ta' GHGs u stimi separati għall-emissionijiet ta' GHGs projettati għas-sorsi tal-emissionijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mir-Regolament (UE) 2018/842 u l-emissionijiet projettati mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar skont ir-Regolament (UE) 2018/841;
- (c) l-impatt tal-politiki u l-miżuri identifikati skont il-punt (a) tal-Artikolu 18(1). Meta tali politiki u miżuri ma jkunux inklużi, dan għandu jiġi ddikjarat u spjegat b'mod ċar;
- (d) riżultati tal-analiżi ta' sensitività mwettqa fuq il-projezzjonijiet u informazzjoni dwar il-mudelli u l-parametri użati;
- (e) ir-referenzi rilevanti kollha għall-valutazzjoni u r-rapporti tekniċi li jissostanzjaw il-projezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 18(4).

ANNESS VIII

INFORMAZZJONI DWAR AZZJONIJIET TA' ADATTAMENT NAZZJONALI,
APPOĠĠ FINANZJARJU U TEKNOLOĠIKU
PPROVDUT GĦALL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW
U DĦUL MILL-IRKANTAR

Parti 1

Rapportar dwar azzjonijiet ta' adattament

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(1):

- (a) il-miri ewlenin, l-oġettivi u l-qafas ta' ħidma istituzzjonali għal adattament;
- (b) projezzjonijiet tat-tibdil fil-klima, li jinkludu l-estremi tat-temp, l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u r-riskji u perikli klimatiċi ewlenin;
- (c) kapaċità ta' adattament;
- (d) pjanijiet u strateġiji ta' adattament;
- (e) qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;
- (f) progress magħmul fl-implimentazzjoni, li jinkludi prattiċi tajbin u bidliet fil-governanza.

Parti 2

Rapportar dwar appoġġ ipprovdut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(3):

- (a) informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju mwiegħed u fornut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw għas-sena X-1, li jinkludu:
 - (i) informazzjoni kwantitattiva dwar riżorsi finanzjarji pubbliċi u mobilizzati mill-Istat Membru. L-informazzjoni dwar il-flussi finanzjarji trid tkun ibbażata fuq dawk li huma magħrufa bħala l-"markaturi ta' Rio" għal appoġġ relatat mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u appoġġ relatat mal-adattament għat-tibdil fil-klima u sistemi oħra ta' intraċċar introdotti mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD;
 - (ii) informazzjoni metodoloġika kwalitattiva li tispjega l-metodu użat biex tiġi kkalkulata l-informazzjoni kwantitattiva, li tinkludi spjegazzjoni tal-metodoloġija għall-ikkwantifikar tat-data tagħhom, u meta jkun rilevanti, informazzjoni oħra dwar id-definizzjonijiet u l-metodoloġiji użati għad-determinazzjoni ta' kwalunkwe ċifra, b'mod partikolari għall-informazzjoni rapportata dwar flussi finanzjarji mobbli;

- (iii) informazzjoni disponibbli dwar attivitajiet mill-Istat Membru relatata ma' proġetti ta' trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament u proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC, li jinkludi jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità ntużax għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-pajjiż riċevitur, l-ammont ta' appoġġ ipprovdut meta jkun possibbli, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità;
- (b) Informazzjoni disponibbli għas-sena X u s-snin sussegwenti dwar id-dispożizzjoni ppjanata ta' appoġġ, li tinkludi informazzjoni dwar attivitajiet ipplanati relatati ma' proġetti ta' trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament jew proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC u għal teknoloġiji li jridu jiġu trasferiti u proġetti li jibnu l-kapaċità, li jinkludu jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità kienx maħsub għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-pajjiż riċevitur, l-ammont ta' appoġġ li għandu jkun ipprovdut meta jkun possibbli, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità.

Parti 3

Rapportar dwar introjtu minn irkant

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(2):

- (a) informazzjoni dwar l-użu tal-introjtu matul is-sena X-1 iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża informazzjoni dwar introjtu bħal dan li ntuża għal wieħed mill-iskopijiet jew aktar speċifikati fl-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak l-introjtu, u l-azzjonijiet meħuda skont dak l-artikolu;
- (b) informazzjoni dwar l-użu, kif determinat mill-Istat Membru, tad-dħul kollu iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE, li għandha tingħata b'konformità mal-Artikolu 3d(4) ta' dik id-Direttiva;

Id-dħul mill-irkantar mhux żburżat fiż-żmien li Stat Membru jissottometti rapport lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(2) għandu jiġi kwantifikat u rapportat fir-rapporti għas-snin sussegwenti.

ANNEX IX

OBBLIGI TA' RAPPORTAR ADDIZZJONALI

Parti 1

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża skont il-punt (c) tal-Artikolu 20:

- (a) il-funzjonament tas-sistema ta' garanziji ta' oriġini għall-elettriku, il-gass, it-tiżnin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli, il-livelli ta' ħruġ u l-kanċellazzjoni ta' garanziji ta' oriġini u l-konsum annwali nazzjonali li jirriżulta tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll il-miżuri meħuda sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-ħarsien minn frodi tas-sistema;
- (b) l-ammonti ta' bijokarburanti, bijogass, karburanti tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, karburanti tal-karbonju riċiklat u elettriku rinnovabbli kkonsmati fis-settur tat-trasport u, meta jkun rilevanti, il-prestazzjoni tal-ffrankar tal-gassijiet serra tagħhom, b'distinzzjoni bejn il-karburanti prodotti minn tipi differenti ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf u kull tip ta' materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (c) żviluppi fid-disponibbiltà, oriġini u użu tar-riżorsi tal-bijomassa għal finijiet ta' enerġija;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (d) bidliet fil-prezzijiet tal-komoditajiet u fl-użu tal-art fl-Istat Membru assoċjat mal-użu miżjud tiegħu tal-bijomassa u forom oħra ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;
- (e) il-produzzjoni eċċessiva stmata tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tista' tiġi ttrasferita lejn Stati Membri oħra sabiex dawn jikkonformaw mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺ u jiksibu l-kontribuzzjonijiet u t-trajettorji nazzjonali msemmija fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
- (f) meta jkun applikabbli, id-domanda stmata għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli li għandha tiġi sodisfatta b'mezzi oħra għajr il-produzzjoni domestika sal-2030, li jinkludi l-materja prima ta' bijomassa importata;
- (g) L-iżvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijokarburanti magħmula mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺;
- (h) meta jkun disponibbli, l-impatt stmat tal-produzzjoni jew l-użu tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-kwalità tal-arja fl-Istat Membru;
- (i) każijiet osservati ta' frodi fil-katina ta' kustodja tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa;
- (j) informazzjoni dwar kif kien stmat is-sehem ta' skart bijodegradabbli fi skart użat biex tiġi prodotta l-enerġija, u x'passi ttieħdu biex jittejjbu u jkunu vverifikati dawk l-istimi;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (k) ġenerazzjoni ta' sħana u elettriku mill-enerġija rinnovabbli fil-bini, inkluża data diżaggregata dwar l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltajċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll is-sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati l-oħrajn kollha;
- (l) meta jkun applikabbli, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet u fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;
- (m) forniment primarju ta' bijomassa solida (f'1 000 m³, għajr fir-rigward tal-punt (1)(b)(iii), li ser ikun ipprovdut f'tunnellati)
 - (1) Il-biomassa tal-foresta użata għall-produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika u importazzjoni)
 - (a) Biomassa primarja mill-foresta użata direttament għall-produzzjoni tal-enerġija
 - (i) Meta jkunu disponibbli, friegħi u qċaċet tas-siġar (ir-rapportar huwa volontarju)
 - (ii) Meta jkun applikabbli, biċċiet tas-siġar li jibqgħu fl-art wara l-qtugħ (ir-rapportar huwa volontarju)
 - (iii) Injam tond (maqsum f'injam tond industrijali u injam għall-karburant)

- (b) Meta jkun applikabbli, koprodotti tal-industrija bbażati fuq il-foresti użati direttament għall-enerġija
 - (i) Meta jkun applikabbli, qoxra tas-siġar
 - (ii) Ċipep, serratura u partiċelli oħra tal-injam
 - (iii) Meta jkun applikabbli, likur iswed u żejt tal-arżnu mhux maħdum
- (c) Meta jkun disponibbli, injam ta' wara l-konsum li jintuża direttament għal produzzjoni tal-enerġija
- (d) Fjuwil abbażi ta' injam proċessat, prodott minn materja prima mhux ikkontemplata fil-punt (1)(a), (b) jew (c):
 - (i) Meta jkun applikabbli, faħam tal-injam
 - (ii) Gerbub tal-injam u maltunelli tal-injam
- (2) Meta tkun disponibbli, il-bijomassa agrikola użata għal produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)
 - (a) Għelejjel tal-enerġija għall-elettriku jew it-tiġin (inklużi msaġar ta' rotazzjoni qasira)
 - (b) Residwi tal-għelejjel agrikoli għall-elettriku jew it-tiġin

- (3) Meta tkun disponibbli, il-bijomassa ta' skart organiku għall-produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)
 - (a) Frazzjoni organika għal skart industrijali
 - (b) Frazzjoni organika għal skart municiipali
 - (c) Hama tal-iskart
- (n) konsum ta' enerġija finali ta' bijomassa solida (ammont ta' bijomassa solida użata għall-produzzjoni tal-enerġija fis-setturi li ġejjin):
 - (1) Settur tal-enerġija
 - (a) Elettriku
 - (b) Sħana u enerġija kkombinati
 - (c) Sħana
 - (2) Settur industrijali intern (elettriku kkonsmat u awtoprodott, CHP u tisħin)
 - (3) Konsum finali dirett residenzjali
 - (4) Oħrajn

Parti 2

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża skont il-punt (c) tal-Artikolu 21:

- (a) politiki maġġuri leġislattivi u mhux leġislattivi, miżuri, miżuri finanzjarji u programmi implimentati fis-sena X-2 u X-1 (b'X bħala s-sena meta r-rapport ikun dovut) sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħhom – imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 4 – li jippromwovu s-swieq ta' servizz tal-enerġija, it-titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini, il-miżuri li jutilizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika għall-infrastruttura tal-gass u l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ, it-titjib tal-informazzjoni u l-kwalifika, miżuri oħra sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;
- (b) l-ammont kumulattiv ta' enerġija ffrankata permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE fis-snin X-3 u X-2;
- (c) l-ammont ta' ffrankar miksub mill-miżuri mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku b'konformità mal-Artikolu 7(11) tad-Direttiva 2012/27/UE;

- (d) meta jkun applikabbli, l-ammont ta' ffrankar miksub b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (e) progress f'kull settur u r-raġunijiet għaliex il-konsum tal-enerġija baqa' stabbli jew kien qed jikber fis-sena X-3 u X-2 fl-oqsma ta' konsum tal-enerġija finali;
- (f) erja totali tal-pavimentar tal-bini b'erja totali ta' pavimetar utli 'l fuq minn 250 m² proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li, fl-1 ta' Jannar tas-sena X-2 u X-1, ma tkunx issodisfat ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (g) erja totali tal-pavimentar ta' bini msaħħan u/jew mkessaħ proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li kien rinnovat fis-sena X-3 u X-2 imsemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE jew l-ammont ta' enerġija ffrankata fil-bini eliġibbli proprjetà tal-gvern ċentrali tagħhom u okkupata minnu kif jissemma fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (h) għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa fis-sena X-3 u X-2. Barra minn hekk l-għadd totali stmat ta' kumpaniji kbar fit-territorju tagħhom li għalihom huwa applikabbli l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa f'dawk l-intrapriżi fis-sena X-3 u X-2;

- (i) il-fattur tal-enerġija primarja nazzjonali applikat għall-elettriku u ġustifikazzjoni jekk dan ikun differenti mill-koeffiċjent prestabbilit imsemmi fin-nota (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (j) l-għadd u l-erja ta' pavimentar ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija fis-sena X-2 u X-1, kif previst fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE, ibbażat fuq kampjunar statistiku meta jkun hemm bżonn;
 - (k) il-link tal-internet għas-sit web fejn wieħed jista' jaċċessa l-lista jew l-interfaċċa ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.
-

ANNEX X

RAPPORT DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOENERĠJA TAL-UNJONI

Ir-rapport tal-UE dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija minn enerġija li ġejja mill-bijomassa li jrid jiġi adottat kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont il-punt (d) tal-Artikolu 35(2), għandu jkun fih bħala minimu l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-benefiċċji u l-ispejjeż ambjentali relattivi ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa differenti, l-effetti tal-politiki ta' importazzjoni tal-Unjoni fuqhom, is-sigurtà tal-implikazzjonijiet tal-provvista u l-modi kif jinkiseb approċċ bilanċjat bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet;
- (b) l-impatt fuq il-produzzjoni u l-użu ta' bijomassa fuq is-sostenibbiltà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, li jinkludu impatti fuq il-biodiversità;
- (c) data u analiżi tad-disponibbiltà u d-domanda attwali u projettata tal-bijomassa sostenibbli, li jinkludu l-impatt ta' domanda ogħla għall-bijomassa fuq setturi li jużaw il-bijomassa;
- (d) l-iżvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijokarburanti magħmula mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺, u valutazzjoni tal-effett tad-disponibbiltà tal-għalf u l-kompetizzjoni fir-riżorsi b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (e) informazzjoni dwar ir-riżultati tar-riċerka xjentifika disponibbli, u l-analiżi taġġhom dwar it-tibdil indirett fl-użu tal-art fir-rigward tal-mezzi ta' produzzjoni kollha, akkumpanjata minn valutazzjoni dwar jekk il-firxa ta' inċertezza identifikata fl-analiżi sottostanti għall-istimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art tistax titnaqqas, u jekk jistax jittqies l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli;
- (f) fir-rigward kemm ta' pajjiżi terzi kif ukoll Stati Membri li huma sors sinifikanti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa kkonsmati fl-Unjoni, dwar miżuri nazzjonali meħuda biex jirrispettaw l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kriterji ta' ffrankar ta' GHGs stabbilit fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10), tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺, għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja; u
- (g) informazzjoni aggregata mill-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺.

Fir-rapportar dwar l-iffirankar tal-emissjonijiet ta' GHGs mill-użu tal-bijomassa, il-Kummissjoni għandha tuża l-ammonti rapportati mill-Istati Membri skont il-punt (b) tal-Parti 1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament, inkluż il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati fil-bidla fl-użu indirett tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività kif stabbilit fl-Anness VIII tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament id-data dwar il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk u kif tinbidel l-istima tal-iffirankar dirett fuq l-emissjonijiet jekk jittieħed kont tal-ko-prodotti bl-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

ANNESS XI

SKEMI VOLONTARJI LI FUQHOM IL-KUMMISSJONI ADOTTAT DEĊIŻJONI SKONT L-ARTIKOLU 30(4) TAD-DIRETTIVA (UE) 2018/... ⁺

Ir-rapport dwar skemi volontarji li fuqhom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/...⁺, li għandu jiġi adottat darba kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont il-punt (e) tal-Artikolu 35(2) ta' dan ir-Regolament, għandu jkun fih, bħala minimu, l-analiżi tal-Kummissjoni ta' dawn li ġejjin:

- (a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dak espress dwar dawk l-aspetti fid-dokumentazzjoni tal-iskema, meta l-iskema kkonċernata ġiet approvata mill-Kummissjoni, kif ukoll fir-rigward tal-aħjar prattiki tal-industrija;
- (b) id-disponibbiltà, l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' aġir ħażin serju min-naħa tal-membri tal-iskema;
- (c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operatori ċċertifikati u ċċertifikati rilevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-COD 2016/0382 (enerġija rinnovabbli).

- (d) l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditi u t-tweġiba għall-kontributi tagħhom;
- (e) ir-robustezza ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl tar-regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;
- (f) meta jkunu disponibbli, l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u l-bijokarburanti iċċertifikati, skont il-pajjiż tal-orijini u t-tip, l-għadd ta' parteċipanti;
- (g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' intraċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membri/i tagħha, tali sistema intenzjonata li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni kontra attività frodulent bil-ħsieb, b'mod partikolari, tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn jixraq, l-għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati;
- (h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jagħmlu monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (i) kriterji għar-rikonoxximent jew l-akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (k) modi biex jiffaċilitaw jew itejbu l-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

ANNEX XII

SISTEMI TA' INVENTARJU NAZZJONALI

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 37 tinkludi li ġej:

- (a) id-data u l-metodi rapportati għall-attivitajiet u l-installazzjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali tal-GHG's sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-emissjonijiet ta' GHGs irrapportati skont l-iskema tal-EU-ETS u fl-inventarji nazzjonali tal-GHG's;
- (b) data miġbura permezz tas-sistemi ta' rapportar dwar gassijiet fluworurati fis-setturi rilevanti, stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-GHG's;
- (c) emissjonijiet, data sottostanti u metodoloġiji rapportati mill-faċilitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-GHG's;
- (d) id-data rapportata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008;
- (e) data miġbura permezz ta' intraċċar ġeografiku fuq żoni tal-art fil-kuntest tal-programmi u stħarriġ eżistenti tal-Unjoni u l-Istati Membri, inkluż l-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta LUCAS u l-Programm Copernicus.

ANNEX XIII

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (UE) Nru 525/2013	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1(1)
Artikolu 2	—
Artikolu 3	—
Artikolu 4	Artikolu 15
Artikolu 5	Artikolu 37(1), (2) u (6); Annex XII
Artikolu 6	Artikolu 37(3) u (7)
Artikolu 7	Artikolu 26(3), (4),(6) u (7); Annex V
Artikolu 8	Artikolu 26(2) u (7)
Artikolu 9	Artikolu 37(4) u (5)
Artikolu 10	Artikolu 40
Artikolu 11	—
Artikolu 12	Artikolu 39
Artikolu 13	Artikolu 18(1)(a) u Artikolu 18(3) u (4); Annex VI
Artikolu 14	Artikolu 18(1)(b) u Artikolu (2), (3) u (4); Annex VII
Artikolu 15	Artikolu 19(1); Annex VIII, Parti 1

Regolament (UE) Nru 525/2013	Dan ir-Regolament
Artikolu 16	Artikolu 19(3) u Anness VIII, Parti 2
Artikolu 17	Artikolu 19(2), (4) u (5); Anness VIII, Parti 3
Artikolu 18	Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 19	—
Artikolu 20	—
Artikolu 21	Artikolu 29(1)(c) u Artikolu 29(5) u(7)
Artikolu 22	—
Artikolu 23	Artikolu 41(1)(d), (e), (f), (g) u (h)
Artikolu 24	Artikolu 42
Artikolu 25	—
Artikolu 26	Artikolu 44(1)(a) u Artikolu 44(2), (3) u (6)
Artikolu 27	—
Artikolu 28	Artikolu 57
Artikolu 29	—